# Kapitlu Sebgħa


| | |
|---|---|
| Indiċi | 258 |
| | |
| Kapitlu Sebgħa | 263 |
| Is-Snin Disgħin | 263 |
| L-1990 | 263 |
| Il-Każ GB-Inno-BM | 263 |
| Aktar Ftehim u Laqgħat | 263 |
| Kunsill Speċjali ġewwa Dublin | 263 |
| Il-Parlamant Ewropew kontra l-Kunsill | 264 |
| Għajnuna Finanzjarja u Karta Oħra | 264 |
| L-Iffirmar tal-Ftehim Xengen | 264 |
| Taħdidiet Dwar it-Twaqqif ta' l-Area Ekonomika Ewropea | 265 |
| Kunsill Ewropew ġewwa Dublin | 267 |
| L-Ewwel Fażi ta' l-Ghaqda Ekonomika u Monetarja | 267 |
| L-Applikazzjoni ta' Ċipru | 267 |
| Malta tapplika biex issir Membru | 268 |
| L-ghaqda tal-Ġermanja | 268 |
| Lura lejn l-Unjoni Ewropea | 270 |
| Kunsill Ewropew ġewwa Ruma | 270 |
| | |
| Is-Sena 1991 | 271 |
| Konferenza Inter-Ministerjali | 271 |
| Kunsill Ewropew fil-Lussemburgu | 271 |
| Kunsill Ewropew ieħor ġewwa l-Lussemburgu | 271 |
| Laqgħa Għolja Oċċidentali | 271 |
| Il-Każ Stoeckel | 272 |
| Ikomplu l-Iżviluppi | 273 |
| Konferenza tal-Paċi fil-Lvant Nofsani | 273 |
| Il-Każ Francovich | 273 |
| Aktar Passi Lejn Stat Federali | 274 |
| It-Trattat ta' Maastricht fuq l-Unjoni Ewropea | 274 |
| Aktar Ftehim | 274 |
| Direttiva tal-Kunsill 91/674/EEC | 274 |
| Mix-Xena Internazzjonali | 275 |
| | |
| Is-Sena 1992 | 276 |
| It-Twaqqif ta' l-Unjoni Ewropea | 276 |
| Aktar Karti | 276 |
| Aktar Applikazzjonijiet | 277 |
| Il-Ftehim ta' l-Area Ekonomika Ewropea | 277 |
| It-Trattat ta' Maastricht | 278 |
| Il-Qasam Internazzjonali u Aktar Passi Lejn Stat Federali | 279 |
| Referendum | 279 |
| Direttiva tal-Kunsill 92/49/EEC | 280 |
| Direttiva tal-Kunsill 92/51/EEC | 280 |
| Jibdew ir-Ratifiki tat-Trattat ta' Mastricht | 281 |
| Laqgħa Għolja Oċċidentali | 281 |
| Komunita' il-Bogħod miċ-Ċittadini | 282 |

| | |
|---|---|
| In-Norveġja tapplika biex issir Membru | 282 |
| Karta fuq il-Politika tat-Trasport Komuni | 282 |
| Kunsill Ewropew ġewwa Edinburgh | 283 |
| | |
| L-1993 | 284 |
| Ftehim Oħra ta' Kummerċ | 284 |
| It-Tieni referendum fid-Danimarka | 284 |
| Ipokrezija Ewropea | 284 |
| Kunsill Ewropea ġewwa Kopenħagen | 285 |
| Żviluppi Oħra | 285 |
| Aktar Karti | 286 |
| Laqgħa Għolja tal-Kunsill ta' l-Ewropa | 286 |
| Laqgħa bejn l-Istituzzjonijiet | 286 |
| Trasparenza | 286 |
| Sussidjarjeta' | 287 |
| Ko-Deċiżjoni | 287 |
| Kunsill Ewropew ġewwa Brussell | 287 |
| It-Trattat ta' Maastricht jidħol fis-Seħħ | 288 |
| Politika Soċjali Ewropea | 288 |
| Tkabbir, Kompetittivita' u Mpjiegi | 288 |
| Kodiċi ta' Kondotta | 289 |
| Kunsill Ewropew ġewwa Brussell | 289 |
| | |
| 1994 | 290 |
| Frodi | 290 |
| Sessjoni Inawgurali | 290 |
| Laqgħa Informali ġewwa Joannina | 290 |
| Negozjati u Applikazzjoni | 290 |
| Azzjoni Flimkien | 291 |
| Żviluppi Oħra | 291 |
| Aktar Ftehim | 291 |
| Kunsill Ewropew ġewwa Korfu | 292 |
| Il-Każ Paola Faccini Dori | 292 |
| Laqgħa Straordinarja tal-Kunsill Ewropew | 293 |
| Karta Oħra fuq il-Politika Soċjali Ewropea | 293 |
| Aktar Referenda | 293 |
| Aktar Laqgħat | 294 |
| Il-Problema ta' Tkabbir, Kompetittivita' u Mpjiegi | 294 |
| Konklużjonijiet, Regolamenti u Direttivi | 295 |
| | |
| Is-Sena 1995 | 296 |
| Telekomunikazzjonijiet u Televiżjoni bil-Kabel | 296 |
| Il-Każ Bordessa | 296 |
| Konferenza Ministerjali tal-G7 | 296 |
| L-Unjoni Ewropea fil-Qasam tat-Turiżmu | 297 |
| Programm Info 2000 | 298 |
| Trattat kontra t-Tixrid ta' l-Armi Nukleari | 298 |
| Karta fuq il-Munita Ewropea | 298 |
| Aktar Ftehim | 299 |
| Aktar Applikazzjonijiet għas-Sħubija | 299 |

| | |
|---|---|
| Kunsill Ewropew ġewwa Cannes | 299 |
| Żviluppi Oħra | 299 |
| Il-Konvenzjoni Ewropol u l-Visa | 300 |
| Il-Każ Kalanke | 301 |
| Aktar Ftehim | 301 |
| Il-Każ Francovich | 301 |
| Aktar Karti | 302 |
| Il-Każ Gebhard | 302 |
| Il-Każ Bosman | 303 |
| Kunsill Ewropew ġewwa Madrid | 303 |
| | |
| L-1996 | 304 |
| Tapplika r-Repubblika Ċeka | 304 |
| Flus Jisparixxu | 304 |
| Karta Oħra | 305 |
| Ftehim Oħra | 305 |
| Livell Internazzjonali | 305 |
| Il-Każ Brasserie de Pecheur u Factortame | 306 |
| Aktar Karti | 308 |
| Il-Każ "Il-Kummissjoni kontra Franza" | 308 |
| Il-Baqra l-Miġnuna | 309 |
| Konferenza Intergovernmentali ġewwa Turin | 309 |
| Laqgħat Internazzjonali | 310 |
| Tliet Ftehim Oħra | 310 |
| Karti Oħra | 310 |
| Il-Każ Hedley Lomas | 311 |
| Aktar Ftehim ma Pajjiżi Oħra | 312 |
| L-Applikazzjoni tas-Slovenja | 312 |
| Konferenza Tripartita dwar ix-Xogħol | 312 |
| Il-Baqra l-Miġnuna fil-Kunsill ta' Firenze | 312 |
| Aktar Karti mill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea | 313 |
| Il-Qasam Internazzjonali | 313 |
| Il-Kunsill fuq il-Mini ta' Kontra l-Persuni | 314 |
| Aktar Karti | 315 |
| Aktar Żviluppi | 316 |
| Ix-Xiri Pubbliku | 316 |
| Internazzjonali | 317 |
| Ftehim Ieħor | 318 |
| Kunsill Ewropew ġewwa Dublin | 318 |
| | |
| Is-Sena 1997 | 319 |
| Is-Sena tibda bil-Karti | 319 |
| Stqarrija u Ftehim Ieħor | 319 |
| Il-Każ tal-Pensjonijiet | 320 |
| Protokoll dwar l-Afrika t'Isfel u Ftehim Oħra | 320 |
| Aktar Deċiżjonijiet mill-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea | 321 |
| Razziżmu u Xenofobja | 321 |
| Pożizzjoni Komuni dwar l-Albanija | 322 |
| Aktar Ħidma mill-Kummissjoni | 322 |
| Aktar Karti | 322 |

Il-Kunsill Ewropew ta’ Amsterdam 322
Il-Kummissjoni dwar il-Privattivi 323
Aġenda 2000 323
Kunsill Straordinarju ta’ Għaqda Militari 324
Konferenza tad-Donaturi 325
Qbil dwar it-Trattat ta’ Amsterdam 325
Il-Każ Helmutt Marschall 325
Kunsill Straordinarju fuq l-Impjiegi 326
Aktar Karti mill-Kummissjoni 326
Il-Konferenza ta’ Kjoto dwar il-Klima 327
Ipprojbiti r-Reklami tat-Tabakk 327
Ftehim mal-Messiku 328
Kunsill Ewropew fil-Lussemburgu 328

Is-Sena 1998 tibda bil-Ftehim 329
Direttiva 98/5/EC 330
Konferenza Ewropea 330
Il-Munita’ Ewro 331
Il-Każ Greenpeace 331
Il-Każ Kohll u Decker 331
Il-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira fl-Irlanda 332
Il-Ftehim ta’ Kartaġena 333
Kunsill Speċjali u l-Ewro 333
Ratifika tat-Trattat ta’ Amsterdam 334
Il-Każ Martinez Sala 334
Ikomplu Jonqsu d-drittijiet ta’ l-Istati Membri 336
Il-Bank Ċentrali Ewropew 336
Emendi għar-Raba’ Konvenzjoni ta’ Lome’ 336
Il-Problema tad-Droga 337
Kunsill Ewropew ġewwa Cardiff 337
Inklużjoni Soċjali 338
Tħassib mill-Kunsill 339
Il-Konvenzjoni ta’ Aarħus 339
Il-Każ Mary Brown 339
Jidħlu fis-Seħħ aktar Ftehim 342
Aktar Karti mill-Kummissjoni Ewropea 342
Il-Ġlieda kontra l-Frodi 343
Tidħol fis-Seħħ il-Konvenzjoni Ewropol 343
Aktar Żviluppi 344
Eżami mill-Qorti ta’ l-Awdituri 344
Karta fuq il-Frekwenzi 344
Kunsill Ewropew ġewwa Vjenna 345
Linji ta’ Gwida għall-Impjiegi 345
Arranġamenti għall-Ewro 346
Pjan ta’ Azzjoni 346
Rapport Speċjali dwar in-Nisa 346

Is-Sena 1999 347
Aktar Ratifiki għat-Trattat ta’ Amsterdam 347
Il-Każ Calfa 348

| | |
|---|---|
| Aktar Karti mill-Kummissjoni | 349 |
| Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Kummissjoni | 349 |
| Il-Każ tal-Ġobon Feta | 350 |
| Kunsill Ewropew Speċjali | 351 |
| It-Tielet Konferenza Ewro-Mediterranja | 351 |
| Pożizjoni Komuni mill-Kunsill | 352 |
| Karta mill-Kummissjoni fuq il-Kompetizzjoni | 353 |
| Aktar Passi lejn il-Federaliżmu | 353 |
| Ħafna Żviluppi Matul Ġunju | 353 |
| Il-Kunsill u d-Diossina | 354 |
| Laqgħa Għolja Unjoni Ewropea – Kanada | 355 |
| Laqgħa Għolja tal-G8 | 355 |
| Laqgħa Għolja Unjoni Ewropea – Ġappun | 356 |
| Laqgħa Għolja Unjoni Ewropea – Stati Uniti | 356 |
| Id-Dikjarazzjoni ta' Rio | 357 |
| Miżuri minħabba d-Diossina | 358 |
| Laqgħa mal-Pajjiżi Kandidati | 358 |
| Il-Kummissjoni u ċ-Ċanga | 358 |
| Żviluppi Oħra | 359 |
| Pornografija | 359 |
| Il-Corpus Juris u l-Kunsill ta' Tampere | 359 |
| L-Ossessjoni tad-Difiża | 360 |
| Laqgħa Għolja Unjoni Ewropea – Russja | 361 |
| Il-Każ Sirdar | 361 |
| Żviluppi Oħra | 361 |
| Kunsill Ewropew ġewwa Ħelsinki | 362 |
| Laqgħa Għolja Unjoni Ewropea – Kanada | 362 |
| Laqgħa Għolja Unjoni Ewropea – Stati Uniti | 362 |
| Rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri | 363 |
| Laqgħa Għolja Unjoni Ewropea – Ċina | 363 |

# Kapitlu Sebgħa
# Is-Snin Disgħin

## L-1990

Is-sena 1990 bdiet bil-Presidenza tal-Kunsill tgħaddi għand l-Irlanda, waqt li fid-9 tax-xahar, Aldo Angioi kien elett bħala l-President tal-Qorti ta' l-Awdituri. L-elf laqgħa tal-Kummissjoni kienet saret fl-1 ta' Frar.

## Il-Każ GB-Inno-BM[1]

Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea tat sentenza li biha kompliet uriet kemm il-liġijiet ta' l-Istati Membri ma jiswew xejn għax tgħodd biss il-liġi ta' l-Unjoni Ewropea. Is-sentenza f'dan il-każ kienet ingħatat fis-7 ta' Marzu u kienet dwar reklami.

Certi Stati kellhom kontroll fuq ir-reklami li jistgħu jsiru. Wieħed malajr jifhem għaliex, għax jekk dawk ir-reklami jkunu meqjusa li, bħala eżempji, joffendu r-reliġjon jew jekk ikunu dwar mezzi ta' kontroll tat-twelid, sess u affarijiet oħra fejn dawn ma jkunux imħollija fil-pajjiż, ma kinux jitħallew jiġu reklamati.

Madankollu, f'dan il-każ, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kienet iddeċidiet li dan ma jistax isir.

Hija ddikjarat li liġi nazzjonali li ma kinitx tħalli li jsiru reklami dwar xi ħaġa li kienet tista' tinxtara legalment fil-pajjiż li fih tkun inxtrat, kienet kontra l-prinċipju "tal-ħelsien tal-moviment ta' l-affarijiet", bl-Ingliż "freedom of movement of goods".

Dan kien ifisser li jekk dak l-oġġett kien legalment jista' jinxtara f'xi Stat Membru, ebda Stat Membru ieħor ma seta' jwaqqfu u ma jħalliħx jiġi reklamat fuq il-mezzi tax-xandir tiegħu, irrispettivament jekk dak kienx oġġezzjonabbli jew le f'dak l-Istat Membru.

## Aktar Ftehim u Laqgħat

Ftehim ta' qafas ieħor dwar il-kooperazzjoni kummerċjali u ekonomika kien ġie ffirmat bejn il-Komunita' u l-Arġentina fit-2 ta' April. Ftehim ieħor fil-kullana ta' ftehim li l-Unjoni Ewropea għamlet ma' **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** u organizzazzjonijiet ta' Stati oħra.

Qed taraw kemm min qiegħed jgħid li Malta ma tistax tagħmel ftehim ma l-Unjoni Ewropea li jkun jaqbel għat-tnejn qiegħed jipprova jqarraq biċ-ċittadini Maltin u Għawdxin biex ikompli bil-pjan infami li jerġa' jġib lil-Malta kolonja tal-barrani?

## Kunsill Speċjali ġewwa Dublin

Fit-28 ta' April, kien inżamm Kunsill Speċjali Ewropew ġewwa Dublin, fl-Irlanda. Il-Kunsill qabel li tqarrib komuni dwar l-għaqda mill-ġdid tal-Ġermanja u fuq ir-relazzjonijiet tal-Komunita' mal-pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant.

[1] GB-INNO-BM Case C362/88 [1990] ECR I-667

Fis-7 ta' Mejju, il-Kunsill Ewropew kien iffinalizza l-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ[2] u addotta regolament dwar il-ħolqien ta' Aġenzija Ambjentali Ewropea[3].

Innutaw li aktar ma mmorru 'l quddiem, aktar l-affarijiet bdew jieħdu xejra Ewropea u jitwaqqfu fuq livell Ewropew u mhux aktar fuq livell ta' Stat. Fid-9 ta' Mejju kien jaħbat l-40 anniversarju tal-famuża Dikjarazzjoni Schuman.

## Il-Parlament Ewropew kontra l-Kunsill[4]

F'sentenza li tat il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kienet iddeċidiet li l-Parlament Ewropew seta' jiġi riferut, fi kliem ieħor jieħu u jittieħed il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea, minn istituzzjonijiet oħra ta' l-Unjoni Ewropea, waqt li anki l-istituzzjonijiet l-oħra setgħu jittieħdu quddiem il-Qorti mill-Parlament jekk ikunu fuq kwistjonijiet ta' bilanċ istituzzjonali[5]. Dawn il-prinċipji kellhom jiddaħħlu aktar tard fit-Trattat ta' Maastricht.

## Għajnuna Finanzjarja u Karta Oħra

Fid-29 ta' Mejju, kien iffirmat il-ftehim li bih il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u Żvilupp biex jipprovdi għajnuna finanzjarja lill-pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. Il-ftehim kien ġie ffirmat ġewwa Pariġi fi Franza.

Fis-6 ta' Ġunju, il-Kummissjoni ppreżentat Karta[6] oħra mal-patafjun ta' Karti li kienet diġa' ħarġet. Din id-darba, il-Karta kienet dwar l-ambjent urban.

## L-Iffirmar tal-Ftehim Xengen

Fid-19 ta' Ġunju kien sar żvilupp mill-aktar importanti għaliex f'dan il-jum kien ġie ffirmat il-Ftehim ta' Xengen mill-Istati Benelux, jiġifieri l-Belġju, l-Olanda u l-Lussemburgu, Franza u l-Ġermanja. L-Italja kienet iffirmat dan il-ftehim fis-27 ta' Novembru.

Il-ftehim ta' Xengen kellu l-għan li jitneħħew il-kontrolli fuq il-fruntieri ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Fil-fatt, meta dawn il-kontrolli kienu tneħħew, il-kriminalita' fl-Istati Membri kienet splodiet minħabba li l-kriminali setgħu jibqgħu għaddejjin bla ebda xkiel minn Stat Membru għal Stat Membru ieħor.

---

[2] European Training Foundation

[3] European Environment Agency

[4] Judgment of the Court of 22 May 1990. European Parliament v Council of the European Communities. Capacity of the European Parliament to bring an action for annulment. Case C-70/88. European Court reports 1990 Page I-02041

[5] Paragraph 26 and 27 of the judgement "The absence in the Treaties of any provision giving the Parliament the right to bring an action for annulment may constitute a procedural gap, but it cannot prevail over the fundamental interest in the maintenance and observance of the institutional balance laid down in the Treaties establishing the European Communities.
Consequently, an action for annulment brought by the Parliament against an act of the Council or the Commission is admissable."

[6] Green Paper on Urban Environment

L-istess jiġri hawn Malta jekk Alla ħares qatt insiru membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Min-naħa l-oħra, aktar tard saret lista' ta' pajjiżi li ċ-ċittadini tagħhom ried ikollhom bilfors visa biex ikunu jistgħu jidħlu fi Stat Membru.

Dan kien ifisser li waqt li min naħa kienu nfetħu l-fruntieri għaċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, kienu qed jingħalqu għaċ-ċittadini ta' pajjiżi oħra.

Malta jkollha tagħmel l-istess u ddaħal ukoll il-visa bħall-kumplament ta' l-Istati Membri, waqt li dawk il-pajjiżi l-oħra jagħmlu l-istess għaċ-ċittadini Maltin u Għawdxin.

**Taħdidiet Dwar it-Twaqqif ta' l-Area Ekonomika Ewropea**

Żvilupp ieħor importanti li kien sar kien li fl-20 ta' Ġunju kien li l-Komunita' Ekonomika Ewropea u l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles kienu bdew taħdidiet formali bejniethom biex iwaqqfu l-Area Ekonomika Ewropea.

Dan kien ifisser li jekk iseħħ dak li kienu qed jippjanaw, is-suq Ewropew kien jikber sewwa.

Madankollu, hemm ukoll raġunijiet moħbija wara dan il-pass.

Ħalli narawhom ftit.

Wieħed irid jiftakar li ċerti pajjiżi Ewropej[7] ma kinux daħlu membri fl-Unjoni Ewropea li dak iż-żmien kienet għadha magħrufa bħala l-Komunita' Ekonomika Ewropea jew, fil-qosor, KEE.

Huma kienu ffurmaw Għaqda oħra għalihom li kif rajna kienet issemmiet Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles, bl-Ingliż European Free Trade Association jew, fil-qosor, EFTA.

Dan il-fatt kien ifisser li barra l-Istati Uniti u blokki ekonomiċi u kummerċjali oħra, kien hemm ukoll l-EFTA bħala kompetitur tal-KEE fis-swieq internazzjonali.

Madankollu, l-aktar importanti kien li dan il-kompetitur kien jinsab fl-istess kontinent li tinsab fih il-KEE.

Għaldaqstant, il-KEE riedet tara x'tagħmel biex tneħħi min-nofs lil dan il-kompetitur tagħha.

Kien hemm żewġ metodi biex tagħmel dan. Wieħed kien li jwaqqgħu l-prezzijiet aktar mill-kompetitur tagħhom biex jirbħu s-swieq tiegħu, dawk li bl-Ingliż huma magħrufa bħala "dumping" u "crowding out", jew jaraw kif jagħmlu u jissieħbu flimkien. Fl-istess waqt, jekk jissieħbu flimkien ikunu qed ikabbru s-suq tagħhom.

---

[7] In-Norveġja, L-isvezja, il-Finlandja, l-Islanda, l-Isvizzera, Liechtenstein u l-Awstrija

Fl-aħħar għażla kien hemm vantaġġ ukoll għaliex mhux biss il-pajjiżi l-oħra ta' l-EFTA kienu fl-istess kontinent, imma kienu fruntieri ma xulxin li kien inaqqas l-ispejjeż tat-trasport.

Min-naħa l-oħra, jekk iwaqqu l-prezzijiet jew jagħtu sussidju kienu jitilfu l-flus waqt li l-kompetitur tagħhom seta' jagħmel l-istess, u jekk jibqgħu sejrin hekk kienu jispiċċaw ħażin.

Għal dawn ir-raġunijiet kienet intagħżlet l-aħħar alternattiva, jiġifieri li jippruvaw jissieħbu flimkien.

Raġuni oħra biex isir il-ftehim kienet li jekk il-ħaddiema taż-żewġ komunitajiet, jiġifieri il-KEE u l-EFTA kienu jkunu jistgħu jmorru jaħdmu għand xulxin bla ebda xkiel, il-KEE kienet tonqsilha l-problema kbira li dejjem kellha tan-nuqqas ta' mpjiegi minħabba li fil-pajjiżi ta' l-EFTA kien hemm aktar xogħol.

Minħabba dawn ir-raġunijiet, ftehim bħal dan kien jaqbel sewwa għall-Unjoni Ewropea, għaliex mhux biss kien jikber is-suq minħabba li jsiru qasam ekonomiku wieħed, mhux biss kienu jitnaqqsulha l-problemi tan-nuqqas ta' xogħol, imma kien ikun aktar faċli li l-Istati ta' l-EFTA wara jagħmlu pass ieħor u jidħlu membri fl-Unjoni Ewropea.

Id-dħul tal-pajjiżi ta' l-EFTA fl-Unjoni Ewropea mhux biss kien ikabbar lill-Unjoni Ewropea, imma kien iwassal biex l-EFTA tiġi żarmata u b'hekk ikun eliminat kompetitur ta' l-Unjoni Ewropea mis-swieq internazzjonali.

Jekk l-Unjoni Ewropea li dak iż-żmien kienet għadha magħrufa bħala l-Komunita' Ewropea, kien jrnexxilha li tagħmel dan il-ftehim, kienet, kif jgħidu, tolqot aktar minn għasfur wieħed b'ġebla waħda.

Għaldaqstant, kien għal dawn ir-raġunijiet li kif rajna kienu bdew it-taħdidiet biex tinħoloq l-Area Ekonomika Ewropea.

Madankollu, anki din il-proposta kienet ħolqot problemi mal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

Fl-1991 stess, dan il-ftehim kien ġie dikjarat mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea li ma kienx kompatibbli mat-Trattat EC.

L-aktar li oġġezzjonat għalih il-Qorti kien il-ħolqien ta' Qorti oħra li kien se jkollha ġurisdizzjoni biex tinterpreta t-Trattat EEA, jiġifieri dak it-trattat li bih kienet titwaqqaf l-Area Ekonomika Ewropea.

Dan kien se jkollu influwenza kbira fuq l-iżvilupp tal-liġi ta' l-Unjoni Ewropea u kienet se tidħol fl-għalqa tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-ftehim kien ġie emendat biex jintlaqgħu l-oġġezzjonijiet tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea u l-Qorti tat l-approvazzjoni tagħha. Dan il-ftehim kien ġie ffirmat ġewwa Oporto, fil-Portugall, fit-2 ta' Mejju 1992.

L-Isvizzera kienet ħarġet mill-ftehim għaliex il-poplu Żvizzeru ma kienx qabel mal-ftehim f'referendum li kien sar apposta. Dan wassal biex il-ftehim kellu jiġi emendat bi Protokoll li ġie ffirmat ġewwa Brussell, fil-Belġju, fis-17 ta' Marzu 1993, u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

Biex naraw kemm intlaħqu l-għanijiet ta' l-Unjoni Ewropea, insibu li l-Isvezja, il-Finlandja, u l-Awstrija saru membri ta' l-Unjoni Ewropea, barra l-attentati u pressjoni oħra fuq il-pajjiżi l-oħra biex jiddaħħlu u jsiru membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Qed taraw kif jekk wieħed jeżamina u jiżen dak li jkun qiegħed isir u kif jgħidu jaqra bejn il-linji, jibda jara li r-raġunijiet li jingħataw lill-pubbliku u lill-poplu b'mod ġenerali ma jkunux dawk li tassew jidhru, imma jsib ħafna affarijiet u raġunijiet għaliex l-affarijiet ikunu qed isiru b'dak il-mod u x'raġunijiet moħbija jkun hemm warajhom?

## Kunsill Ewropew ġewwa Dublin

Biex inkomplu fuq l-iżviluppi li kienu qed isiru, naraw li bejn il-25 u s-26 ta' Ġunju, kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Dublin fl-Irlanda.

Il-Kunsill ikkonferma l-ħtieġa li jsiru żewġ Konferenzi Intergovernmentali[8], waħda fuq l-Għaqda Ekonomika u Monetarja[9] u l-oħra fuq l-aspetti ta' l-Għaqda Politika[10], kif ukoll li dawn iż-żewġ Konferenzi jinżammu flimkien[11].

Fi kliem ieħor, il-Kunsill kien se jkompli bil-passi fil-ħolqien ta' Stat Federali Ewropew bħala l-Istati Uniti ta' l-Ewropa bl-isem ta' Unjoni Ewropea.

## L-Ewwel Fażi ta' l-Għaqda Ekonomika u Monetarja

Mill-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej, issa ta' l-Unjoni Ewropea, għaddiet għand l-Italja. Fl-istess jum, kienet daħlet fis-seħħ l-ewwel fażi ta' l-Għaqda Ekonomika u Monetarja[12].

Erba Stati Membri li kienu Spanja, il-Portugall, il-Greċja u l-Irlanda kienu ingħataw dak li ssejjaħ reġim eċċezzjonali minħabba li ma kinux laħqu għamlu l-progress meħtieġ għall-integrazzjoni finanzjarja.

## L-Applikazzjoni ta' Ċipru

Fl-4 ta' Lulju, Ċipru kien applika formalment biex jissieħeb fil-Komunitajiet Ewropej.

Wieħed irid jiftakar u jieħu din l-applikazzjoni fis-sitwazzjoni ta' Ċipru li huwa maqsum bejn il-popolazzjoni Ċiprijotta-Grieka u dik Ċiprijotta-Torka wara li t-Turkija kienet invadietu biex ma tħallihx jingħaqad mal-Greċja kif riedu jagħmlu ċ-Ċiprijotti Grieki.

---

[8] Intergovernmental Conferences
[9] Economic and Monetary Union
[10] Political Union
[11] In parallel
[12] Economic and Monetary Union EMU

Għaldaqstant, kemm il-Greċja kif ukoll iċ-Ċiprijotti-Grieki raw is-sħubija ta' Ċipru bħala mezz biex forsi jeħilsu mill-okkupazzjoni Torka u Ċipru jkun jista' jerġa' jingħaqad mill-ġdid, kif ukoll biex jekk dan l-għan jintlaħaq, Ċipru ma jerġax jaqa' taħt il-ħakma Torka. Madankollu, s'issa l-problema ta' l-okkupazzjoni Torka għadha ma nħallitx.

## Malta tapplika biex issir Membru

Dan ix-xahar kien importanti wkoll għall-Malta, għaliex fis-16 ta' Settembru, il-Gvern Nazzjonalista kien tefa' l-applikazzjoni tiegħu biex isieħeb lil Malta fl-Unjoni Ewropea, jew, kif kienu għadhom magħrufa dak iż-żmien, il-Komunitajiet Ewropej.

**Wieħed jinnota li din l-applikazzjoni kienet intefgħet ħamest' ijiem qabel l-anniversarju ta' l-indipendenza. Dan kien ifisser li waqt li diġa' kienu għaddejjin iċ-ċelebrazzjonijiet biex il-Gvern Nazzjonalista jiċċelebra l-indipendenza, fl-istess waqt kien qiegħed jaħseb biex jerġa' jġib lil Malta kolonja tal-barrani, din id-darba kolonja ta' l-Unjoni Ewropea.**

Madankollu, dawn l-affarijiet u affarijiet oħra ta' x'kien fih l-avis, jiġifieri l-opinjoni li kienet ingħatat mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' Malta u dwar x'riedet tagħmel Malta biex tasal biex issir membru narawhom aktar 'il quddiem f'kapitlu apposta.

## L-Għaqda tal-Ġermanja

Ġrajja mill-aktar importanti kienet seħħet fit-3 ta' Ottubru. Din il-ġrajja kienet li f'dan il-jum, iż-żewġ Ġermanji, jiġifieri r-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Demokratika Ġermaniża reġgħu ingħaqdu flimkien. Din l-għaqda trid tiġi eżaminata minħabba ċerti żviluppi li kienu saru.

L-ambizzjonijiet militari tal-Ġermanja kif ukoll l-għanijiet ta' espansjoni lejn l-Ewropa Ċentrali u l-Ewropa tal-Lvant huma magħrufa sewwa, u wieħed irid jiftakar li l-Ġermanja kienet il-kaġun ta' aktar minn gwerra waħda fl-Ewropa.

Wara t-telfa fit-tieni gwerra dinjija, il-Ġermanja kienet ġiet maqsuma f'żewġ pajjiżi.

Dan kien sar mhux biss minħabba li l-Ġermanja meta kienet tilfet il-gwerra kienet ġiet okkupata mit-truppi ta' pajjiżi differenti li kienu rebħu l-gwerra, jiġifieri l-Unjoni Sovjetika in-naħa tal-Lvant u l-Allejati tal-Punent in-naħa tal-Punent, imma anki biex il-Ġermanja ma terġax tkun ta' theddida għall-pajjiżi l-oħra.

Pass ieħor biex il-Ġermanja tkun ikkontrollata fl-ambizzjonijiet militari tagħha kien li fil-Kostituzzjoni tal-Ġermanja tal-Punent kien hemm provvediment li truppi Ġermaniżi ma setgħux iservu barra mit-territorju Ġermaniż.

Meta l-Ġermanja reġgħet ingħaqdet, saru żviluppi li min jistudja l-istorja jistgħu jħassbuh ħażin.

L-ewwel ma kien sar kien li l-Kostituzzjoni Ġermaniża kienet ġiet emendata biex truppi Ġermaniżi jkunu jistgħu jservu barra mit-territorju Ġermaniż.

It-tieni, wara dan il-pass, il-pass l-ieħor kien li taħt l-iskuża biex iżommu l-paċi, truppi Ġermaniżi kienu ntbagħtu f'dik li qabel kienet il-Jugoslavja.

Jekk wieħed jeżamina l-istorja sewwa jara li l-Ġermanja minn dejjem kellha interess f'ċerti Stati tal-Jugoslavja u kien hemm allegazzjonijiet li kien hemm indħil mis-servizz sigriet Ġermaniż tal-Ġermanja tal-Punent u wara mill-Ġermanja biex il-Jugoslavja tiġi destabilizzata.

Pass ieħor kien li truppi Ġermaniżi intbagħtu wkoll iservu fl-Afganistan kif ukoll se jiffurmaw parti mill-armata Ewropea.

Dan qed juri li bil-mod il-mod, it-truppi Ġermaniż qegħdin jerġgħu jieħu sehem f'azzjonijiet militari f'pajjiżi oħra u l-militariżmu Ġermaniż qiegħed jerġa' joħroġ fil-beraħ.

L-armata ta' l-Unjoni Ewropea mhix se tkun għall-użu bħala difiża fit-territorju ta' l-Unjoni Ewropea, imma se tkun tista' tintuża sa eluf kbar ta' mili 'l bogħod mit-territorju tagħha. Kellha anki ssir offerta lill-Ġnus Magħquda biex it-truppi ta' l-Unjoni Ewropea jintużaw madwar id-dinja fejn ikun hemm ħtieġa għalihom.

Wieħed irid jiftakar li l-Unjoni Ewropea flimkien ma' pajjiżi oħra tal-Punent għandha interess kbir fiż-żejt tal-Lvant Nofsani.

Għaldaqstant, m'hemm l-ebda dubju li jekk ikun hemm xi theddida li ż-żejt ikun se jitwaqqaf, l-armata ta' l-Unjoni Ewropea tkun tista' tintuża biex ma tħallix li dan isir.

Skond l-editorjal tal-Washington Times[13] tas-27 ta' Novembru 2000, l-Unjoni Ewropea kienet ħadet il-passi biex tilbes uniformi militari billi wegħdet mitt elf **(100,000)** truppi, erba mitt **(400)** ajruplan tal-ġlied u mitt **(100)** bastiment tal-gwerra għall-forza ġdida ta' paċi Ewropea.

Kontinġent ta'sittin elf **(60,000)** irid ikollu l-kapaċita' li sa' l-2003, jiġu mibgħuta fi żmien sittin **(60)** jum u sostnuti sa sena – biċċa xogħol li hija militarment impossibbli għal xi wieħed mill-Istati Membri.

Aktar minn hekk, sar magħruf li l-Unjoni Ewropea kellha tordna **650** ajruplan tal-ġlied li jiswed madwar tmenin miljun lira kull wieħed li jridu jitħallsu mit-taxxi taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

Hawn xi ħadd iblaħ li jaħseb li **400** jew **650** ajruplan tal-ġlied, **100** bastiment tal-gwerra, u armata ta' **100,000** suldat li **60,000** minnhom jintbagħtu fi żmien **60** jum u jiġu sostnuti sa sena se jintużaw biex iżommu l-paċi?

[13] Washington Times, 27.11.2000 "The European Union took its first steps toward putting on a military uniform last week by pledging 100,000 troops, 400 combat aircraft and 100 ships to a new European peacekeeping force…A 60,000-member contingent will need to have the capability by 2003 to deploy within a 60-day period and be sustained for up to one year — a task now militarily impossible for any of the member states"

It-tħassib li juru xi wħud huwa jekk il-Ġermanja u l-militar Ġermaniż humiex se jkunu kkontrollati b'mod li ma jerġgħux ikunu ta' theddida għal pajjiżi oħra. Tgħid għad naraw ripetizzjoni ta' l-istorja minħabba li kif jingħad l-istorja tirrepeti ruħa?

Hawnhekk trid issir distinzjoni għaliex bħal kull poplu ieħor mhux il-Ġermaniżi kollha huma l-istess, tant li kien hemm ukoll ħafna Ġermaniżi stess li kienu batew torturi u nqatlu min-Nazisti ta' Hitler.

Għaldaqstant, kollox irid jittieħed fil-kuntest tiegħu għaliex dak li jsir mill-mexxejja mhux bilfors ikollu l-kunsens tal-poplu.

**Lura lejn l-Unjoni Ewropea**

Biex nerġgħu lura għall-iżviluppi fl-Unjoni Ewropea, bejn is-27 u t-28 ta' Ottubru kien inżamm Kunsill Speċjali Ewropew ġewwa Ruma, fl-Italja. Dan il-Kunsill iffinalizza l-preparazzjoni taż-żewġ konferenzi intergovernmentali, waħda fuq l-Għaqda Ekonomika u Monetarja u l-oħra fuq l-aspetti ta' l-Għaqda Politika.

Fuq livell Ewropew aktar wiesha, bejn id-19 u l-21 ta' Novembru, 34 Kap ta' Stat jew Gvern tal-Konferenza fuq is-Sigurta' u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa kienu ffirmaw Karta għal Ewropa ġdida[14].

F'Diċembru kienu saru żewġ elezzjonijiet leġislattivi fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, waħda fit-2 ta' Diċembru fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-oħra fit-12 tax-xahar fid-Danimarka.

Fl-4 ta' Diċembru, il-Kunsill Ewropew kien addotta miżuri transitorji li kien sar qbil fuqhom fil-qafas ta' l-għaqda mill-ġdid tal-Ġermanja.

**Kunsill Ewropew ġewwa Ruma**

Bejn l-14 u l-15 tax-xahar, kien sar Kunsill Ewropew ġewwa Ruma fl-Italja. Dan il-Kunsill kien ta bidu għaż-żewġ Konferenzi Intergovernmentali, waħda fuq l-Għaqda Ekonomika u Monetarja[15] u l-oħra fuq l-Għaqda Politika[16].

Dawn kollha kienu passi biex ikomplu bil-pjan għat-twaqqif ta' Stat Federali Ewropew bħala l-Istati Uniti ta' l-Ewropa billi s-setturi ekonomiċi u monetarji kif ukoll dak politiku ta' l-Istati Membri jitwaħħdu flimkien u kollox jibda' jiġi deċiż mill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea bl-Istati Membri jkollhom jobdu bilfors dak li jkun ġie deċiż mill-istituzzjonijiet tagħha.

---

[14] Charter for a new Europe
[15] Economic and Monetary Union
[16] Political Union

## Is-Sena 1991

Is-sena 1991 bdiet billi l-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej, issa ta' l-Unjoni Ewropea għaddiet għand il-Lussemburgu.

### Konferenza Inter-Ministerjali

Fit-11 ta' Marzu, kien sar il-ftuħ tas-7 Konferenza ministerjali bejn il-Komunita' u l-Istati Membri tagħha, il-Pajjiżi ta' l-Amerika Ċentrali, kif ukoll il-pajjiżi li kienu qed jikkoperaw li kienu l-Panama, il-Kolumbja, il-Messiku u Venezwela.

Din il-Konferenza kienet saret ġewwa Managwa, fil-Nikaragwa, u kienet iċċentrata fuq id-djalogu politiku u kooperazzjoni ekonomika[17].

Qed taraw kif mhux veru li trid tkun bilfors membru ta' l- Unjoni Ewropea biex taħdem fil-qrib magħha fl-interess tat-tnejn?

### Kunsill Ewropew fil-Lussemburgu

Fit-8 ta' April, il-Kunsill Ewropew żamm laqgħa informali fil-Lussemburgu biex jeżamina l-problemi fil-Lvant Nofsani bħala riżultat tal-kriżi tal-Ġolf. Il-Kunsill iddeċieda dwar għajnuna umanitarja urġenti għall-Kurdi u refuġjati oħra.

Fl-14 tax-xahar kien ġie inawgurat il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u Żvilupp ġewwa Londra, fir-Renju Unit.

Fl-4 ta' Ġunju, il-Kunsill tal-Ministri tas-Saħħa addotta pjan ta' azzjoni kontra l-Aids[18], waqt li fid-19 tax-xahar, kien sar il-ftuħ ta' l-ewwel sessjoni tal-Konferenza fuq is-Sigurta' u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa[19]. Din il-konferenza kienet iltaqgħet ġewwa Berlin, fil-Ġermanja.

### Kunsill Ewropew ieħor ġewwa l-Lussemburgu

Bejn it-28 u d-29 ta' Ġunju, kien iltaqa' Kunsill Ewropew ġewwa l-Lussemburgu. Il-Kunsill ikkonferma l-ħtieġa li jitmexxew flimkien iż-żewġ Konferenzi Intergovernmentali, iċċentrati fuq l-Għaqda Ekonomika u Monetarja u fuq l-aspetti ta' l-Għaqda Politika, fuq is-sisien ta' l-abbozz tat-Trattat ippreparat mill-Presidenza. Xejn ħlief tkomplija fil-mixja lejn Stat Federali Ewropew.

Mill-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għaddiet għand l-Olanda, waqt li fl-istess jum, l-Isvezja applikat formalment biex tissieħeb fil-Komunitajiet.

### Laqgħa Għolja Oċċidentali

Bejn il-15 u s-17 tax-xahar, saret is-17-il Laqgħa Għolja Ekonomika Oċċidentali ġewwa Londra, fir-Renju Unit.

---

[17] San Jose' VII
[18] Europe against AIDS
[19] CSCE Conference on Security and Cooperation in Ewrope

Dawn li ħadu sehem qablu li jżommu laqgħat kull sena ma' l-Unjoni Sovjetika u għamlu pjan ta' azzjoni għaliha. Huma qablu wkoll li jiftħu s-swieq tagħhom għall-prodotti u servizzi mill-pajjiżi ta' l-Ewropa tal-Lvant u kkommettew ruħom li jispiċċaw b'suċċess in-negozjati ta' l-Urugwaj[20] dwar il-kummerċ.

Meta wieħed jara li qiegħed ikun hemm dan il-ftuħ kollu fil-kummerċ dinji, jagħmel sens li Malta tintrabat ma' karru wieħed, dak ta' l-Unjoni Ewropea, u jkollna bilfors nobdu r-regolamenti tagħha li ma jħalluniex inkunu flessibbli u nagħmlu dak li jkun jaqbilna fil-kummerċ tagħna mal-kumplament tad-dinja?

Fit-22 tax-xahar, il-Kunsill kien ipprovda għajnuna finanzjarja lill-Israel u l-popolazzjoni Palestinjana fit-territorji okkupati.

**<u>Il-Każ Stoeckel</u>**

Il-każ Stoeckel[21] kien dwar liġi Franċiża li ma kinitx tħalli lin-nisa jaħdmu bil-lejl fis-settur industrijali. Dan il-każ huwa interessanti għaliex juri li għall-Unjoni Ewropea, anki n-nisa għandhom jaħdmu bil-lejl.

Fil-fatt, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea ddeċidiet li l-liġi Franċiża li ma kinitx tħalli li n-nisa jaħdmu bil-lejl fis-settur ta' l-industrija kienet kontra t-trattament l-istess bejn in-nisa u l-irġiel dwar l-aċċess għall-impjieg.

Din id-deċiżjoni trid tittieħed mill-aspett mhux li n-nisa jridu jiġi ttrattati daqs l-irġiel fejn jidħol ix-xogħol ta' bil-lejl, imma fuq kif il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea ddeċidiet biex in-nisa jkunu jistgħu jiġu esplojtati mill-industrijalisti.

Wieħed irid jagħmel distinzjoni bejn xogħol u xogħol.

Huwa differenti meta mara tkun qed taħdem bħala tabiba, nurse, jew xi xogħol ieħor fejn l-idejn delikati tagħhom jagħmlu differenza kbira fuq il-kura li jkun qed jingħata pazjent, u huwa differenti meta jkunu qed jaħdmu fil-qasam industrijali fejn il-probabbilita' hija li jkun hemm xogħol tqil u ta' strapazz jew xogħol ripetituż.

Waqt li fejn hemm il-ħtieġa ta' l-id delikata li tagħmel differenza fil-kura tal-pazjent huwa ġustifikat li n-nisa jitħallew jaħdmu f'kull ħin għaliex aktar jistgħu jitqiesu li qed jagħmlu missjoni milli xogħol, hija esplojtazzjoni tan-nisa meta dawn jitħaddmu f'xogħol industrijali bil-lejl, meta mhux biss dak li jkun normalment jorqod, imma anki jiżdied il-periklu.

Għaldaqstant, id-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kienet tfisser biss li tat il-kunsens tagħha għall-esplojtazzjoni tan-nisa mill-industrijalisti kbar Ewropew u multi-nazzjonali li jridu biss jesplojtaw kemm jistgħu l-ħaddiema kollha f'kull qasam tax-xogħol b'kull mezz u mod possibbli.

---

[20] Uruguay Round

[21] Judgment of the Court of 25 July 1991 Criminal proceedings against Alfred Stoeckel Reference for a preliminary ruling: Tribunal de police d'Illkirch - France. Equal treatment for men and women - Legislation prohibiting nightwork by women. Case C-345/89 European Court reports 1991 Page I-04047

## Ikomplu l-Iżviluppi

Wara l-waqa' tal-ħajt ta' Berlin, komplew isiru aktar żviluppi fid-dinja kommunista. Fil-fatt, fit-22 ta' Awissu kien sar ukoll kolp ta' Stat fl-Unjoni Sovjetika, imma dan kien falla.

Fl-1 ta' Settembru kienet daħlet fis-seħħ ir-raba' konvenzjoni ta' Lome' fuq l-iżvilupp tar-relazzjonijiet bejn il-Komunita' u l-pajjiżi AKP, jiġifieri l-pajjiżi Afrikani, tal-Karibbew u tal-Paċifiku. Kif wieħed jista' jara, din kienet ir-raba' konvenzjoni ta' Lome' li kienet saret.

Għaldaqstant, huwa ċar daqs il-kristall li mhux veru li bilfors trid tkun membru fl-Unjoni Ewropea biex ikollok ftehim magħha li jkun jaqbel għat-tnejn.

Fis-7 ta' Settembru kienet fetħet il-Konferenza tal-Paċi tal-Jugoslavja ġewwa The Hague, fl-Olanda. Fil-21 ta' Ottubru, il-Kunsill kien laħaq qbil fuq it-twaqqif ta' l-Area Ekonomika Ewropea.

## Konferenza tal-Paċi tal-Lvant Nofsani

Fit-30 ta' Ottubru, kienet fetħet il-Konferenza tal-Paċi tal-Lvant Nofsani ġewwa Madrid, fi Spanja.

Il-Komunita' kienet ingħatat l-inkarigu ewlieni fin-negozjati multilaterali biex jippruvaw iġibu l-paċi fil-Lvant Nofsani bejn l-Israel u l-Palestinjani. Huwa dnub kbir li din il-paċi għadha ma nstabitx. Dak in-nhar, il-Konferenza kienet damet sejra sa' l-14 ta' Novembru, jiġifieri madwar 15-il jum.

Fis-6 ta' Novembru, il-Kummissjoni ddeċiediet li twaqqaf Uffiċċju Ewropew għall-Għajnuna Umanitarja, waqt li l-għada, il-Kunsill qabel li jnaqqas id-dejn li kellhom il-pajjiżi ta' l-Afrika, il-Karibbew u l-Paċifiku.

## Il-Każ Francovich

Francovich kontra l-Italja[22]. Dan il-każ kien dwar Stat Membru li kien kiser il-liġi ta' l-Unjoni Ewropea u kkawża danni lil ċittadin.

Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea qalet li Stat li jkun kiser xi liġi ta' l-Unjoni Ewropea u b'hekk ikun ikkawża danni lil xi ċittadin privat kellu jħallas tad-danni li jkun ikkawża.

Għaldaqstant, naraw mhux biss li kull Stat Membru jrid bilfors jobdi dak kollu li jkun ordnat jagħmel mill-Unjoni Ewropea, imma jekk ikun naqas billi ma jkunx obda jew kiser xi liġi jew regolament ta' l-Unjoni Ewropea u b'hekk ikun ikkawża xi danni lil xi ħadd skond dik il-liġi jew regolament, dak l-Istat Membru jkollu bilfors iħallas kumpens għad-danni kollha li jkun ikkawża.

[22] Francovich v Italy 6, 9/90 1991 ECR I-5357, [1993] 2 CMLR 66

## Aktar Passi Lejn Stat Federali

Fis-26 ta' Novembru 1991, kien sar pass ieħor fil-mixja lejn Stat Federali Ewropew u pass ieħor biex il-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, tkompli tidħol minflok u tieħu post l-Istati Membri f'Organizzazzjonijiet u fil-fora internazzjonali.

F'dan il-jum, il-Komunita' kienet aċċediet, jiġifieri saret membru, ta' l-Organizzazzjoni ta' l-Ikel u l-Biedja tal-Ġnus Magħquda. Hija kienet l-ewwel organizzazzjoni ta' integrazzjoni ekonomika, jiġifieri fejn l-Istati Membri tagħha jkunu qed jingħaqdu flimkien ekonomikament, li kienet saret membru sħiħ ta' aġenzija speċjalizzata tal-Ġnus Magħquda.

Fil-fatt, tant ħadet post l-Istati Membri tagħha, li aktar tard se naraw li kien hemm kawża bejn il-Kummissjoni u l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea dwar id-dritt tal-Vot ta' l-Istati Membri f'din l-aġenzija tal-Ġnus Magħquda, jiġifieri l-Organizzazzjoni ta' l-Ikel u l-Biedja.

## It-Trattat ta' Maastricht fuq l-Unjoni Ewropea

Żvilupp ieħor mill-aktar importanti kien sar din is-sena fil-mixja lejn it-twaqqif ta' Stat Federali Ewropew jew l-Istati Uniti ta' l-Ewropa bl-isem ta' l-Unjoni Ewropea, meta bejn id-9 u l-10 ta' Diċembru, kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Maastricht, fl-Olanda.

Dan il-Kunsill kien qabel fuq l-abbozz tat-Trattat li bih kellha titwaqqaf l-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant kien lesta t-triq biex il-ħolma tal-federalisti Ewropej, speċjalment ta' Altiero Spinelli li kif għedt aktar qabel huwa meqjus bħala l-parrinu ta' l-Unjoni Ewropea, isseħħ fi żmien qasir.

## Aktar Ftehim

Tliet Ftehim Ewropej oħra kienu ġew iffirmati fis-16 ta' Diċembru bejn il-Komunita' u l-Polonja, l-Ungerija u ċ-Ċekoslovakkja.

Irid jitfakkar li dak iż-żmien kienet għadha teżisti ċ-Ċekoslovakkja li wara inqasmet f'żewġ Repubbliki, ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika Slovakka.

Dawn il-ftehim ikomplu juru l-qerq ta' dawk kollha li jgħidu li ma tistax tagħmel ftehim ma' l-Unjoni Ewropea, imma li trid tkun bilfors membru tagħha. Kull ftehim bħal dan igiddeb lil min qiegħed jgħid hekk.

Hawnhekk irrid infakkar li tant marru interessi Ġermaniżi fir-Repubblika Ċeka wara li nfirdet mir-Repubblika Slovakka u tant kienu bdew jikkontrollaw oqsma u affarijiet, li fl-1996, il-gazzetta "The Prague Post" kienet qalet li r-repubblika Ċeka saret qisha protettorat Ġermaniż.

Fis-17 ta' Dicembru kienet ġiet ffirmata l-Karta Ewropea ta' l-Enerġija. B'hekk, il-qasam ta' l-enerġija spiċċa minn taħt il-kontroll ewlieni ta' l-Istati Membri u mar taħt il-Kontroll tal-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea.

Dan ikompli jidher li kif ħareġ issa, jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea, se jkollna noħorġu miljuni kbar ta' liri mit-taxxi taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin biex inżommu ħażna ta' żjut kif tordna lill-Istati Membri tagħha l-Unjoni Ewropea.

**<u>Direttiva tal-Kunsill 91/674/EEC</u>**

Fid-19 ta' Diċembru, il-Kunsill kien ħareġ id-Direttiva numru 91/674/EEC[23] dwar kif il-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni kellhom iżommu l-kontijiet ta' kull sena u l-kontijiet konsolidati tagħhom.

Din id-Direttiva li kienet oħra fis-sensiela dwar il-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni kienet Direttiva dettaljata ħafna, li saret biex l-Unjoni Ewropea tkun taf sewwa kemm qalgħu biex tkun ċerta li jħallsu sa' l-inqas ċenteżmu taxxa.

Il-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni jagħmlu tajjeb li jaraw xi tgħid din id-Direttiva u oħrajn li ħarġu aktar tard minħabba l-effetti li jkollha fuqhom jekk Alla ħares qatt Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea.

**<u>Mix-Xena Internazzjonali</u>**

Mix-xena internazzjonali naraw li fil-21 ta' Diċembru, il-Presidenti tar-Repubbliki ta' l-Unjoni Sovjetika barra Ġorġja, kienu ffirmaw ftehim li bih kienu ħolqu l-Komunita' ta' l-Istati Indipendenti.

Dan il-ftehim kien ġie ffirmat ġewwa Alma Ata, fil-Każakstan. Erbat'ijiem wara, jiġifieri fil-25 tax-xahar, kien irriżenja Michael Gorbachev min President ta' l-Unjoni Sovjetika.

[23] Council Directive 91/674/EEC 19 December 1991 OJL 374 31.12.1991 p0007-0031

## Is-Sena 1992

Is-sena 1992 bdiet billi fl-1 ta' Jannar, il-Presidenza tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej, issa ta' l-Unjoni Ewropea, għaddiet għand il-Portugall. Fit-3 ta' Frar, il-Kunsill addotta miżuri biex jgħin lill-Kroazja, lis-Slovenja, u r-Repubbliki tal-Jugoslavja ta' Bosnja-Ħerżegovina u l-Montenegro, kif ukoll dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja li kollha kienu jiffurmaw parti mill-Juġoslavja qabel din sfaxxat bl-indħil barrani..

## It-Twaqqif ta' l-Unjoni Ewropea

Il-pass li kien imiss biex titwaqqaf l-Unjoni Ewropea u li kien pass mill-aktar importanti kien seħħ fis-7 ta' Frar, meta t-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea kien ġie ffirmat ġewwa Maastricht, fl-Olanda. Dan it-Trattat kien iffirmat mill-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin u l-Ministri tal-Finanzi ta' l-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej.

Tajjeb li nfakkar li l-Komunitajiet Ewropej kienu l-Komunita' Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, il-Komunita' Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u l-Komunita' Ewropea li qabel kienet magħrufa bħala l-Komunita' Ekonomika Ewropea.

Anki t-tibdil fl-isem għandu sinjifikat.

Dan għaliex meta' kien inbidel isimha u kienet tneħħiet il-kelma Ekonomika, kien pass ieħor fil-mixja lejn Stat Federali Ewropew billi kienet indikazzjoni li din mhix se tibqa' Komunita' Ekonomika biss, imma li kien hemm l-intenzjoni li tidħol f'oqsma oħra, bħal ma huma l-oqsma tal-politika barranija u ta' difiża kif diġa' rajna aktar qabel.

Qed taraw kemm anki wara bidla ta' isem ikun hemm affarijiet u għanijiet moħbija li jwasslu messaġġ għal min ikun irid jifhem, imma li għaċ-ċittadini li ma jkunux qed jagħtu każ dawn l-irqaqat lanqas jgħaddilhom minn moħħom xi ħsibijiet ikun hemm wara dik il-bidla?

## Aktar Karti

Karta[24] oħra mar-ruxxmata karti li dejjem toħroġ l-Unjoni Ewropea ġiet addottata mill-Kummissjoni fid-19 ta' Frar. Din il-Karta kienet dwar l-impatt tat-trasport fuq l-ambjent.

Għalkemm wieħed jieħu pjaċir jara li jkunu qed jittieħdu jew se jittieħdu passi biex jitħares l-ambjent, dan kien ifisser li dan kien pass ieħor biex dan is-settur jibda' jiġi regolat mill-Unjoni Ewropea u jispiċċa minn taħt il-kompetenza ta' l-Istati Membri.

Dan għaliex kif għedt aktar qabel, la darba l-Unjoni Ewropea tagħmel xi regolament f'xi qasam partikolari, dak il-qasam jispiċċa minn taħt il-kompetenza ta' l-Istati Membri u tkun biss l-Unjoni Ewropea li tirregolah.

[24] Green Paper on the impact of transport on the environment

Kull ma jkunu jistgħu jagħmlu l-Istati Membri huwa li jobdu ir-regolamenti kollha u dak kollu li tkun ordnat l-Unjoni Ewropea f'dak il-qasam bħal ma jagħmlu f'kull qasam ieħor.

**Aktar Applikazzjonijiet**

Fit-18 ta' Marzu, il-Finlandja applikat formalment biex tissieħeb fil-Komunitajiet Ewropej, issa l-Unjoni Ewropea. L-istess kienet għamlet l-Isvizzera fl-20 ta' Mejju, imma l-poplu Svizzeru ma kienx aċċetta u ċaħad l-applikazzjoni tal-Gvern tiegħu.

Ħafna ċittadini tal-pajjiżi li llum daħlu membri fl-Unjoni Ewropea issa qiegħed jiddispjaċihom li għamlu hekk. Meta Prodi kien hawn Malta qal li sħubija fl-Unjoni Ewropea hija bħal meta tiżżewweġ. Tiżżewweġ għal dejjem u tissieħeb fl-Unjoni Ewropea għal dejjem.

Imma Prodi nesa li mhux biss hemm **is-separazzjoni**, imma anki hemm **id-divorzju u l-annullament**, speċjalment fil-pajjiżi kollha ta' l-Unjoni Ewropea. Għalhekk, kull poplu meta jrid jista' jiddeċiedi u jitlaq mill-Unjoni Ewropea u ħadd u xejn ma jista' jżommu.

Fl-4 ta' April, l-iskud[25] Portugiż daħal fil-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju tas-Sistema Monetarja Ewropea.

**Il-Ftehim ta' l-Area Ekonomika Ewropea**

Fit-2 ta' Mejju, kien ġie ffirmat il-ftehim biex tinħoloq l-Area Ekonomika Ewropea, liema ftehim kien ġie ffirmat ġewwa Oporto, fil-Portugall.

Dan il-ftehim kien sab l-oppożizzjoni tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea[26] minħabba li kien se jkun hemm Qorti oħra li kien se jkollha kompetenza li tiddeċiedi kwistjonijiet li jqumu, u għaldaqstant, kienet se tkun ta' kompetizzjoni għall-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea u jkollha influwenza fuq kif tiżviluppa l-liġi ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kienet oġġezzjonat minkejja l-fatt li l-maġġoranza ta' l-imħallfin fil-Qorti li kienet se titwaqqaf kienu se jkunu mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea stess[27].

Għaldaqstant, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kienet iddikjarat li l-ftehim ma kienx jaqbel mat-Trattat EC u kien approvat mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea[28] wara li kien ġie emendat biex jintlaqgħu l-oġġezzjonijiet tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-poplu Svizzeru ma kienx qabel fuq dan il-ftehim, u bħala riżultat, kellu jsir Protokoll li ġie ffirmat ġewwa Brussell fis-17 ta' Marzu 1993, biex kien ġie emendat il-ftehim.

---

[25] Escudo
[26] First EEA Case, Opinion 1/91[1991] ECR 6079
[27] Ara wkoll Hartlley "The European Court and the EEA", (1992) 41 ICLQ 841
[28] Second EEA Case Opinion 1/92 10.04.1992

## It-Trattat ta' Maastricht

It-trattat ta' Maastricht kif huwa magħruf ukoll it-Trattat li permezz tiegħu kienet twaqqfet l-Unjoni Ewropea, kien sab diffikultajiet kbar biex jiġi aċċettat fl-Istati Membri.

Tant kien kontroversjali u kien se jkompli jnaqqas id-drittijiet ta' l-Istati Membri u jagħtihom lill-Unjoni Ewropea li mhux biss kien sab oppożizzjoni kbira, imma kien anki l-kaġun li kważi twaqqgħu diversi gvernijiet ta' l-Istati Membri.

F'referendum li kien sar fid-Danimarka fit-2 ta' Ġunju, il-poplu Daniż ma kienx aċċetta' t-Trattat ta' Maastricht. Kien biss wara li d-Danimarka kienet ingħatat derogi mill-provvedimenti ta' dan it-Trattat u wara li kien sar referendum ieħor li dan it-Trattat kien ġie aċċettat mill-poplu Daniż bil-ħniena.

Fir-Renju Unit, it-Trattat ta' Maastricht kien ukoll qajjem diffikultajiet kbar. Kienet anki saret kawża minn Lord Rees Mogg[29] fejn kien intqal li l-Gvern Ingliż ma kellux dritt li jirratifika dan it-Trattat. Kien biss wara li nqatet din il-kawża li l-Gvern Ingliż seta' jiffirma dan it-Trattat.

Madankollu, il-kawża ta' Lord Rees-Mogg ma kienx l-uniku ostaklu li kien sab it-Trattat ta' Maastricht ġewwa r-Renju Unit. Membri Parlamentari tal-Gvern ukoll kienu kkritikaw it-Trattat b'mod aħrax, tant li kienu qed jheddu li jivvutaw kontra meta jitressaq quddiem il-Parlament.

Iffaċċjat b'din is-sitwazzjoni, l-Gvern Ingliż kien hedded li jsejjah elezzjoni bikrija. Il-Membri Parlamentari Ingliżi għamlu l-kalkoli tagħhom u kienu raw li jekk issir elezzjoni bikrija, huma aktarx li kienu jitilfu posthom fil-Parlament. Għaldaqstant, il-Membri Parlamentari kienu vvutaw favur wara din it-theddida.

Dan juri li minkejja li l-Membri Parlamentari Ingliżi suppost iħarsu l-interessi taċ-ċittadini ta' pajjiżhom li jkunu tellawhom fil-poter, l-ewwel ma ħarsu kienu l-interess tagħhom u s-siġġu tagħhom fil-Parlament.

Jista' xi ħadd ma jakkużahomx li aktar kien jinteressahom li jibqgħu mkaħħla mas-siġġu tal-poter milli jħarsu l-interessi taċ-ċittadini Ingliżi?

Fi Franza, kien ġara l-istess, u r-referendum kien għadda bil-ħniena. Fil-fatt, il-kwistjoni kienet waslet u ġiet ittratta ukoll fil-Kunsill Kostituzzjonali[30].

Fil-Ġermanja, it-Trattat ta' Maastricht kien ukoll sab oppożizzjoni, tant li wara proċeduri fil-Qorti Kostituzzjonali Ġermaniża, il-Qorti Kostituzzjonali għalkemm ħalliet li t-Trattat jiġi ffirmat, qalet li l-Kostituzzjoni Ġermaniża[31] kienet timponi limiti definittivi fuq is-sehem tal-Ġermanja f'Ewropa Federali[32].

---

[29] R v Secretary of State for Foreign and Commonwealth Affairs, ex parte Lord Rees-Mogg [1993] 3 CMLR 101; [1994] 2 WLR 115 (DC)
[30] *Conseil Costitutionnel*, 09.04.1992 [1993] 3 CMLR 345. Ara wkoll Oliver, "The French Constitution and the treaty of Maastricht" (1994) 43 ICLQ 1
[31] Grundgesetz
[32] *Bundesverfassungsgericht*, 12.10.1993 [1994] 1 CMLR 57

Hawnhekk ta' min jinnota li l-Qorti Kostituzzjonali Ġermaniża kienet irreferiet għal Ewropa Federali.

Dan kien sinjal mill-aktar ċar li anki l-Qorti Kostituzzjonali Ġermaniża kienet qed tara li l-iżviluppi li kienu qed isiru u li kienu maħsuba fit-Trattat ta' Maastricht kienu biex ikun hemm Stat Federali Ewropew bl-isem ta' Unjoni Ewropea.

Fl-Istati Membri qam dak il-ferment u problemi kollha, imbagħad jiġi l-Gvern Nazzjonalista li fil-memorandum li kien bagħat wara l-applikazzjoni tiegħu jgħid li Malta kienet lesta li tapplika u tidħol għall-obbligazzjonijiet kollha li joħorġu mit-Trattati, inkluż it-Trattat ta' Maastricht, kif ukoll li jieħu sehem fil-politika barranija u ta' sigurta' komuni li kienet għad trid titfassal bi ksur sfaċċat tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

## Il-Qasam Internazzjonali u Aktar Passi Lejn Stat Federali

Fil-qasam internazzjonali, bejn it-3 u l-14 ta' Ġunju kienet saret laqgħa tal-Konferenza tal-Ġnus Magħquda fuq l-Ambjent u l-Iżvilupp[33] ġewwa Rio de Janiero, fil-Brażil.

Bħala riżultat ta' din il-konferenza naraw aktar passi fil-mixja lejn Stat Federali Ewropew meta l-Komunita', kif kienet għadha msejha s'issa għaliex it-Trattat ta' Maastricht fuq l-Unjoni Ewropea kien għadu ma daħalx fis-seħħ, kienet ħadet sehem u ffirmat il-Konvenzjonijiet Internazzjonali fuq It-Tibdil fil-Klima[34] u d-Diversita' Bioloġika[35].

Hawnhekk naraw li minħabba li l-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, kienet iffirmat dawn il-konvenzjonijiet, hija kienet rabtet lill-Istati Membri tagħha b'dawn il-konvenzjonijiet, anki jekk, għall-grazzja ta' l-argument, l-Istati Membri tagħha ma riedux jew ma kienx jaqblilhom jiffirmaw u jirratifikaw dawn il-konvenzjonijiet.

Ifisser ukoll li l-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, kompliet ħadet id-drittijiet mogħtija mil-liġi internazzjonali lil kull pajjiż, jew aħjar **Stat indipendenti, ħieles u sovran**, mingħand l-Istati membri tagħha li min-naħa tagħhom issa spiċċawlhom għax ħadithom l-Unjoni Ewropea.

Daqshekk jibqgħu sovrani l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea meta drittijiet mogħtija lilhom bil-liġi internazzjonali, fosthom li jiffirmaw jew ma jiffirmawx Trattati u Konvenzjonijiet internazzjonali, reġjonali u ftehim oħra ma jkunux jistgħu jagħmluh għaliex dak id-dritt ittieħed mingħandhom mill-Unjoni Ewropea sakemm huma jibqgħu membri tagħha.

## Referendum

F'referendum li kien sar fl-Irlanda fit-18 ta' Ġunju, il-poplu Iralndiż kien aċċetta t-Trattat ta' Maastricht. Madankollu, minħabba l-problemi li kien għad hemm fl-Istati Membri, kien hemm il-biża li ma jinżammx iż-żmien li fih kien miftiehem li kellhom

[33] United Nations Conference on Environment and Development UNCED
[34] Convention on Global Climate Change
[35] Convention on Biological Diversity

isiru r-ratifiki mill-Istati Membri, tant li Kunsill Ewropew li kien inżamm bejn is-26 u s-27 ta' Ġunju ġewwa Lisbona, fil-Portugall, kien saħaq fuq l-importanza li ż-żmien mogħti għar-ratifika tat-Trattat kellu jiġi rispettat.

**Direttiva tal-Kunsill 92/49/EEC**

Fit-18 ta' Ġunju, il-Kunsill kien ħareġ Direttiva oħra fis-sensiela ta' Direttivi dwar il-kumpaniji ta' assigurazzjoni, din id-darba biex jikkordina l-liġijiet, regolamenti u provvedimenti amministrattivi dwar assigurazzjoni diretta barra assigurazzjoni fuq il-ħajja u biex jemenda d-Direttivi 73/239/EEC u 88/357/EEC. Din id-Direttiva kienet ġiet ukoll ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea[36].

**Direttiva tal-Kunsill 92/51/EEC**

Fil-mixja tagħha tal-moviment ħieles ta' professjonisti minn Stat Membru għal kull Stat Membru ieħor, il-Kunsill kien ħareġ Direttiva oħra dwar it-tieni sistema ġenerali għall-għarfien ta' edukazzjoni professjonali u taħriġ biex jissupplimenta d-Direttiva 89/48/EEC li kienet ħarġet aktar qabel fl-1988.

Din id-Direttiva li għandha n-numru 95/21/EEC, kienet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea numru OJL 209 ta' l-24 ta' Lulju 1992[37].

Wara li kif rajna aktar qabel id-Direttiva l-oħra kienet ordnat lill-Istati Membri biex jagħrfu l-kwalifiki miksuba fi Stati Membri oħra, id-Direttiva l-ġdida mhux biss kompliet wessgħet fuq l-oħra, imma għamlitha ċara li l-għan kien li s-suq intern kellu jitqies bħala area waħda[38] bla fruntieri.

Fi kliem ieħor, it-territorji ta' kull Stat Membru saru meqjusa bħala territorju wieħed, dak ta' l-Unjoni Ewropea.

Mhux biss, imma fil-paragrafu 18 jingħad ċar u speċifikament li din id-Direttiva kienet saret ukoll biex tneħħi kull ostaklu biex kull professjonist minn kull Stat Membru li l-professjoni tiegħu kienet regolata[39], jiġifieri li minbarra l-kwalifiki kien jinħtieġ li jkollu warrant biex jaħdem, ikun jista' jeżerċita' l-professjoni tiegħu f'kull Stat Membru ieħor.

L-Istati Membri ma setgħux jitolbu li huwa jew hija jġibu l-kwalifiki li ċittadini tagħhom normalment kienu jinħtieġu biex jeżerċitaw dik il-professjoni, imma l-kwalifiki li dawk iċ-ċittadini barranin ikunu ġabu f'dak il-pajjiż li fih kienu kkwalifikaw u li kienu jintitolawhom biex jiksbu l-warrant u jeżerċitaw il-professjoni tagħhom riedu bilfors jiġu rikonoxxuti, jew bil-Malti jintagħrfu u jekk kien jinħtieġ

[36] Council Directive 92/49/EEC 18.06.1992 OJL 228 11.08.1992 p0001-0023

[37] Council Directive 92/51/EEC OJL 209 24.07.1992 p0025-0045

[38] Paragrafu 1 fid-daħla tad-Direttiva jgħid li, "Whereas, pursuant to Article 8a of the Treaty, the internal market shall comprise an area without internal frontiers and whereas, pursuant to Artixcle 3 (c) of the Treaty, the abolition, as between Member States, of obstacles to freedom of movement for persons and services constitutes one of the objectives of the Community…"

[39] Paragrafu 18 ta' din id-Direttiva jgħid li, "Whereas the aim of this general system, like the first general system, is to eliminate obstacles to the **taking up and pursuit of regulated professions**…"

warrant biex huma jeżerċitaw il-professjoni tagħhom fl-Istat Membru li jkunu marru fih ried jingħatalhom.

Il-Gvern Nazzjonalista diġa' obda l-ordnijiet minn Brussell u daħħal ukoll liġi[40] li biha qiegħed jagħraf il-kwalifiki ta' persuni minn Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, anki dawk li jinħtieġu warrant biex jiġu eżerċitati.

Għaldaqstant, kull professjonist Malti u Għawdxi, anki dawk li l-professjoni tagħhom tinħtieġ warrant biex huma jeżerċitaw il-professjoni tagħhom, għandhom xogħolhom, ħobżhom u ħobż il-familji tagħhom mhedded bi sħubija fl-Unjoni Ewropea miċ-ċittadini ta' kull Stat Membru ieħor.

**Jibdew ir-Ratifiki tat-Trattat ta' Maastricht**

Mill-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill għaddiet għand ir-Renju Unit, waqt li l-għada, jiġifieri fit-2 ta' Lulju, il-Lussemburgu kien irratifika t-Trattat ta' Maastricht.

Il-Greċja kienet irratifikat it-Trattat fil-31 ta' Lulju, l-Italja fis-26 ta' Ottubru, u l-Belġju fl-4 ta' Novembru. Il-Portugall kien irratifikah fil-11 ta' Diċembru, l-Olanda fil-15 ta Diċembru, u l-Ġermanja fit-18 ta' Diċembru.

**Laqgħa Għolja Oċċidentali**

Fil-qasam internazzjonali, bejn is-6 u t-8 ta' Lulju kienet saret it-tmintax-il Laqgħa Għolja Ekonomika Oċċidentali[41] ġewwa Munich, fil-Ġermanja.

Il-Membri tas-7 l-aktar pajjiżi industrijalizzati fid-dinja eżaminaw id-definizzjoni ta' sħubija ġdida mal-kumplament ta' l-Ewropa u d-dinja, imsejjes fuq ix-xenxil progressiv ta' l-għeruq ta' valuri komuni[42].

Fis-7 ta' Awissu, il-Kunsill addotta regolament biex jittawwal il-programm[43] ta' għajnuna ekonomika għas-Slovenja, waqt li fil-25 tax-xahar, kienet fetħet Konferenza Internazzjonali ġewwa Londra, fir-Renju Unit, dwar dik li qabel kienet il-Jugoslavja.

Fl-20 ta' Settembru kien inżamm referendum fi Franza fejn iċ-ċittadini Franċiżi kienu aċċettaw bil-ħniena t-Trattat ta' Maastricht. Hawnhekk irrid infakkar id-diffikultajiet kbar li dan it-Trattat kien qajjem fl-Istati Membri u kien se jkun il-kaġun li anki fi Franza kien se jaqa' l-Gvern.

Fis-7 ta' Ottubru, il-Kummissjoni tat aktar għajnuna ta' emerġenza għall-vittmi tal-Gwerra fil-Jugoslavja. Bejn it-12 u t-13 tax-xahar, kienet saret konferenza ta dawk li kienu jagħtu l-għajnuna għas-Somalja, ġewwa Ġeneva, fl-Isvizzera. Il-Komunita' Ewropea, issa l-Unjoni Ewropea, kienet ħadet sehem f'din il-konferenza minħabba li kienet se tagħti wkoll xi għajnuna

---

40 Att Nru XVIII ta'l-2002
41 Occidental Economic Summit
42 Progressive rooting of common values
43 PHARE

## Komunita' il-Bogħod miċ-Ċittadini

Il-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea, minn dejjem kienet tiġi akkużata li hija 'l bogħod miċ-ċittadini tagħha. Dan wieħed jista' jifhmu jekk jiftakar mhux biss li d-Direttivi u r-Regolamenti joħorġu minn Brussell, imma li d-Direttivi u r-Regolamenti ma jagħtux każ tal-ħtiġijiet taċ-ċittadini.

L-uniċi ħtiġijiet li l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea jagħtu każ tagħhom huma l-interess biex ikomplu fil-mixja lejn Stat Federali Ewropew b'Suq Komuni f'kollox, li jkomplu jieħdu dejjem iżjed drittijiet u poteri mingħand l-Istati Membri, u l-interess tal-kumpaniji ġganteski tagħhom li dejjem iridu jkabbru s-suq tagħhom.

Tant dan kien qiegħed jinħass u tant kienet qed issir kritika lill-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha, li fis-16 ta' Ottubru, kien sar Kunsill Ewropew straordinarju ġewwa Birmingham, fir-Renju Unit. Dan il-Kunsill kien addotta dikjarazzjoni bit-titolu "Kommunita' eqreb lejn iċ-ċittadini tagħha"[44].

Taħsbu li minn dak in-nhar l-Unjoni Ewropea resqet eqreb lejn iċ-ċittadini tagħha? Wieħed jista' jgħid li bid-Diktat tagħha minn Brussell resqet eqreb lejn iċ-ċittadini tagħha daqs kemm resqu eqreb il-Lhud u l-Palestinjani bejniethom.

## In-Norveġja tapplika biex issir Membru

Fil-25 ta' Novembru, in-Norveġja kienet applikat formalment biex tissieħeb fl-Unjoni Ewropea.

Madankollu, kif se naraw aktar tard, il-poplu Norveġiż kien ċaħad it-talba u l-applikazzjoni tal-Gvern u l-politikanti tiegħu għax ma riedx jitlef jew ipoġġi fil-periklu s-servizzi soċjali li ilu jqawdi għal żmien twil, jinqerdu l-ibħra tas-sajd tiegħu bil-politika tas-sajd komuni u bis-sajjieda ta' l-Unjoni Ewropea, jitfarrak is-settur agrikolu tiegħu, jiġi kkmandat f'dak kollu li jagħmel u fit-taxxi li jħallas mill-barrani ġewwa Brussell, u jispiċċa ħafna agħar milli qatt kien.

## Karta fuq il-Politika tat-Trasport Komuni

Fit-2 ta' Diċembru, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea addottat Karta oħra mar-ruxxmata karti tas-soltu, din id-darba fuq l-iżvilupp futur tal-politika komuni tat-trasport.

Hawnhekk naraw dak li għedt aktar qabel li bl-iżvilupp tal-politika tat-trasport komuni, l-Unjoni Ewropea tidħol fl-għalqa ta' l-Istati Membri li jkollhom jaċċettaw dak kollu li tkun ordnatilhom l-Unjoni Ewropea.

Wieħed mir-riżultati ta' din il-politika huwa li l-Unjoni Ewropea għamlet l-inqas taxxi li t-trasport jistgħu jħallsu talli jużaw it-toroq fl-Istati membri.

Huwa għalhekk li l-Gvern Nazzjonalista kellu jħabbar baxx baxx li se jogħlew il-liċenzji tal-vetturi li fl-Unjoni Ewropea jlaħħqu l-mijiet ta' liri fis-sena.

[44] A Community close to its citizens

Anki s-sewwieqa tat-trakkijiet u trasport ieħor f'Malta se jkollhom jibdew iħallsu dawn il-liċenzji minħabba l-fissazzjoni, l-ossessjoni u l-ġennata tal-Gvern Nazzjonalista li Malta ssir membru u kolonja ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan dejjem jekk il-poplu Malti u Għawdxi jiġġennen u jaċċetta li jerġa' jagħmel lil Malta kolonja tal-barrani u joqgħod għal dak kollu li jordnalu l-barrani ta' l-Unjoni Ewropea minn Brussell.

**Kunsill Ewropew ġewwa Edinburgh**

Bejn il-11 u t-12 ta' Diċembru kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Edinburgh, fir-Renju Unit. Dan il-Kunsill kien offra arranġamenti speċjali lid-Danimarka li bihom setgħet tagħmel referendum ieħor dwar it-Trattat ta' Maastricht.

Il-Kunsill qabel ukoll fuq il-pakkett Delors II u qabel li t-taħdidiet tad-dħul ma' l-Awstrija, l-Isvezja u l-Finlandja kellhom jibdew fl-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara, jiġifieri l-1993.

Fil-21 tax-xahar, Andre' Middelhoek kien ġie elett bħala President tal-Qorti ta' l-Awdituri. Jumejn wara, jiġifieri fit-23 ta' Diċembru, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea kienet addottat Karta oħra, din id-darba dwar il-Pluraliżmu u l-Konċentrazzjoni tal-Medja fis-Suq Intern: Ivvalutar tal-ħtieġa ta' Azzjoni mill-Komunita'[45].

Karta oħra mar-ruxxmata karti li juru li anki f'dan il-qasam il-qarnita ta' l-Unjoni Ewropea bdiet iddeffes is-swaba tagħha.

Mhux biss, imma l-azzjoni kellha tittieħed mill-Komunita', jiġifieri mill-Unjoni Ewropea, u mhux mill-Istati Membri fl-interess tagħhom.

[45] Green Paper titled "Pluralism and Media Concentration in the Internal Market – An assessment of the need for Community action"

## L-1993

Il-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea kienet għaddiet għand id-Danimarka fl-1 ta' Jannar ta' din is-sena, waqt li fl-istess jum kien daħal fis-seħħ is-Suq Wieħed Ewropew.

Fl-1 ta' Frar, kienu bdew it-taħdidiet tad-dħul ma' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja. Kif wieħed jista' jara, dawn it-taħdidiet kienu bdew xahar tard milli kien ippjanat f'Diċembru tas-sena ta' qabel. Imbagħad, fil-5 ta' April kienu bdew it-taħdidiet tad-dħul tan-Norveġja ġewwa l-Lussemburgu.

## Ftehim Oħra ta' Kummerċ

Fl-1 ta' Frar, kien iffirmat ftehim ieħor dwar affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ, din id-darba mar-Rumanija, waqt li fit-8 ta' Marzu, kien iffirmat ftehim ieħor ta' kummerċ mal-Bulgarija.

Żewġ ftehim oħra ma **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani**.

Dawn huma żewġ ftehim oħra li mhux biss igiddbu lil dawk kollha li qed jgħidu li l-Unjoni Ewropea ma tagħmilx ftehim bħal ma jrid il-Partit Laburista u li trid tkun bilfors membru tagħha, imma juru wkoll li fejn ikun jaqbel jista' jsir ftehim magħha bla ma tkun membru ta' l-Unjoni Ewropea.

Naħseb li issa drajtu kemm toħroġ Karti l-Unjoni Ewropea. Fl-14 ta' Mejju, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea kienet addottat ukoll Karta oħra, din id-darba fuq kif tista' tiġi rranġata l-ħsara fl-ambjent[46].

## It-Tieni Referendum fid-Danimarka

Fit-18 tax-xahar, il-poplu Daniż kien approva t-Trattat ta' Maastricht f'referendum ieħor wara li fit-2 ta' Ġunju tas-sena ta' qabel ma kienx approvah f'referendum li kien sar apposta.

Il-poplu Daniż kien ivvota favur it-Trattat ta' Maastricht wara li kif rajna id-Danimarka kienet ingħatat arranġamenti speċjali biex ċerti provvedimenti tat-Trattat ta' Maastricht ma jkunux jorbtuha.

## Ipokrezija Ewropea

Bejn id-19 u l-24 ta' Ġunju, il-Komunita' Ewropea, issa l-Unjoni Ewropea, kienet ħadet sehem fil-Konferenza fuq id-Drittijiet tal-Bniedem tal-Ġnus Magħquda.

Hija ipokrezija grassa li waqt li l-Unjoni Ewropea tieħu sehem f'Konferenza tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea stess kienet iddeċidiet li l-Unjoni Ewropea m'għandhiex il-kompetenza jew il-personalita' legali biex tiffirma l-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

[46] Green Paper on remedying environmental damage

Din ma kienet xejn ħlief skuża biex il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea ma jkollhiex Qorti oħra fuqha li tkun tista' tiddeċiedi fuq ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem mill-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha.

Dan l-argument ikompli jissaħħaħ minħabba li issa l-Unjoni Ewropea għandha wkoll il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tagħha, imma dik narawha aktar 'il quddiem.

Li se nagħmel hawnhekk hija biss mistoqsija biex taħsbu fuqha.

Għalfejn l-Unjoni Ewropea għamlet il-Karta tagħha tad-Drittijiet Fundamentali meta l-Istati Membri tagħha kollha kienu ffirmaw u rratifikaw il-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa?

**<u>Kunsill Ewropew ġewwa Kopenħagen</u>**

Bejn il-21 u t-22 ta' Ġunju, kien sar Kunsill Ewropew ġewwa Kopenħagen, fid-Danimarka. Dan il-Kunsill kien ta' struzzjonijiet lill-Kummissjoni biex tipprepara Karta oħra fuq l-istrateġija fit-tul biex imexxu 'l quddiem it-tkabbir, kompetitivita' u impjiegi[47].

Minn dawn l-istruzzjonijiet naraw kemm fl-Unjoni Ewropea hemm nuqqas ta' tkabbir fl-ekonomija meta' mqabbla ma pajjiżi jew blokki ekonomiċi oħra, nuqqas kbir ta' kompetitivita', kif ukoll nuqqas ta' xogħol għall-ħaddiema tagħha.

Dan kollu tort tal-politika ħażina tagħha ta' suq wieħed ikkontrollat minnha fejn il-politika ta' l-Istati Membri jitwaħħdu flimkien u jsiru biss skond kif tkun trid l-Unjoni Ewropea.

**<u>Żviluppi Oħra</u>**

L-istess Kunsill kien ikkonferma li d-dħul ta' l-Awstrija, il-Finlandja, l-Isvezja u n-Norveġja kien se jsir sa' l-1995 u assigura wkoll lill-pajjiżi assoċjati mill-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant li huma se jsiru membri malli huma jissodisfaw il-kundizzjonijiet politiċi u ekonomiċi meħtieġa.

Mill-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill għaddiet għand il-Belġju. Bejn is-7 u d-9 tax-xahar, kienet inżammet Laqgħa Għolja tal-G7[48] ġewwa Tokjo, fil-Ġappun. Fid-19 tax-xahar, il-Kunsill kien addotta il-Programm Tacis għall-Istati Indipendenti[49] ta' dik li qabel kienet l-Unjoni Sovjetika.

Wara li kif rajna aktar qabel kien hemm problemi kbar fir-Renju Unit fejn kien hemm ħafna membri tal-Gvern li kienu qed jheddu li jivvutaw kontra t-Trattat ta' Maastricht u anki kienet saret kawża minn Lord Rees-Mogg, ir-Renju Unit kien irratifika t-Trattat fit-2 ta' Awissu.

---

[47] White Paper on long-term strategy to promote growth, competitiveness and employment
[48] G7 Summit
[49] Tacis Programmen for Independent States of the former Soviet Union

## Aktar Karti

Taħsbu li l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea kienet kuntenta bil-karti li kienet ħarġet? Lanqas xejn, tant li fid-29 ta' Settembru, kienet addottat Karta[50] oħra fuq id-dimensjoni Ewropea ta' l-edukazzjoni.

Il-fatt li kienet għamlet din il-karta jfisser li mhux biss kienet qed tindaħal fl-edukazzjoni kif fil-fatt kienet ilha tagħmel minn snin twal qabel, imma li issa l-edukazzjoni fl-Istati Membri riedet tingħata dimensjoni Ewropea.

Fi kliem ieħor, dan kien pass biex l-edukazzjoni tibda tiffoka, jew aħjar tiġi ċċentrata, fuq l-Unjoni Ewropea, ħalli t-tfal jiġu indottrinati u moħħom maħsul favur l-Unjoni Ewropa minħabba li l-kbar kienu diżillużi bl-iżviluppi kollha li kienu saru, għaliex kif kien qal l-għaref Platun, it-tfal tista' tagħġinhom kif trid.

Fl-20 ta' Ottubru, il-Kummissjoni reġgħet addottat Karta oħra, din id-darba dwar il-garanziji fuq l-affarijet tal-konsumatur u s-servizz ta' wara l-bejgħ[51].

## Laqgħa Għolja tal-Kunsilll ta' l-Ewropa

Bejn it-8 u d-9 ta' Ottubru, il-Komunita' Ewropea kienet attendiet għal-Laqgħa Għolja ta' Vjenna li kienet organizzata mill-Kunsill ta' l-Ewropa.

Minn dan inkomplu naraw kemm il-Komunita' Ewropea, issa l-Unjoni Ewropea, ħadet post l-Istati Membri tagħha fil-fora internazzjonali. Hija tkomplija tal-mixja lejn Stat Federali jew le?

## Laqgħa bejn l-Istituzzjonijiet

Fil-25 ta' Ottubru, kienet saret laqgħa bejn l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea ġewwa l-Lussemburgu. Il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlament addottaw dikjarazzjoni fuq id-demokrazija, trasparenza u sussidjarjeta'.

Huma qablu wkoll fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Parlament fuq il-kundizzjonijiet ġenerali tad-dmirijiet ta' l-Ombudsman u t-test fuq il-metodi tax-xogħol għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni taħt il-proċedura ta' ko-deċiżjoni.

## Trasparenza

Wieħed jistaqsi jekk il-ħabi u t-tkeċċija ta' min jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-kontijiet tagħha minħabba li mijiet u eluf ta' miljuni jisparixxu bla ebda traċċa kull sena hijiex it-trasparenza li l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea jridu jaraw.

Wieħed jistaqsi jekk il-fatt li l-Bank Ċentrali Ewropew li qiegħed fil-Ġermanja li ma jridx jgħid kif ikunu vvutaw il-membri tiegħu biex l-Istati Membri u ċ-ċittadini

[50] Green Paper on European dimension of education
[51] Green Paper on guarantees for consumer goods and after-sales service

tagħhom ma jkunux jafu min qiegħed jieħu d-deċiżjonijiet u fl-interess ta' min ikunu ttieħdu.

**Sussidjarjeta'**

Wieħed jistaqsi fejn qegħda s-sussidjarjeta' meta l-Unjoni Ewropea dejjem qed tidħol fl-oqsma kollha u taqla 'l barra lill-Istati Membri.

L-unika sussidjarjeta' li hemm hija li kull meta' l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea tagħmel xi regolament jew toħroġ xi direttiva biex jagħmlu xi ħaġa l-Istati Membri, l-Istati Membri jkollhom idaħħlu dak ir-regolament jew direttiva skond ma tkun ordnat l-Unjoni Ewropea għaliex m'għandhom ebda għażla.

**Ko-Deċiżjoni**

Wieħed jistaqsi fejn qegħda l'ko-deciżjoni fl-Unjoni Ewropea meta kull ma jsir huwa li l-l-Unjoni Ewropea permezz ta' l-istituzzjonijiet tagħha tieħu d-deċiżjonijiet u l-Istati Membri jobduhom.

Ftakru li l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet Ewropej tagħha ilhom żmien twil jiġu akkużati b'diktat u l-imponiment tad-deċiżjonijiet tagħhom fuq l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom.

**Kunsill Ewropew ġewwa Brussell**

Fid-29 ta' Ottubru kien ġie miżmum Kunsill Ewropew ġewwa Brussell, fil-Belġju. Dan il-Kunsill kien ħareġ dikjarazzjoni biex jimmarka d-dħul fis-seħħ tat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea, jiġifieri t-Trattat ta' Maastricht li permezz tiegħu kienet twaqqfet l-Unjoni Ewropea.

L-istess Kunsill kien ikkonferma li t-tieni fażi ta' l-għaqda ekonomika u monetarja[52] kienet se tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994, u identifika diversi affarijiet għal azzjoni flimkien[53] li kellhom jittieħdu mill-Unjoni taħt il-politika barranija u ta' sigurta' komuni[54].

Kien ħa wkoll deċiżjoni dwar fejn kellhom ikunu diversi uffiċċji u aġenzija tal-Komunita'.

Dwar l-azzjonijiet flimkien li kellhom jittieħdu taħt il-politika barranija u ta' sigurta' komuni, tajjeb li nfakkar li din hija kontra l-Kostituzzjoni ta' Malta.

Dan kien magħruf mill-istess Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea meta bagħtet l-opinjoni tagħha lill-Gvern Nazzjonalista wara li kien għamel l-applikazzjoni tiegħu biex Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea. Dan narawh aktar 'il quddiem.

---

[52] Economic and monetary union
[53] Joint action
[54] Common Foreign and Security Policy

## It-Trattat ta' Maastricht jidħol fis-Seħħ

Fl-1 ta' Novembru, il-proċessi kollha ta' ratifika kienu lesti, u t-Trattat ta' Maastricht fuq l-Unjoni Ewropea daħal fis-seħħ. **Daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru biex jissimbolizza l-mewt tas-sovranita' ta' l-Istati Membri u l-mixja lejn Stat Federali Ewropew bl-isem ta' l-Unjoni Ewropea.**

Fis-16 tax-xahar, il-Kummissjoni addottat Karta oħra, din id-darba fuq l-aċċess tal-konsumaturi għall-ġustizzja u ftehim fuq kwistjonijiet tal-konsumatur[55].

## Politika Soċjali Ewropea

Fis-17 ta' Novembru, il-Kummissjoni reġgħet addottat Karta[56] oħra dwar l-Għażliet għall-Unjoni ta' Politika Soċjali Ewropea.

Minn din il-karta nindunaw li l-Unjoni Ewropea mhux biss kienet daħlet fl-għalqa tas-sigurta' soċjali li huwa normali li tkun dritt ta' kull **Stat Ħieles, Indipendenti u Sovran** li jiddeċiedi fuqha, imma l-qarnita Ewropea kienet qed tara wkoll kif se tkompli tifrex is-swaba tagħha f'dan il-qasam biex kollox ikun fuq livell Ewropew.

Il-kliem Politika Soċjali Ewropea jfissru li barra li dak li tiddeċiedi l-Unjoni Ewropea fuq is-sigurta' jkollhom jagħmluh bilfors l-Istati Membri, huwa ċar daqs il-kristall li l-Unjoni Ewropea kienet qed timmira biex tkun meqjusa bħala Stat Federali ta' l-Istati Uniti ta' l-Ewropa.

Dan għaliex il-passi li tkun ħadet ikunu qishom il-passi li tieħu l-Istati Uniti ta' l-Amerika, fejn dak li jkun iddeċieda l-Istat Federali jew l-istituzzjonijiet Federali jkollhom jagħmluh bilfors l-Istati Membri tiegħu.

Qed taraw kemm anki minn sempliċi isem wieħed jista' jinduna lejn fejn tkun qed timmira l-Unjoni Ewropea u l-mexxejja tagħha?

## Tkabbir, Kompetittivita' u Mpjiegi

Fil-5 ta' Diċembru, il-Kummissjoni reġgħet addottat Karta[57] oħra fuq it-tkabbir, il-kompetittivita' u l-impjiegi. Din il-Karta kellha t-titolu, "L-isfidi u t-toroq 'il quddiem fis-seklu 21".

Dan juri kemm il-problemi kbar ta' nuqqas ta' tkabbir, nuqqas ta' kompetittivita' u ta' nuqqas ta' xogħol li dejjem kellha l-Unjoni Ewropea minħabba l-politika ħazina tagħha ta' Suq Komuni Wieħed fl-oqsma kollha qatt ma kien instab tarf tagħhom, kif għadu ma nstabx tarf tagħhom s'issa.

---

[55] Green Paper on access of Consumer to justice and the setlement of consumer disputes
[56] Green Paper on European Social Policy options for the Union
[57] White Paper on growth, competitiveness and employment titled: The challenges and ways forward into the 21st century.

**Kodiċi ta' Kondotta**

Fis-6 ta' Diċembru, il-Kunsill u l-Kummissjoni laħqu qbil fuq kodiċi ta' kondotta dwar aċċess pubbliku għal dokumenti uffiċjali. Minkejja dan il-qbil, iċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea għadhom sal-lum imċaħħda milli jkollhom aċċess għad-dokumenti ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan kollu juri li l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea għandhom x'jaħbu u ma jridux juru d-dokumenti tagħhom. Kieku ma kellhomx x'jaħbu kienu jilqgħu t-talbiet taċ-ċttadini ta' l-Unjoni Ewropea meta jitolbuhom xi dokument.

**Kunsill Ewropew ġewwa Brussell**

Bejn l-10 u l-11 ta' Diċembru, kien sar Kunsill Ewropew ġewwa Brussell, fil-Belġju.

Il-Kunsill kien għamel pjan ta' azzjoni fuq żmien qasir u medju, imsejjes fuq il-Karta tal-Kummissjoni fuq it-tkabbir, kompetittivita' u x-xogħol, u pjan tal-bidu fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni.

Il-Kunsill iddeċieda wkoll li jsejjaħ konferenza biex tilħaq qbil fuq patt ta' stabbilita' għall-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant.

Fit-13 ta' Diċembru, il-Kunsill laħaq qbil fuq ftehim li joħloq Area Ekonomika Ewropea, waqt li fil-15 tax-xahar, id-delegazzjonijiet ta' l-Istati li kienu qed jieħdu sehem fin-negozjati[58] tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ[59] kienu ffirmaw ftehim ġewwa Ġeneva, fl-Isvizzera, li fetaħ it-triq għall-akbar liberalizzazzjoni fl-istorja tal-kummerċ dinji.

Meta wieħed jara kif il-kummerċ qiegħed jiġi liberalizzat madwar id-dinja kollha waqt li pajjiżi li qed jiżviluppaw għadhom jistgħu jagħmlu dazji u tariffi biex jipproteġu l-pajjiżhom, ċertament li ma jagħmilx sens li ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea, tintrabat u tixxekkel bir-regoli stupidi u bażwija tagħha li ma jgħoddux għalina meta nistgħu nibqgħu ħielsa li nagħmlu l-kummerċ ma aktar skond kif ikun jaqblilna.

---

[58] Uruguay Round
[59] General Agreement on Tariffs and Trade

## 1994

Fl-1 ta' Jannar, il-Presidenza tal-Kunsill għaddiet għand il-Greċja. It-tieni stadju ta' l-għaqda ekonomika u monetarja kien beda u ġie mwaqqaf l-Istitut Monetarju Ewropew. Fl-istess jum, il-ftehim dwar l-Area Ekonomika Ewropea daħal ukoll fis-seħħ.

## Frodi

Fid-19 ta' Frar, il-Qorti ta' l-Awdituri[60] ppubblika rapport speċjali dwar il-kontroll ta' l-irregolaritajiet u frodi fil-qasam agrikolu.

Tajjeb li wieħed ifakkar li fl-Unjoni Ewropea għaddejjin frodi kbar ta' mijiet jew eluf ta' miljuni fis-sena fil-finanzi, li minkejja li ġiet miġbuda l-attenzjoni għalihom, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea minflok ma rranġat it-toqob biex ma tħallix li jkomplu jsiru l-frodi, keċċiet lill-awditur li ġibed l-attenzjoni għalihom.

## Sessjoni Inawgurali

Bejn id-9 u l-10 ta' Marzu, il-Kumitat tar-Reġjuni[61] li kien twaqqaf mit-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea kien żamm is-sessjoni inawgurali tiegħu, fejn Jacques Blanc ġie elett bħala chairman.

## Laqgħa Informali ġewwa Joannina

Fid-29 ta' Marzu, kienet inżammet laqgħa informali tal-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin ġewwa Joannina[62], fil-Greċja. Kienet intlaħqet deċiżjoni ta' kompromess li addottat ir-regoli għal deċiżjonijiet b'maġġoranza kwalifikata[63] bi preparazzjoni għat-tkabbir.

Hawnhekk naraw li l-Istati Membri kienu qed jaddottaw regoli biex deċiżjonijiet ma jibqgħux jittieħdu aktar b'vot unanimu, jiġifieri billi jkunu qablu fuqhom l-Istati Membri kollha, imma jittieħdu permezz ta' vot tal-maġġoranza.

B'hekk, kien qiegħed ikompli jispiċċa d-dritt tal-veto minn ħafna oqsma oħra, li, jekk tiftakru, rajna li kien beda jitnaqqar fil-Kompromess tal-Lussemburgu.

## Negozjati u Applikazzjoni

Fit-30 ta' Jannar, kienu spiċċaw in-negozjati tas-sħubija ma' l-Awstrija, l-Isvezja, il-Finlandja u n-Norveġja li kienu qed jinżammu ġewwa Brussell, fil-Belġju. L-għada, jiġifieri fil-31 ta' Jannar, l-Ungerija applikat formalment biex tissieħeb, waqt li fil-5 ta' April, kien imiss lill-Polonja li titfa' l-applikazzjoni formali tagħha.

[60] Court of Auditors
[61] Committee of the Regions
[62] Ioannina
[63] Qualified-majority decision-making

Fil-31 ta' Jannar ukoll, il-Kummissjoni reġgħet addottat Karta[64] oħra fuq il-Politika awdjo-viżwali ta' l-Unjoni. Anki dan il-qasam kien destinat, bħal ħafna oqsma oħra qablu, li jispiċċa regolat mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Fil-qasam internazzjonali, l-Att Aħħari[65] tan-negozjati[66] tal-Ftehim Ġenerali fuq it-Tariffi u l-Kummerċ[67] kien ġie ffirmat ġewwa Marrakexx[68], fil-Marokk.

## Azzjoni Flimkien

Fid-19 ta' April, il-Kunsill kien iddecieda fuq azzjoni flimkien taħt il-politika barranija u ta' sigurta' komuni bħala sostenn għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani.

Għalkemm din l-azzjoni flimkien kienet għal għan tajjeb, madankollu din id-deċiżjoni turi kif fil-qasam tal-politika barranija u ta' sigurta' komuni, issa kienet l-Unjoni Ewropea li kienet qed tieħu deċiżjonijiet li l-Istati Membri kellhom bilfors jobdu u jimxu magħha.

Dan ifisser li anki jekk huma normalment kien ikollhom politika differenti li tkun kontra dik deċiża mill-Unjoni Ewropea, huma ma setgħux imorru kontra dak li tkun iddeċidiet l-Unjoni Ewropea u jkollhom jagħmlu bilfors kif ikunu ordnati.

Daqshekk jibqgħu sovrani l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea.

## Żviluppi Oħra

Fis-26 tax-xahar, il-Parlament u l-Kunsill addottaw ir-raba' programm ta' qafas fuq riċerka, żvilupp u dimostrazzjoni[69] għas-snin 1994-1998.

Fil-25 ta' Mejju, il-Bord tal-Gvernaturi tal-Bank ta' Investiment Ewropew kienu waqqfu l-Fond ta' Investiment Ewropew. Bejn is-26 u s-27 tax-xahar, kienet saret konferenza inawgurali dwar il-Patt ta' Stabbilita' għall-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, ġewwa Pariġi fi Franza.

Bejn id-9 u t-12 ta' Ġunju kienu saru r-raba' elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew li fihom kienu vvutaw iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri. Fit-12 tax-xahar kien inżamm referendum fl-Awstrija fejn il-poplu Awsrtijak kien qabel li jidħol fl-Unjoni Ewropea.

## Aktar Ftehim

Fl-14 ta' Ġunju kien ġie ffirmat ftehim ieħor ta' kooperazzjoni u sħubija[70] bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajina, liema ftehim kien ġie ffirmat ġewwa l-Lussemburgu.

[64] Green Paper on the Union's audiovisual policy
[65] Final Act
[66] Uruguay Round
[67] General Agreement on Tariffs and Trade
[68] Marrakesh
[69] Fourth framework programme on research, development and demonstration 1994-1998
[70] Partnership

Ftehim ieħor ta' sħubija u kooperazzjoni[71] kien ġie ffirmat bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri u r-Russja fil-25 tax-xahar.

Dawn ma kinux l-uniċi ftehim li saru din is-sena, għaliex fit-18 ta' Lulju kienu ġew iffirmati ftehim oħra ta' kummerċ ħieles ma' l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja, liema ftehim kienu ġew iffirmati ġewwa Brussell, fil-Belġju. Fl-10 ta' Ottubru kien ġie ffirmat ukoll ftehim ieħor ta' kooperazzjoni ma' l-Afrika tan-Nofs in-nhar.

Din hija lista ta' ftehim li tkompli mal-ftehim l-oħra li rajna s'issa li kollha juru li mhux veru li trid tkun membru ta' l-Unjoni Ewropea biex tagħmel xi ftehim magħha li jkun jaqbel għat-tnejn.

**Kunsill Ewropew ġewwa Korfu'**

Bejn l-24 u l-25 ta' Ġunju kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Korfu', fil-Greċja. Il-Kunsill studja dak li kien sar wara li kienet ġiet addottata l-Karta fuq it-tkabbir, il-kompetitivita' u x-xogħol, jew aħjar l-impjiegi.

Mill-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill li issa beda jiġi magħruf bħala l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u mhux aktar tal-Komunitajiet Ewropej, kienet għaddiet għand il-Ġermanja. Bejn it-8 u l-10 ta' Lulju, kienet saret l-għoxrin Laqgħa Ekonomika Għolja tal-Punent ġewwa Napli, fl-Italja.

**Il-Każ Paola Faccini Dori**

Il-każ Paola Faccini Dori[72] kien dwar nuqqas tal-Gvern Taljan li ma kienx daħħal Direttiva 85/577/EEC[73] ta' l-Unjoni Ewropea li kienet tipproteġi l-konsumaturi meta jiffirmaw kuntratt mhux fil-post tan-negozju, jiġifieri bħal dawk li jiġu jħabbtulek il-bieb biex ibiegħulek xi ħaġa, u b'hekk kien ikkawża danni lil ċittadin privat.

Faccini Dori kienet xtrat kors ta' korrispondenza fl-ilsien Ingliż mill-istazzjon ċentrali tal-ferrovija ta' Milan fid-19 ta' Jannar 1989. Fit-23 ta' Jannar, hija kitbet lill-kumpanija fejn infurmata li kienet ħassret l-ordni tagħha, imma l-kumpanija nfurmata li kienet tat l-ordni lil Recreb.

Min-naħa tagħha Recreb talbet lill-Imħallef Rikonċiljatur ta' Firenze biex jordna lil Faccini Dori tħallas, imma hija qalet li hija kellha dritt tħassar il-kuntratt skond id-Direttiva.

Minħabba li l-Gvern Taljan kien għadu ma daħħalx id-Direttiva meta kien sar il-kuntratt, u minħabba li kienet kwistjoni ta' Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea, il-Qorti Taljana rreferiet il-każ lill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea biex tagħti deċiżjoni preliminari jekk id-Direttiva kinitx tgħodd minħabba li l-Gvern Taljan ma kiex daħħalha fiż-żmien li suppost[74], imma kien daħħalha aktar tard[75].

---

[71] Partnership and cooperation agreement
[72] Paola Faccini Dori v Recreb Srl. Case C-91/92 Judgment of the Court of 14 July 1994 European Court Reports 1994 Page I-03325
[73] OJ 1985 L 372, p. 31
[74] Sat-23 ta' Dicembru 1987

Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea qalet li għalkemm hija ma setgħetx issib il-protezzjoni tad-Direttiva għaliex il-Gvern Taljan kien naqas li jdaħħalha fiż-żmien li suppost, meta Stat Membru jkun ikkawża danni lil individwu privat minħabba li jkun naqas milli jdaħħal direttiva fil-liġi nazzjonali, dak l-Istat Membru jrid iħallas kumpens[76] sakemm ċerti kundizzjonijiet jkunu sodisfatti.

## Laqgħa Straordinarja tal-Kunsill Ewropew

Fil-15 ta' Lulju kienet inżammet laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew ġewwa Brussell, fil-Belġju. Jacques Santer kien ġie magħżul biex jieħu post Jaques Delors bħala President tal-Kummissjoni.

Bejn id-19 u s-26 ta' Lulju, il-Parlament il-ġdid kien żamm l-ewwel sessjoni tiegħu ġewwa Strasburg, fi Franza. Klaus Hansch kien ġie elett bħala President, waqt li Jacques Santer kien appuntat formalment bħala l-President li jmiss tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

## Karta oħra fuq il-Politika Soċjali Ewropea

Fis-27 ta' Lulju, il-Kummissjoni kompliet mar-ruxxmata karti li kienet ħarġet qabel billi ħarġet Karta[77] oħra, din id-darba fuq il-Politika Soċjali Ewropea.

Din ma kienet xejn ħlief tkomplija tal-passi li kienet ħadet aktar qabel biex dan is-settur jiġi regolat mill-Unjoni Ewropea u mhux aktar mill-Istati Membri.

Fuq livell internazzjonali, fl-10 ta' Ottubru kienet fetħet il-Konferenza fuq is-Sigurta' u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa[78] ġewwa Budapest, fl-Ungerija.

## Aktar Referenda

Fis-16 ta' Ottubru kien sar referendum fil-Finlandja, fejn iċ-ċittadini Finlandiżi kienu qablu li jissieħbu fl-Unjoni Ewropea. F'referendum ieħor li kien inżamm fit-13 ta' Novembru, iċ-ċittadini Svediżi kienu qablu wkoll li jissieħbu fl-Unjoni Ewropea.

Illum qiegħed jiddispjaċihom li kienu għamlu hekk.

Min-naħa tagħhom, iċ-ċittadini Norveġiżi indunaw mill-ewwel xi tfisser sħubija fl-Unjoni Ewropea u f'referendum li kien inżamm fit-28 ta' Novembru, kienu

---

[75] Decreto Legislativo No 50 of 15 January 1992 (GURI, ordinary supplement to No 27 of 3 February 1992, p. 24), which entered into force on 3 March 1992

[76] "If a Member State fails to comply with the obligation to transpose a directive which it has under the third paragraph of Article 189 of the Treaty and if the result prescribed by the directive cannot be achieved by way of interpretation of national law by the courts, Community law requires that Member State to make good the damage caused to individuals through failure to transpose the directive, provided that three conditions are fulfilled, namely that the result prescribed by the directive must entail the grant of rights to individuals, the content of those rights must be identifiable on the basis of the provisions of the directive and there must be a causal link between the breach of the State' s obligation and the damage suffered. In those circumstances, it is for the national court to uphold the right of aggrieved persons to obtain reparation in accordance with national law on liability"

[77] White Paper on the European Social Policy

[78] Conference on Security and Cooperation in Europe CSCE

ddeċiedew li jħarsu l-interessi u l-ħelsien tagħhom, fosthom is-servizzi soċjali mill-aqwa u l-livell ta' għixien li huwa ħafna aħjar mill-aħjar Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, u ċaħdu dak li rieduhom jagħmlu l-politiċi Norveġiżi, jiġifieri s-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

Fil-25 ta' Ottubru, il-Kummissjoni addottat l-ewwel parti tal-Karta[79] fuq il-liberalizzazzjoni ta' l-infrastruttura tax-xbieki tat-telekomunikazzjonijiet u t-televiżjoni bil-kabel.

Dan kien ukoll pass biex dawn l-oqsma jispiċċaw minn taħt l-Istati Membri u jibdew jiġu regolati mill-Unjoni Ewropea.

**Aktar Laqgħat**

Fil-28 ta' Novembru, il-Kunsill ta' l-Istitut Monetarju Ewropew kien iltaqa' għall-ewwel darba fi Frankfurt, fil-Ġermanja.

Fid-29 tax-xahar, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni addottaw il-perspettiva finanzjarja għal bejn l-1995 u l-1999 biex jagħtu każ tat-tkabbir. L-għada, il-Kunsill addotta l-ewwel azzjoni flimkien[80] fil-qasam tal-kooperazzjoni fl-oqsma tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni[81].

Fis-6 ta' Diċembru, il-Kunsill addotta l-programm Leonardo da Vinċi fuq it-taħriġ vokazzjonali, kif ukoll l-ewwel riżoluzzjoni taħt il-Protokoll tal-Politika Soċjali[82].

**Il-Problema ta' Tkabbir, Kompetittivita' u Mpjiegi**

Kif għedt kemm-il darba, il-problema ta' nuqqas ta' tkabbir fl-ekonomija, kompetitivita' u nuqqas ta' mpjiegi minn dejjem kienu problemi kbar għall-Unjoni Ewropea minħabba l-politika tagħha f'dawn l-oqsma.

Għaldaqstant, bejn id-9 u l-10 ta' Diċembru, kienet inżammet laqgħa tal-Kunsill Ewropew ġewwa Essen, fil-Ġermanja. Din il-laqgħa kienet fasslet linji għal azzjoni biex tissaħħaħ l-istrateġija tal-Karta[83] dwar it-tkabbir ekonomiku, kompetitivita' u mpjiegi, b'referenza speċjali għal miżuri biex jikkumbattu n-nuqqas ta' mpjiegi u jibdew jaħdmu x-xbieki trans-Ewropej[84].

Il-Kunsill qabel ukoll fuq strateġija biex iqarreb il-pajjiżi assoċjati ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant lejn il-Komunita' u reġa' saħaq id-determinazzjoni tiegħu li jwaqqaf sħubija Ewro-Mediterranja[85]. Il-Kunsill qabel ukoll fuq programm multi-annwali[86] ta' għajnuna għal-Irlanda.

---

[79] Green Paper on liberalisation of telecommunications infrastructure and cable television networks
[80] Joint action
[81] Justice and Home Affairs
[82] Social Policy Protocol
[83] White Paper on growth, competitiveness and employment
[84] Trans-European networks
[85] Euro-Mediterranean partnership
[86] Multi-annual programme

**Konklużjonijiet, Regolamenti u Direttivi**

Bejn il-15 u s-16 ta' Diċembru, il-Kunsill addotta l-konklużjonijiet ta' l-istrateġija tal-Komunita' biex jitnaqqas il-ħruġ tal-gass CO2, jiġifieri dak magħruf bħala diossidu tal-karbonju, bl-Ingliż carbon dioxide, kif ukoll fuq l-ambjent u t-trasport.

Il-Kunsill addotta wkoll regolament fuq is-sustanzi li jnaqqsu s-saff ta' l-ożonu[87] u direttiva fuq il-ħruq ta' skart perikoluż[88]. Biex ikomplu fl-istess triq, it-Trattat dwar il-Karta[89] Ewropea ta' l-Enerġija kien ġie ffirmat ġewwa Lisbona, fil-Portugall fis-17 ta' Diċembru.

Waqt li t-tnaqqis ta' gassijiet u l-affarijiet l-oħra msemmija huwa ħaġa tajba biex jittejjeb ukoll l-ambjent u l-ħajja taċ-ċittadini, il-fatt li kienet l-Unjoni Ewropea li kienet iddeċidiet l-istrateġija li kellhom jaddottaw l-Istati Membri kif ukoll ħarġet ir-regolament u ddeċidiet hija x'għandu jsir ifisser li dawn kienu oqsma oħra li l-Unjoni Ewropea kienet daħlet fihom u qalgħet 'il barra lill-Istati Membri milli jiddeċiedu huma skond kif ikun jaqblilhom.

---

[87] Substances which deplete the ozone layer
[88] Incineration of hazardous waste
[89] Treaty on European Energy Charter

## Is-Sena 1995

L-1995 bdiet billi l-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għaddiet għand Franza. Fl-istess jum, l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja saru membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Wara li aktar qabel fit-18 ta' Jannar il-Parlament kien qabel fuq il-ħatra tal-Membri tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea, fit-23 tax-xahar ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri ħatru l-President u l-Membri tal-Kummissjoni għal-5 snin.

### Telekomunikazzjonijiet u Televiżjoni bil-Kabel

Jumejn wara, il-Kummissjoni addottat it-tieni parti tal-Karta fuq il-liberalizzazzjoni tax-xbieki ta' l-infrastruttura tat-telekomunikazzjonijiet u t-televiżjoni bil-kabel[90].

Dan kien ifisser li dawn l-oqsma kienu qed ikomplu jiġu liberalizzati biex ikun hemm kompetizzjoni fihom skond kif tkun iddeċidiet l-Unjoni Ewropea u mhux aktar l-Istati Membri.

### Il-Każ Bordessa

Il-każ Bordessa[91] kien dwar l-esportazzjoni ta' flus minn Stat Membru għall-ieħor. Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kienet qalet li ċittadini ta' Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea setgħu jesportaw karti tal-flus, muniti u ċekkijiet minn Stat Membru għall-ieħor mingħajr ma jkollhom awtorizzazzjoni minn qabel.

Dan kien ifisser li dawk il-liġijiet li kellhom l-Istati Membri biex iżommu kontroll fuq il-flus li ċ-ċittadini tagħhom jieħdu f'pajjiżi oħra kien spiċċa għal kollox.

Dan aktar u aktar minħabba li wara li t-Trattat ta' Maastricht kien daħal fis-seħħ, il-poteri li kellhom l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea kienu żdiedu bil-kbir waqt li naqsu dawk ta' l-Istati Membri.

Minħabba dak li kienet iddeċidiet il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea, kien sar aktar faċli li kriminali jesportaw il-flus tagħhom minn Stat Membru għal Stat Membru ieħor.

Dan ukoll flimkien mal-ftehim ta' Xengen, kien ta s-sehem tiegħu biex il-kriminalita' u l-ħasil tal-flus jiżdiedu fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

### Konferenza Ministerjali tal-G7

Bejn il-25 u s-26 ta' Frar, kienet saret Konferenza Ministerjali tal-G7, li kif għedt aktar qabel huma l-aktar 7 pajjiżi żviluppati fid-Dinja. Din il-Konferenza kienet dwar

[90] Green Paper on liberalisation of telecommunications infrastructure and cable television networks
[91] Judgment of the Court of 23 February 1995. Criminal proceedings against Aldo Bordessa and Vicente Mari Mellado and Concepcion Barbero Maestre. References for a preliminary ruling: Audiencia Nacional - Spain. Directive 88/361/EEC - Authorization for the transfer of money in the form of banknotes. Joined cases C-358/93 and C-416/93.European Court reports 1995 Page I-0361

is-Soċjeta' ta' Informazzjoni. Għal din l-okkażjoni, l-Unjoni Ewropea varat is-sit fuq l-internet tagħha magħruf bħala "Europa".

Hawnhekk wieħed ma jistax ma jikkummentax u juri li minkejja l-ftaħir kollu li l-Unjoni Ewropea qegħda fuq quddiem speċjalment fit-teknoloġija ta' l-informazzjoni, il-Partit Laburista kellu s-sit tiegħu fuq l-internet qabel l-Unjoni Ewropea. Il-fatti jitkellmu waħidhom dwar min huwa aġġornat l-aktar mat-teknoloġija moderna.

Fit-8 ta' Marzu, il-Qorti ta' l-Awdituri kienet ippubblikat rapport speċjali fuq l-istrument finanzjarju ta' għaqda[92]. Fl-14 tax-xahar, il-Kunsill u l-Parlament iffirmaw il-Programm Socrates fil-qasam ta' l-edukazzjoni. Bejn l-20 u l-21 tax-xahar kien ġie ffirmat u addottat il-Patt ta' Stabbilita' għall-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant ġewwa Pariġi, fi Franza.

Fis-26 tax-xahar, il-Ftehim ta' Xengen kien daħal fis-seħħ bejn il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, l-Olanda, il-Portugall u Spanja, waqt li dan il-ftehim kien iffirmat mill-Awstrija fit-28 ta' April.

## L-Unjoni Ewropea fil-Qasam tat-Turiżmu

Fl-4 ta' April, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea addottat Karta oħra, din id-darba fuq ir-rwol ta' l-Unjoni Ewropea fil-qasam tat-turiżmu.

Wieħed jista' jara li issa l-Unjoni Ewropea riedet tidħol ukoll fil-qasam tat-turiżmu minflok l-Istati Membri tagħha.

Pass wara pass, l-Unjoni Ewropea kompliet miexja fit-triq biex issir Stat Federali Ewropew li l-Istati Membri tiegħu jkollhom jobdu dak kollu li jordnaw l-istituzzjonijiet tagħha u ma jibqgħux jiddeċiedu skond kif ikun jaqbel lilhom. Qies wieħed l-istess għal kulħadd.

Fid-9 ta' April, il-Liċtenstajn[93] irratifika d-dħul tiegħu fil-Qasam Ekonomiku Ewropew[94] permezz ta' referendum. Hawnhekk irid jingħad li Liċtenstajn kien għadu ma sarx membru ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles, imma kien beda jieħu sehem fil-Qasam Ekonomiku Ewropew fl-1 ta' Mejju.

Fl-10 tax-xahar, il-Kunsill addotta rapport fuq l-iffunzjonar tat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea, jiġifieri t-Trattat ta' Maastricht bi preparazzjoni għall-Konferernza Intergovernattiva ta' l-1996.

Fil-21 tax-xahar, il-Kumitat tar-Reġjuni kien addotta opinjoni fuq l-inizjattiva tiegħu stess dwar il-preparamenti għal din il-Konferenza Intergovernattiva.

[92] Cohesion financial instrument
[93] Liechtenstein
[94] European Economic Area

## Programm Info 2000

Fit-3 ta' Mejju, il-Kummissjoni qablet dwar il-Programm Info 2000 biex jistimula l-iżvilupp ta' industrija tal-multimedja Ewropea[95] fis-soċjeta' ta' nformazzjoni li kienet qed tiżviluppa[96].

Wieħed irid jiftakar dak li għedt aktar qabel dwar kif l-Unjoni Ewropea riedet li tiżviluppa l-industrija tal-multimedja tagħha biex tikkumbatti l-influwenza Amerikana li kienet qed teqred il-kultura Ewropea.

Bejn it-3 u l-10 ta' Mejju, il-Kummissjoni addottat Karta[97] oħra, din id-darba biex tipprepara l-pajjiżi assoċjati mill-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant biex jiġu ntegrati fis-Suq Intern ta' l-Unjoni Ewropea[98].

## Trattat kontra t-Tixrid ta' l-Armi Nukleari

Fil-11 tax-xahar, it-Trattat ta' kontra t-tixrid[99] ta' l-armi nukleari kien imtawwal għal perjodu bla limitu, liema deċiżjoni kienet ittieħdet bħala azzjoni flimkien taħt il-politika barranija u ta' sigurta' komuni.

Kif għedt dwar affarijiet oħra meħuda bħala azzjoni flimkien imma li kienu deċiżi mill-Unjoni Ewropea, waqt li dan kien pass tajjeb, il-fatt jibqa' li kienet l-Unjoni Ewropea li ddeċidiet u l-Istati Membri ma setgħux jiddeċiedu kif jaqbel lilhom.

## Karta fuq il-Munita Ewropea

Fl-aħħar ta' Mejju, il-Kummissjoni addottat Karta oħra fuq l-arranġamenti prattiċi għad-dħul tal-munita waħda.

Minn dan il-pass naraw it-tkomplija tal-mixja lejn Stat Federali Ewropew, għaliex meta Stat Membru tispiċċalu l-munita nazzjonali tiegħu u jkollu jdaħħal il-munita ta' l-Istat Federali, dak l-istat tkun spiċċatlu l-aħħar ftit sovranita' li jkun baqgħalu.

Jekk Stat ma jkollux il-munita tiegħu u ma jkunx jista' jikkontrollaha kif ikun jaqbel lilu, xi Stat ikun?

Wieħed jista' jqabbel l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea li daħħlu l-munita' waħda ma' l-Istati ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, li kollha għandhom id-Dollaru Amerikan bħala l-munita tagħhom, imma ħadd minnhom ma jikkontrolla l-valur tad-Dollaru Amerikan, imma l-valur tad-Dollaru Amerikan jikkontrollah il-Federal Reserve, bħal ma l-valur ta' l-ewro jikkontrollah il-Bank Ċentrali Ewropew minn ġewwa Frankfurt, fil-Ġermanja.

**Daqshekk jibqgħu indipendenti u sovrani l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea.**

---

95 European multimedia content industry
96 Emerging information society
97 White Paper on preparing the associated countries of Central and Eastern Europe
98 European Union Internal Market
99 Trattat kontra t-tixrid ta' l-armi nukleari – Treaty on non-proliferation of nuclear weapons

## Aktar Ftehim

Tliet ftehim oħra ta' assoċjazzjoni kienu ġew iffirmati ma' l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja fit-12 ta' Ġunju.

Ftehim oħra fis-sensiela bla tmiem li l-Unjoni Ewropea ffirmat ma' **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** u organizzazzjonijiet li jgiddbu dak kollu li qed jgħidu l-kelliema Nazzjonalisti u l-akkolti tagħhom.

## Aktar Applikazzjonijiet għas-Sħubija

Fit-22 ta' Ġunju, ir-Rumanija applikat formalment biex tissieħeb fl-Unjoni Ewropea, fis-27 tax-xahar kien imiss lir-Repubblika Slovakka, fis-27 ta' Ottubru kien imiss il-Latvja, fis-27 ta' Novembru kien imiss lill-Estonja, waqt li fit-12 ta' Diċembru kien imiss lil-Litwanja.

Wieħed irid jiftakar li dawn il-pajjiżi kienu kollha għaddew żmien twil mill-aħħar gwerra taħt il-ħakma ta' l-Unjoni Sovjetika.

Għaldaqstant, bħal ma kienu għamlu Spajna u l-Portugall kif ukoll il-Greċja li ma riedux jerġgħu jgħaddu minn martirju ta' ħakma faxxista, huma kienu qed jaraw is-sħubija tagħhom fl-Unjoni Ewropea bħala mezz kontra ħakma kommunista minħabba l-biża ta' xi qawmien ġdid min-naħa tar-Russja biex terġa' teħodhom taħt idejha.

Fuq livell internazzjonali, fil-15 ta' Ġunju, kienet saret il-21 Laqgħa Għolja tal-G7 ġewwa Halifax, fil-Kanada, waqt li fit-13 ta' Settembru kienet fetħet il-Konferenza fuq in-nisa ġewwa Bejġing[100], fiċ-Ċina.

## Kunsill Ewropew ġewwa Cannes

Bejn is-26 u s-27 ta' Ġunju, kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Cannes, fi Franza. F'dan il-Kunsill kien intlaħaq ftehim dwar finanzjament minn barra li jinkludi arranġamenti finanzjarji għat-Tmien Fond ta' Żvilupp Ewropew għall-pajjiżi ta' l-Afrika, il-Karibbew u l-Paċifiku. It-Transizzjoni għall-munita waħda sa l-1 ta' Jannar 1999 kienet ġiet ikkonfermata wkoll minn dan il-Kunsill.

## Żviluppi Oħra

Fl-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għaddiet għand Spanja. Fit-12 tax-xahar, il-Parlament Ewropew kien appunta lill-Finlandiż Jacob Soderman bħala l-Ombudsman ta' l-Unjoni Ewropea.

Tliet ftehim oħra kien intlaħaq qbil dwarhom u kienu ġew iffirmati matul dan ix-xahar. Fil-fatt, ftehim interim, jiġifieri ftehim temporanja sakemm isir ftehim ieħor, kien ġie ffirmat mar-Russja.

[100] Beijing

Ftehim Ewro-Mediterranju kien ġie ffirmat mat-Tuneżija, waqt li ftehim ta' kooperazzjoni kien ġie ffirmat mal-Vjetnam fin-naħa l-oħra tad-dinja. Dawn il-ftehim kienu ġew iffirmati kollha fis-17 ta' Lulju.

Fid-19 tax-xahar, il-Kummissjoni kienet addottat Karta oħra, din id-darba dwar id-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet oħra f'soċjeta' ta' informazzjoni[101] u fuq mudelli ta' utilita', dwar protezzjoni legali ta' proprjeta' intellettwali[102].

**Il-Konvenzjoni Ewropol u l-Visa**

Fis-26 ta' Lulju, l-Istati Membru kienu ffirmaw il-Konvenzjoni Ewropol dwar kooperazzjoni bejn il-pulizija ta' l-Istati Membri.

Waqt li l-kooperazzjoni bejn kull Stat fid-dinja u mhux bejn l-Istati Membri biss hija tajba u meħtieġa biex tiġi miġġielda l-kriminalita' internazzjonali, dan kien wieħed mill-ewwel passi biex tinħoloq forza ta' pulizija ta' l-Unjoni Ewropea bħal ma għandha l-Istati Uniti ta' l-Amerika, jiġifieri l-FBI, li jkollha kontroll u dritt ta' nvestigazzjonijiet f'kull Stat Membru.

Fil-25 ta' Settembru naraw l-ewwel passi li kienu bdew jittieħdu dwar nies li ma jkunux ċittadini ta' xi Stat Membru biex jidħlu fit-territorju ta' l-Istati Membri. L-Istati Membri kienu addottaw lista ta' pajjiżi li ċ-ċittadini tagħhom kellhom ħtieġa ta' visa biex jidħlu fit-territorju tagħhom.

Dawn kienu passi li ttieħdu taħt il-ftehim ta' Xengen biex kull Stat Membru jkun qiegħed jikkontrolla bl-istess mod min jidħol fit-territorju ta' l-Unjoni Ewropea, għaliex la darba wieħed jidħol għand xi Stat Membru, huwa jkollu aċċess ħieles li jmur minn Stat Membru għal Stat Membru ieħor bla ebda tifxkil.

Innutaw li l-fatt li wieħed li jkun daħal fi Stat Membru jkun jista' jmur fi Stat Membru ieħor bla ebda xkiel ifisser li l-Istati Membri tilfu l-kontroll indipendenti tagħhom fuq it-territorju tagħhom, u li għalhekk dan kien ifisser daqs li kieku, u fil-fatt hekk hu, li t-territorju ta' l-Istati Membri jitqies li huwa territorju ta' l-Unjoni Ewropea u mhux aktar ta' l-Istati Membri.

Qed taraw kif l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea tilfu kriterju li bih ikunu meqjusa bħala **Stat nazzjon, Indipendenti, Ħieles u Sovran** skond il-liġi internazzjonali għaliex tilfu l-kontroll effettiv fuq il-persuni li jkollhom dritt li jidħlu u joħorġu fit-territorju tagħhom?

**Qed taraw kif l-Istati Membri ma jibqgħux aktar sovrani fl-Unjoni Ewropea?**

Qed taraw kif bil-mod il-mod qiegħed joħroġ l-Istat Federeli Ewropew, l-Unjoni Ewropea, bħala l-Istati Uniti ta' l-Ewropea, kif kienu ħasbu u ppjanaw minn qabel il-federalisti internazzjonali?

[101] Green Paper on copyright and related rights in information society
[102] "Utility models" (legal protection of intellectual property)

## Il-Każ Kalanke

Dan il-każ[103] kien dwar diskriminazzjoni fuq sisien ta' sess, u kien ġie deċiż mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea fis-17 ta' Ottubru.

Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kienet iddeċidiet li miżuri li permezz tagħhom kienet tiggarantixxi prijorita' awtomatika lin-nisa fil-promozzjonijiet kienet tmur 'il hinn minn trattament l-istess bejn in-nisa u l-irġiel, u għaldaqstant kienet tiddiskrimina fuq sisien ta' sess.

Minn din is-sentenza, in-nisa Maltin u Għawdxin jindunaw li dak il-provvediment u l-prattika li kien għamel il-Gvern Laburista li numru ta' membri f'bordijiet u istituzzjonijiet oħra kellu jkun riservat għan-nisa jmur kontra din is-sentenza.

Għaldaqstant, jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea, in-nisa Maltin u Għawdxin jitilfu dan id-dritt mogħti lilhom mill-Gvern Laburista.

## Aktar Ftehim

Fis-7 ta' Novembru kien iffirmat ftehim bejn il-Komunita' Ewropea ta' l-Enerġija Atomika (KEEA) u l-Istati Uniti ta' l-Amerika fuq l-użu paċifiku ta' l-enerġija nukleari. Min-naħa l-oħra, il-ftehim ta' Dayton dwar il-paċi f'dik li qabel kienet il-Jugoslavja kien iffirmat fl-14 ta' Diċembru fl-Istati Uniti.

Ftehim ieħor ta' kooperazzjoni kien iffirmat man-Nepal, pajjiż ieħor fin-naħa l-oħra tad-dinja, fl-20 ta' Novembru, waqt li ftehim ieħor ta' assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju kien ġie ffirmat ma' l-Israel fl-istess jum.

Ftehim oħra fil-lista ta' ftehim magħmula mill-Unjoni Ewropea ma' Stati u organizzazzjonijiet oħra li jkomplu jgiddbu lill-kelliema tal-Gvern Nazzjonalista u l-akkolti tagħhom li jridu jerġgħu jġibu lil Malta kolonja tal-barrani.

Bejn is-27 u t-28 ta' Novembru kienet saret il-Konferenza Ewro-Mediterranja ġewwa Barċelona, fi Spanja.

## Il-Każ Francovich

Fid-9 ta' Novembru kien hemm deċiżjoni oħra fis-sensiela Francovich.[104] Dan kien każ fejn Francovich u 34 impjegati ta' kumpanija li kienet ġiet iddikjarata falluta kienu fittxew lill-Gvern Taljan minħabba li ma kienx daħħal Direttiva li kienet tagħtihom protezzjoni.

---

[103] Eckhard Kalanke v Freie Hansestadt Bremen Reference for a preliminary ruling: Bundesarbeitsgericht – Germany Equal treatment of men and women - Directive 76/207/EEC - Article 2 (4) - Promotion - Equally qualified candidates of different sexes - Priority given to women. Case C-450/93 European Court Reports 1995 page I-3051

[104] Judgment of the Court of 9 November 1995. Andrea Francovich v Italian Republic. Reference for a preliminary ruling: Pretura circondariale di Vicenza - Italy. Social policy - Protection of employees in the event of the insolvency of their employer - Directive 80/987/EEC - Scope - Employees whose employer is not subject to procedures to satisfy collectively the claims of creditors. Case C-479/93. European Court reports 1995 Page I-03843

Madankollu, id-Direttiva ma kinitx tipproteġi lill-impjegati kollha[105] kif wieħed jista' jara mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea u anki kienet ġiet mistħarrġa l-validita tagħha.

M'hemmx għalfejn ngħidu li l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea rat kif għamlet u ddeċidiet li l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea kellhom dritt[106] jagħmlu d-Direttiva kif kienet u li għalhekk id-Direttiva kienet valida[107].

**Aktar Karti**

Fid-29 tax-xahar, il-Kummissjoni kienet addottat Karta[108] oħra fuq ix-xibka taċ-ċittadini u trasport urban, kif ukoll Karta[109] oħra fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ.

Karta[110] oħra ġiet addottata fit-13 ta' Diċembru fuq il-politika ta' l-enerġija għall-Unjoni Ewropea.

Dawn il-Karti kollha juru l-intenzjoni ta' l-Unjoni Ewropea li tidħol f'dawn l-oqsma li bħala riżultat jispiccaw minn taħt il-kontroll ta' l-Istati Membri u jgħaddu taħt il-kontroll ta' l-Unjoni Ewropea. Eżatt bħal ma jiġri fi Stat Federali.

**Il-Każ Gebhard**

Gebhard[111] kien avukat Ġermaniż li kien mar jipprattika ġewwa Milan, fl-Italja, iżda kien twaqqaf milli juża t-titolu ta' avukat mill-Kunsill ta' l-Avukati ta' Milan wara li avukati u prokuraturi Taljani kienu pprotestaw li huwa kien fetaħ ufficċju u bdew imorru jaħdmu miegħu avukati u prokuraturi Taljani.

Il-każ wasal quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea li ddeċidiet li professjonist minn Stat Membru li kien qiegħed jeżerċita' l-professjoni tiegħu fi Stat Membru ieħor b'mod stabbli u kontinwu kien jaqa' fil-ħelsien tal-moviment taħt Artikli 52 u 58 tat-

[105] Paragrafu 1 tal-parti operattiva tas-sentenza, "1. Council Directive 80/987/EEC of 20 October 1980 on the approximation of the laws of the Member States relating to the protection of employees in the event of the insolvency of their employer must be interpreted as applying to all employees, other than those in the categories listed in the Annex thereto, whose employers may, under the applicable national law, be made subject to proceedings involving their assets in order to satisfy collectively the claims of creditors."

[106] 25. In the exercise of the powers conferred on them by Article 100 of the Treaty, the Community institutions have a discretion in particular with regard to the possibility of proceeding towards harmonization only in stages, given the specific nature of the field in which coordination is sought and the fact that the implementation of harmonizing provisions of that kind is generally difficult because it requires the competent Community institutions to draw up, on the basis of divergent, complex national provisions, common rules which conform to the objectives laid down by the Treaty and obtain the unanimous agreement of the Council (Case 37/83 Rewe-Zentrale v Landwirtschaftskammer Rheinland [1984] ECR 1229 and Case C-63/89 Assurances du Crédit v Council and Commission [1991] ECR I-1799).

[107] Paragrafu 2 tal-parti operattiva tas-sentenza, "2. Consideration of the said Directive, to the extent that it protects only employees whose employers are subject to proceedings involving their assets in order to satisfy collectively the claims of creditors, has disclosed no factor of such a kind as to affect its validity in the light of the principle of equal treatment"

[108] Green Paper on citizens' network (urban transport)

[109] White Paper on education and training

[110] White Paper on energy policy for the European Union

[111] Gebhard v Consiglio dell-Ordine degli Avvocati e Procuratori di Milano C55/94 ECR 1995 pI-4165

Trattat u ma kellux ħtieġa li jkun membru f'għaqda professjonali biex jeżerċita' l-professjoni tiegħu.

L-Istat Membru ried jirrikonoxxi l-ekwivalenza tal-kwalifiki professjonali u xi miżuri li setgħu jxekklu d-dritt ta' stabbiliment riedu jkunu mhux diskriminatorji u fl-interess nazzjonali u ma setgħux ikunu aktar minn dak meħtieġ biex jintlaħaq l-oġġettiv meħtieġ. Dan il-każ kien ġie maqtugħ mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea fit-30 ta' Novembru 1995.

## Il-Każ Bosman

Dan il-każ[112] kien ġie deċiż mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea fil-15 ta' Diċembru u kien dwar ir-restrizzjoni ta' lagħba[113] tal-football barranin li timijiet seta' jkollhom. F'dan il-każ kienu mdaħħla l-għaqda tal-futbol Belġjana, il-każin tal-futbol ta' Liege, kif ukoll il-UEFA.

Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea ddeċidiet li regoli ta' federazzjoni tal-football li kienu jirristrinġu n-numru ta' lagħba barranin fit-timijiet tal-football u dawk dwar it-trasferiment tal-plajers kienu kontra l-liġi tal-Komunita' għax kienu jfixklu l-moviment ħieles tal-ħaddiema.

Dan kien dwar lagħba tal-futbol, aħseb u ara kemm liġijiet jew regolamenti oħra ta' xi Stat Membru li jkunu meqjusa bħala li jfixklu l-moviment ħieles tal-ħaddiema f'setturi oħra se jitħallew jinżammu fis-seħħ minn xi Stat Membru mill-Unjoni Ewropea.

## Kunsill Ewropew ġewwa Madrid

Kunsill Ewropew kien sar bejn il-15 u s-16 ta' Diċembru ġewwa Madrid, fi Spanja. Dan il-Kunsill kien iddeċieda li d-29 ta' Marzu 1996 kellha tkun id-data li fiha kellha tiftaħ il-Konferenza Intergovernmentali u kkonferma wkoll id-dħul tal-munita waħda, jiġifieri l-ewro, fl-1 ta' Jannar, 1999.

Bejn l-20 u l-21 ta' Diċembru, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea flimkien mal-Bank Dinji organizzaw laqgħa ġewwa Brussell, fil-Belġju, għal dawk il-pajjiżi u organizzazzjonijiet li kienu jagħtu l-għajnuna biex terġa' tinbena l-Bosnja-Ħerżegovina.

[112] Judgment of the Court of 15 December 1995 Union royale belge des sociétés de football association ASBL v Jean-Marc Bosman, Royal club liégeois SA v Jean-Marc Bosman and others and Union des associations européennes de football (UEFA) v Jean-Marc Bosman. Reference for a preliminary ruling: Cour d'appel de Liège - Belgium. Freedom of movement for workers - Competition rules applicable to undertakings - Professional footballers - Sporting rules on the transfer of players requiring the new club to pay a fee to the old club - Limitation of the number of players having the nationality of other Member States who may be fielded in a match. Case C-415/93 European Court reports 1995 Page I-4921

[113] Players

## L-1996

Fl-1 ta’ Jannar ta’ din is-sena, il-Presidenza tal-Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropea għaddiet għand l-Italja. Fl-istess jum, daħlet fis-seħħ l-Għaqda Doganali bejn l-Unjoni Ewropea u t-Turkija.

Anki dan il-fatt huwa riżultat ta’ ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u t-Turkija, li juri li l-Unjoni Ewropea tagħmel ftehim ma’ Stati oħra li m’humiex membri tagħha jekk dak il-ftehim ikun jaqbel, li jkompli jgiddeb lil dawk kollha, inklużi l-kelliema Nazzjonalisti u l-akkolti tagħhom, li jgħidu li teżisti biss it-triq tas-sħubija.

### Tapplika r-Repubblika Ċeka

Fis-17 tax-xahar, kien imiss lir-Repubblika ċeka biex tapplika formalment ħalli tissieħeb fl-Unjoni Ewropea.

Irridu niftakru wkoll li bħal pajjiżi oħra, ir-Repubblika Ċeka kienet ukoll għaddiet snin twal taħt il-ħakma kommunista tar-Russja meta kienet għadha tifforma parti miċ-Ċekoslavakkja.

Għaldaqstant, is-sħubija trid titqies ukoll li l-poplu tar-Repubblika Ċeka kien qed jara s-sħubija fl-Unjoni Ewropa bħala mezz kontra l-possibilita’ ta’ xi qawmien mill-ġdid mir-Russja li terġa’ tieħu taħt idejha lil pajjiżhom.

Barra minn hekk, iċ-Ċekoslavakkja dejjem kienet taħt il-mira tal-Ġermanja, tant li fit-Tieni Gwerra dinjija, Ħitler kien invada liċ-Ċekoslovakkja bl-iskuża biex iħares liċ-ċittadini Ġermaniżi li kienu joqgħodu hemmhekk.

Wara li ċ-Ċekoslavakkja kienet inqasmet, tant reġgħet daħlet influwenza Ġermaniża, li l-gazzetta The Prague Post fl-1996 qalet li r-Repubblika Ċeka saret qisha provinċja Ġermaniża.

Wara l-Gwerra, kienet saru wkoll dawk magħrufa bħala d-Digrieti Benes dwar proprjeta’ li ċittadini Ġermaniżi kellhom fiċ-Ċekoslovakkja. Dawn għadhom qed joħolqu problemi mal-Gvern Ġermaniż li pprova jġiegħel lir-Repubblika Ċeka tirrinunzjahom bħala kundizzjoni għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

### Flus Jisparixxu

Fit-18 tax-xahar, Bernhard Friedman kien elett bħala President tal-Qorti ta’ l-Awdituri ta’ l-Unjoni Ewropea. Infakkar li din il-Qorti hija l-awditur ta’ l-Unjoni Ewropea biex jivverifika l-kontijiet u l-ħlasijiet bħal ma l-Gvern għandu l-awditur tiegħu.

Hemm mijiet jew eluf ta’ miljuni ta’ Ewros kull sena miġbura mit-taxxi taċ-ċittadini ta’ l-Istati membri li jisparixxu u ħadd ma jkun jaf x’sar minnhom. Hemm min jgħid li dawn huma xi 500 miljun, u hemm min isostni li dawn huma aktar minn tnax-il darba aktar fis-sena.

Smajna kemm-il darba dwar il-problemi li hemm fl-Unjoni Ewropea li l-estimi tagħha ma jiġux approvati mill-Parlament Ewropew, u dan l-aħħar kien hemm ukoll awditur,

ċerta Marta Andreasson, li kellha tirriżenja wara li ma riditx tapprova l-kontijiet tal-Kummissjoni minħabba nuqqas ta' trasparenza u għaliex ma ingħatatx id-dettalji li talbet biex tkun tista' tivverifika l-kontijiet. Marta Andreasson issa ingħatat raġun anki mill-Qorti ta' l-Awdituri.

**Karta Oħra**

Naħseb li issa drajtu kemm il-Kummissjoni taddotta Karti matul is-sena. Għaldaqstant, mhijiex se tkun ta' sorprisa għalikom li fil-31 ta' Jannar, il-Kummissjoni reġgħet addottat Karta oħra, din id-darba biex jerġgħu jiġu eżaminati r-Regolament ta' Kontroll ta' l-Għaqda[114].

**Ftehim Oħra**

Fl-1 ta' Frar kien daħal fis-seħħ il-ftehim temporanju mar-Russja u l-Ukrajina, waqt li fis-26 tax-xahar kien ġie ffirmat ftehim ta' assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju mal-Marokk.

Qed taraw kemm isiru ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** oħra la jkun jaqbel?

Hawnhekk irrid infakkar li l-ftehim li l-Unjoni Ewropea kellha mal-Marokk biex sajjieda tagħha jkunu jistgħu jistadu fl-ibħra tas-sajd tal-Marokk ma reġax ġie mġedded mill-Marokk minkejja l-pressjoni kbira li għamlet l-Unjoni Ewropea għaliex is-sajjieda tagħha speċjalment is-sajjieda Spanjoli kienu qed jeqirdu l-ħut kollu fl-ibħra tal-Marokk.

Għaldaqstant, il-Marokk ħares l-interessi tiegħu u ma ġeddidx il-ftehim tas-sajd ta' l-Unjoni Ewropea.

**Livell Internazzjonali**

Bejn l-1 u t-2 ta' Marzu kienet saret Laqgħa Għolja bejn l-Unjoni Ewropea u l-Asja, liema laqgħa kienet inżammet ġewwa Bangkok, fit-Tajlandja. Din il-laqgħa tfisser ukoll li l-Unjoni Ewropea tfittex biex ikun hemm ftehim fuq ħafna affarijiet ma' Stati minn kull rokna tad-dinja, biex fejn ikun jaqbel tqabbel u tagħmel ftehim li jkun jaqbel għaliha.

Kieku ma jkunx jaqblilha ma tagħmel xejn, u l-fatt li hija għamlet u għadha tagħmel dawk il-ftehim kollha li rajna ftit minnhom f'dan il-ktieb ifisser li jkun jaqblilha.

Qed taraw kif dawn il-ftehim kollha qed joħorġu kemm huwa tassew għaqli l-qawl Malti li jgħid li **"Il-Giddieb għomru qasir"?**

[114] Green Paper on Merger Control Regulations

## Il-Każ Brasserie du Pecheur u Factortame

Dawn iż-żewġ każijiet kienu separati u ma kellhomx x'jaqsmu ma' xulxin, imma minħabba li kellhom l-istess problemi, kienu ġew ittrattati flimkien mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-każ Brasserie du Pecheur kien dwar birrerija fil-Ġermanja waqt li l-każ Factortame kien dwar is-sajjieda. Is-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kienet tapplika għat-tnejn.

Minħabba li l-każ dwar is-sajjieda jinteressa aktar lill-poplu Malti u Għawdxi minħabba li s-sajjieda spiss qed ikunu fi ġlied u jiġu mhedda minn sajjieda oħra, fosthom u l-aktar minn sajjieda Taljani, Franċiżi u l-aktar Spanjoli, se naraw ftit il-każijiet Factortame. Se narawhom fil-qosor ħafna għaliex kien hemm diversi każijiet u appelli f'dan il-każ.

Il-każijiet Factortame[115] kellhom il-bidu tagħhom minħabba li meta Spanja saret membru ta' l-Unjoni Ewropea, skoss sajjieda Spanjoli marru jirreġistraw il-bastimenti tas-sajd tagħhom fir-Renju Unit.

Għaldaqstant, huma kienu meqjusa bħala bastimenti tas-sajd Ingliżi u kellhom dritt li jistadu anki fil-parti tal-baħar territorjali li kienu jistadu fiha s-sajjieda Ingliżi biss.

Is-sajjieda Spanjoli tant bdew jeqirdu ħut fl-ibħra Ingliżi, liema ħut kien jittieħed lejn Spanja u kien mistad kontra l-kwota tar-Renju Unit, li wara ħafna protesti mis-sajjieda Ingliżi, fl-1987 il-Gvern Ingliż kien bidel l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili Ingliż biex għamel ċerti ħtiġijiet li bastiment tas-sajd ried ikollu qabel seta' jiġi reġistrat fir-Reġistru tal-Bastimenti tas-Sajd Ingliż.

Fost dawn il-ħtiġijiet kien hemm li s-sidien riedu jkunu joqgħodu fir-Renju Unit jew jekk tkun kumpanija numru minn dawk li kellhom l-isħma riedu jkunu ċittadini Ingliżi joqgħodu fir-Renju Unit, u affarijiet oħra bħal dawn.

Dawn il-ħtiġijiet kienu saru biex is-sajjieda Spanjoli ma jibqgħux jikkwalifikaw biex il-bastimenti tas-sajd tagħhom jiġu reġistrati fir-Renju Unit u għaldaqstant ma jkunux jistgħu jistadu fl-ibħra territorjali Ingliżi.

Wara li s-sajjieda Spanjoli ġew maqtuha mir-Reġistru Ingliż, Factortame Limited u sitta u disgħin sajjieda oħra Spanjoli kienu fetħu kawża kontra l-Gvern Ingliż għaliex qalu li huma kellhom dritt skond il-liġi ta' l-Unjoni Ewropea li jirreġistraw il-bastiment tagħhom f'kull Stat Membru.

---

[115] Judgment of the Court of 5 March 1996 Brasserie du Pêcheur SA v Bundesrepublik Deutschland and The Queen v Secretary of State for Transport, ex parte: Factortame Ltd and others References for a preliminary ruling: Bundesgerichtshof - Germany and High Court of Justice, Queen's Bench Division, Divisional Court - United Kingdom Principle of Member State liability for damage caused to individuals by breaches of Community law attributable to the State - Breaches attributable to the national legislature - Conditions for State liability - Extent of reparation. Joined cases C-46/93 and C-48/93.European Court reports 1996 Page I-01029

Huma talbu wkoll lill-Qorti Ingliża li sakemm tiddeċiedi l-kawża tagħtihom dak magħruf bl-Ingliż bħala interim relief, jiġifieri tordna lill-Gvern Ingliż biex iħallihom reġistrati fir-Reġistru tal-Bastimenti Ingliżi biex ikomplu jistadu fl-ibħra Ingliżi.

Il-Qorti Ingliża kienet laqgħet it-talba tagħhom. Madankollu, il-Gvern Ingliż kien appella u l-Qorti Ingliża ta' l-Appell kienet qalet li l-Qorti Ingliża kienet żbaljat għaliex il-Qrati Ingliżi kienu marbutin bil-Liġi Ingliża li japplikaw biss il-Liġi Ingliża. Għaldaqstant, il-Qorti ta' l-Appell kienet laqgħet it-talba tal-Gvern Ingliż.

Is-sajjieda Spanjoli ma qatgħux qalbhom, u appellaw quddiem il-House of Lords. Tajjeb li nfakkar li jekk ikun hemm kawża quddiem Tribunal jew Qorti li minnu ma jkunx hemm appell u l-kwistjoni tkun dwar xi dritt li jiġi allegat li huwa mogħti taħt il-liġi ta' l-Unjoni Ewropea, dik il-Qorti jew Tribunal trid tibgħat il-kawża quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea biex tagħti deċiżjoni preliminari.

Irid jingħad ukoll li kull Tribunal jew Qorti jrid bilfors jirreferi lill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea sakemm qabel ma kienx hemm kawża u deċiżjoni li tant ikun ċar li tapplika wkoll għall-każ li l-Qorti jkollha quddiemha li ma jkunx hemm ħtieġa li tibgħat il-każ quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea. Din hija magħrufa wkoll bħala d-dottrina ta' l-acte claire.

Biex nerġgħu lura għall-każ Factortame, minħabba li l-House of Lords hija l-għola Qorti fis-sistema Ingliża li minnha ma jistax isir appell, hija kellha tibgħat il-kawża quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea biex tiddeċiedi jekk is-sajjieda Spanjoli għandhomx jingħataw dak li talbu, jiġifieri li jibqgħu reġistrati fuq ir-reġistru tal-bastimenti Ingliż sakemm il-Qorti Ingliża tiddeċiedi jekk l-emendi li kien għamel il-Gvern Ingliż fil-Liġi Ingliża li bihom ġew maqtuha barra Factortame u s-sajjieda Spanjoli kinux qed jiksru d-drittijiet tagħhom mogħtija mil-liġi ta' l-Unjoni Ewropa.

Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea qalet li jekk l-uniku ostaklu li kellhom il-Qrati Ingliżi biex jagħtu lill-Factortame u lis-sajjieda Spanjoli kienet biss liġi nazzjonali, jiġifieri liġi Ingliża, huma kellhom jinjoraw, jiġifieri ma jagħtux każ, dik il-liġi nazzjonali u jagħtuhom dak li talbu.

Fi kliem ieħor, mhux biss il-liġi nazzjonali li f'dan il-każ kienet liġi Ingliża ġiet sottomessa u tiswa inqas mil-liġi ta' l-Unjoni Ewropea, imma saħansitra ma ġiet tiswa assolutament xejn għaliex il-Qrati Ingliżi kienu ġew ordnati mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea biex jinjoraw il-liġi Ingliża minkejja li skond l-istess liġi Ingliża huma suppost kellhom jobdu lilha biss.

Qed taraw kemm jibqgħu **Indipendenti Ħielsa u Sovrani** l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea meta l-istess Qrati ta' l-Istati Membri li suppost japplikaw il-liġi ta' dak l-Istat biss jiġu ordnati biex ma jagħtux każ tal-liġi tagħhom imma japplikaw biss il-liġi ta' l-Unjoni Ewropea?

Factortame u s-sajjieda Spanjoli ma kinux kuntenti li rebħu anki l-kawża kontra l-Gvern Ingliż minħabba li kien instab li ma setgħax jaqta' lis-sajjieda Spanjoli minn fuq ir-reġistru għaliex id-dritt li jirreġistraw il-bastimenti f'liema Stat Membru jridu huma kien mogħti lilhom bil-liġi ta' l-Unjoni Ewropea, imma kienu fittxew lill-Gvern Ingliż għad-danni talli ma kinux tħallew jistadu sakemm kienu għamlu l-kawżi.

Tajjeb li l-poplu Malti u Għawdxi jkun jaf li huma talbu li jitħallsu tmenin miljun lira mill-Gvern Ingliż, u huwa kkalkulat li meta jingħaddu l-ispejjeż li kellu joħroġ il-Gvern Ingliż flimkien ma l-imgħaxijiet, dawn il-każijiet swew lill-poplu Ingliż madwar mitt miljun lira.

Ftakru li jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea, kull sajjied minn kull Stat Membru jkollu dritt li jiġi jirreġistra l-bastiment tiegħu hawn Malta u jkun jista' jistad anki fit-12-il mil ta' l-ibħra territorjali.

Qed taraw kemm jibqgħu sovrani l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea?

## Aktar Karti

Lura lejn l-Unjoni Ewropea, insibu li fis-6 ta' Marzu, il-Kummissjoni kienet addottat żewġ Karti oħra, waħda fuq it-traffiku ta' l-ajru[116] u l-oħra fuq il-protezzjoni legali tas-servizzi kodifikati[117].

Minn dawn il-Karti naraw l-intenzjoni ta' l-Unjoni Ewropea li tidħol jew tespandi f'dawn l-oqsma li jispiċċaw minn taħt idejn l-Istati Membri u jibdew jiġu regolati mill-Unjoni Ewropea, eżatt bħal ma jiġri fi Stat Federali.

L-indħil ta' l-Unjoni Ewropea wassal biex din is-sena[118] rajna l-kontrolluri ta' l-ajru madwar l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jieqfu mix-xogħol minħabba li b'dak li trid tagħmel l-Unjoni Ewropea f'dan is-settur mhux biss se jfisser telf ta' eluf ta' mpjiegi tagħhom, imma se jpoġġi fil-periklu s-sigurta' ta' l-ajruplani u l-passiġġieri.

## Il-Każ "Il-Kummissjoni kontra Franza"

Dan il-każ għandu n-numru 334/94[119] u ġie deċiż mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea fis-7 ta' Marzu 1996, u huwa rrapurtat fil-European Court Reports 1996 pI-1307.

Il-liġi Franċiża kienet tinħtieġ li biex bastiment ikun reġistrat fir-reġistru tal-bastimenti Franċiż u jtajjar bandiera Franċiża kellu jkun ta' ċittadin Franċiż jew li aktar min-nofs l-isħma jkunu ta' ċittadini jew kumpaniji Franċiżi li jkollhom il-post tan-negozju tagħhom fi Franza, jew li jkollhom ċertu numru ta' diretturi, amministraturi u istituri, jiġifieri managers, li jkunu ċittadini Franċiżi, u kundizzjonijiet oħra bħal dawn.

Il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea qalet li din il-liġi kienet tikser il-liġi ta' l-Unjoni Ewropea dwar id-dritt tal-moviment tal-persuni u l-ħelsien ta' stabbiliment.

Galdaqstant, il-Kummissjoni fetħet kawża kontra Franza fil-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea, u akkużata wkoll li ma kinitx obdiet sentenza oħra li kienet ħarġitilha aktar

116 White Paper on air traffic control
117 Green Paper on legal protection of encrypted services
118 2002
119 Judgment of the Court (Sixth Chamber) of 7 March 1996. Commission of the European Communities v French Republic Failure of a State to fulfil obligations - Registration of vessels - Right to fly the French flag - Nationality requirements for owner and crew - Failure to comply with the judgment in Case 167/73. Case C-334/94.European Court reports 1996 Page I-01307

qabel il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea. Is-sentenza ta' qabel kienet dwar kawża dwar il-ħtieġa li numru ta' baħrin li jaħdmu fuq bastimenti Franċiżi kellhom ikunu ċittadini Franċiżi li konna rajna aktar qabel.

Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea ddikjarat li Franza kienet naqset li tonora l-obbligi tagħha taħt Artikli 6, 48, 52, 58 u 221 tat-Trattat EC, Artiklu 7 tar-Regolament tal-Kummissjoni 1251/70/EEC tad-29 ta' Ġunju 1970 dwar id-dritt ta' ħaddiema li jibqgħu fit-territorju ta' Stat Membru wara li jkunu mpjegati f'dak l-Istat u Artiklu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 75/34/EEC tas-17 ta' Diċembru 1974 dwar id-dritt ta' ċittadini ta' Stat Membru li jibqgħu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor wara li jkunu għamlu attivita' bħala persuni li jħaddmu lilhom infushom, jiġifieri self-employed.

Franza ġiet ukoll ikkundannata talli ma kinitx obdiet is-sentenza ta' qabel u kienet ġiet ordnata tħallas ukoll l-ispejjeż.

Dan juri kif ebda Stat Membru ma jista' jagħmel xejn biex ma jħallix ċittadini ta' Stat Membru ieħor milli jidħlu fit-territorju tiegħu, ifittxu x-xogħol, jaħdmu u joqgħodu hemmhekk, u jieħdu x-xogħol b'kompetizzjoni diretta maċ-ċittadini tiegħu, li aktarx jispiċċaw bla xogħol jew ikollhom jaċċettaw kundizzjonijiet agħar, minħabba li l-barranin ikunu aċċettaw kundizzjonijiet inqas minnhom.

Dan huwa l-futur li l-Gvern Nazzjonalista qiegħed joffri lill-ħaddiema kollha Maltin u Għawdxin bis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea.

**Il-Baqra l-Miġnuna**

Fis-27 ta' Marzu, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea addottat deċiżjoni dwar miżuri urġenti li kellhom jittieħdu minħabba l-marda tal-baqra l-miġnuna. Il-Kummissjoni ordnat li ma jiġix esportat ebda laħam u prodotti tal-laħam Ingliż mad-dinja kollha.

Din il-marda kienet ġiet ikkaġunata mill-għalf li l-Unjoni Ewropea tħalli li jsir fejn l-irmixk li jibqa' mil-laħam u għadam[120] ta' l-istess annimali jinħadem u jitħallat ma' l-għalf tagħhom. Lill-annimali ġabithom kannibali jieklu l-fdalijiet tagħhom stess. X'ma jkunx hemm mard fost il-bhejjem fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

**Konferenza Intergovernmentali ġewwa Turin**

Fid-29 ta' Marzu kienet fetħet Konferenza Intergovernmentali ġewwa Turin, fl-Italja, biex tirrevedi t-Trattat ta' Maastricht.

Hawnhekk naraw li minkejja li t-Trattat ta' Maastricht kien ħoloq dawk il-problemi kollha f'ħafna Stati Membri, diġa' kienu qed jittieħdu passi biex ikun hemm aktar integrazzjoni u biex aktar drittijiet u setgħat ta' l-Istati Membri jgħaddu għal għand l-Unjoni Ewropea.

[120] Bonemeal

## Laqgħat Internazzjonali

April ra wkoll laqgħat internazzjonali. Bejn l-1 u t-2 ta' April, kienet saret konferenza tal-G7 dwar ix-xogħol[121], liema konferenza kienet saret ġewwa Lille, fi Franza. Bejn id-19 u l-20 tax-xahar, kienet saret laqgħa tal-G7 + 1 ġewwa Moska, fir-Russja, dwar is-sigurta' nukleari[122].

Waqt li passi bħal dawn dwar is-sigurta' nukleari huma dejjem tajbin, kemm jekk ikunu dwar l-użu paċifiku ta' l-enerġija nukleari kif ukoll dwar it-tnaqqis ta' l-armamenti, ikun wisq aħjar kienu l-armamenti nukleari kollha jiġu meqruda. Madankollu, ma tantx jidher li dan jista' jsir minħabba l-piki u t-theddid bejn l-Istati.

L-unika tama hija li dawn qatt ma jintużaw aktar wara l-qerda li kienu ġabu l-bombi atomiċi mitfuha mill-Amerikani fuq il-bliet ta' Ħiroshima u Nagasaki.

Madankollu, wieħed irid jiftakar ukoll li fuq skala żgħira, dawn l-armamenti nstab li kienu ntużaw ukoll fl-Iraq u fil-Jugoslavja mit-truppi tan-NATO u Amerikani, fejn l-istess suldati ta' l-allejati kienu batew il-konsegwenzi tagħhom.

Issa reġa' tqanqal l-ispettru ta' l-użu ta' l-armi nukleari meta ntqal ukoll li l-Istati Uniti lesta li tuża l-armi nukleari fuq l-Iraq jekk ikun meħtieġ. Jekk Alla ħares qatt jerġgħu jintużaw, l-Istati Uniti terġa' tkun l-uniku pajjiż li uża dawn l-armi tal-qerda tal-massa fuq popli oħra.

## Tliet Ftehim Oħra

Fit-22 ta' April l-Unjoni Ewropea kienet iffirmat ftehim ieħor ta' sħubija u kooperazzjoni ma Ġorġja, l-Armenja u Ażerbajġan.

Tliet ftehim oħra fis-sensiela ta' ftehim li nħalli lilkom li tippruvaw tgħoddu kemm-il wieħed kienet għamlet l-Unjoni Ewropea u li semmejt f'dan il-ktieb, li kollha jgiddbu lill-kelliema Nazzjonalisti u lill-akkolti tagħhom u lil kull min jgħid li l-unika triq hija biss tas-sħubija.

## Karti Oħra

Għat-8 ta' Mejju, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea reġgħet addottat Karta oħra biex tkun tista' tifrex aktar is-swaba tal-Qarnita ta' l-Unjoni Ewropea ħalli tidħol f'kull qasam li sa' dak iż-żmien kien għadu regolat jew li kien għad hemm xi ftit tal-kontroll fuqu mill-Istati Membri. Il-Karta li kienet ħarġet il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea din id-darba kienet fuq il-komunikazzjonijiet kummerċjali f'suq wieħed[123].

Fit-13 tax-xahar, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea kien addotta pjan ta' azzjoni mill-Unjoni Ewropea għar-Russja, waqt li fit-22 tax-xahar, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea reġgħet addottat Karta oħra dwar is-servizzi finanzjarji[124].

---

[121] G7 conference on employment
[122] G7+1 meeting on nuclear safety
[123] Green Paper on commerciasl communications in the single market
[124] Green Paper on financial services.

## Il-Każ Hedley Lomas

Dan kien każ ieħor li kien dwar is-supremazija tal-liġi ta' l-Unjoni Ewropea, li kien inqata mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea fit-23 ta' Mejju u huwa rrapurtat fir-Rapporti tal-Qorti Ewropew ECR 1996 paġna I-2553[125].

Dan il-każ kien dwar rifjut tal-Gvern Ingliż li joħroġ liċenzja ta' esportazzjoni ta' nagħaġ lejn Spanja biex jiġu maqtula minħabba li kien qiegħed jgħid li Spanja ma kinitx konformi mad-direttiva dwar li l-annimali jigu storduti qabel jinqatlu fil-biċċeriji Spanjoli.

Għalkemm kien hemm laqgħat bejn il-Ministri Ingliz u Spanjol u sar ftehim, il-Gvern Ingliz baqa' jirrifjuta li joħroġ liċenzja lil Hedley Lomas, li min-naħa tiegħu fetaħ kawża kontra l-Gvern Ingliz. Minħabba li kienet kwistjoni ta' regolament ta' l-Unjoni Ewropea, il-Qorti Ingliża rrefriet il-każ lill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea għal deċiżjoni preliminari.

Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea qalet li r-rifjut li Stat Membru joħroġ liċenzja ta' esportazzjoni kien jikkostittwixxi restrizzjoni kwantitattiva kontra l-Artiklu 34 tat-Trattat[126].

Qalet ukoll li l-liġi ta' l-Unjoni Ewropea ma kinitx tħalli li Stat Membru jiġġustifika restrizzjoni fuq l-esportazzjoni lejn Stat Membru ieħor minħabba li skond huwa, l-Istat Membru l-ieħor ma jkunx qiegħed jobdi d-direttivi ta' l-Unjoni Ewropea[127].

Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea qalet ukoll li fejn l-Istat Membru ma jkunx ħareġ liċenzja ta' esportazzjoni bi ksur tal-liġi tal-Komunita', jiġifieri ta' l-Unjoni Ewropea, li kienet tagħti drittijiet lill-individwi, il-ksur ikun serju biżżejjed u jkun hemm il-ħolqa jew rabta bejn il-ksur u d-danni, dak l-Istat Membru ried iħallas id-danni[128].

Hekk iddeċidiet il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea u hekk ikollu jsir. Daqshekk jibqgħu sovrani l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea.

---

[125] Judgment of the Court of 23 May 1996. The Queen v Ministry of Agriculture, Fisheries and Food, ex parte: Hedley Lomas (Ireland) Ltd. Reference for a preliminary ruling: High Court of Justice, Queen's Bench Division - United Kingdom. Free movement of goods - Protection of animals - Harmonizing directive - Article 36 of the EC Treaty - Non-contractual liability of a Member State for breach of Community law. Case C-5/94.European Court reports 1996 Page I-02553

[126] "The refusal by a Member State to issue export licences constitutes a quantitive restriction on exports, contrary to Article 34 of the Treaty"

[127] "Community law precludes a Member State from invoking Article 36 of the EC Treaty to justify a limitation of exports of goods to another Member State on the sole ground that, according to the first State, the second State is not complying with the requirements of a Community harmonizing directive which pursues the objective which Article 36 is intended to protect but does not lay down either any procedure for monitoring their application or any penalties in the event of their breach."

[128] "A Member State has an obligation to make reparation for the damage caused to an individual by a refusal to issue an export licence in breach of Article 34 of the Treaty where the rule of Community law infringed is intended to confer rights on individuals, the breach is sufficiently serious and there is a direct causal link between the breach and the damage sustained by the individuals. Subject to that reservation, the State must make good the consequences of the loss or damage caused by a breach of Community law attributable to it, in accordance with its domestic law on liability. However, the conditions laid down by the applicable domestic laws must not be less favourable than those relating to similar domestic claims or framed in such a way as in practice to make it impossible or excessively difficult to obtain reparation."

## Aktar Ftehim ma' Pajjiżi Oħra

Fl-1 ta' Ġunju kienu daħlu fis-seħħ il-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Vjetnam u n-Nepal, pajjiżi li qegħdin in-naħa l-oħra tad-dinja. Fil-21 ta' Ġunju kienu ġew iffirmati wkoll żewġ ftehim oħra, din id-darba ma' l-Użbekistan u ċ-Ċili, fejn l-aħħar pajjiż huwa wkoll il-bogħod mill-Unjoni Ewropea u jinsab fl-Amerika t'Isfel.

Mhux biss, imma fil-25 ta' Ġunju, il-Kunsill kien addotta regolament ġdid TACIS fuq għajnuna lill-Istati ġodda Indipendenti ta' l-ex Unjoni Sovjetika u l-Mongolja li wkoll huwa pajjiż il-bogħod mill-Unjoni Ewropea. Dan il-programm ta' għajnuna kien sar għas-snin 1996-1999.

Possibbli li meta wieħed jara dawn il-ftehim kollha jibqa' jaħseb li l-Unjoni Ewropea tkun daqstant bħal qalb u bla ruħ li ma tagħmilx ftehim ma Malta li jkun jaqbel għat-tnejn?

## L-Applikazzjoni tas-Slovenja

Fl-10 ta' Ġunju, is-Slovenja li wkoll kienet għaddiet żmien twil taħt il-ħakma kommunista kienet applikat formalment biex tissieħeb fl-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant, il-poplu Sloven bħall-popli l-oħra tal-pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant li kienu għaddew żmien twil taħt l-Unjoni Sovjetika raw is-sħubija tagħhom bħala mezz kontra qawmien mill-ġdid tar-Russja u l-periklu li forsi jerġgħu lura taħt il-ħakma tagħha.

## Konferenza Tripartita dwar ix-Xogħol

Kif ġbidt l-attenzjoni kemm-il darba f'dan il-ktieb, il-problema tax-xogħol jew aħjar in-nuqqas tiegħu minn dejjem kienet problema kbira fl-Unjoni Ewropea kaġun tal-politika tagħha.

Tant hija kbira l-problema li bejn l-14 u l-15 ta' Ġunju kienet saret konferenza tripartita bejn l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri u l-isħab soċjali. Din il-konferenza kienet saret ġewwa Ruma fl-Italja.

## Il-Baqra l-Miġnuna fil-Kunsill ta' Firenze

Bejn il-21 u t-22 ta' Ġunju, kien inżamm Kunsill Ewropew ieħor ġewwa Firenze, fl-Italja. Dan il-Kunsill kien għamel l-oġġettivi u l-aġenda għall-Konferenza Intergovernmentali, qabel mal-pjan ta' qafas[129] ippreżentat mill-Kummissjoni għall-qerda tal-marda tal-baqra l-miġnuna[130], u ddeċieda li jħoll il-problema ta' l-awtorita' tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea biex tinterpreta' l-Konvenzjoni Ewropol[131].

Laqgħa Għolja oħra tal-G7 kienet saret bejn is-27 u d-29 ta' Ġunju ġewwa Lijon[132], fi Franza. Din il-laqgħa addottat tliet dokumenti. Dikjarazzjoni fuq it-terroriżmu[133],

[129] Framework plan
[130] Eradication of bovine spongiform encephalopathy BSE
[131] Europol Convention
[132] Lyon

komunikazzjoni ekonomika dwar kif isir suċċess mill-globalizzazzjoni għall-benefiċju ta' aktar[134], kif ukoll stqarrija dwar aktar sigurta' u stabbilita' f'dinja aktar kooperattiva[135].

Mill-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għaddiet għand l-Irlanda.

## Aktar Karti mill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea

Fl-24 tax-xahar, Il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea addottat żewġ Karti oħra, din id-darba waħda dwar l-għixien f'soċjeta' ta' nformazzjoni[136], u l-oħra dwar ir-rwol, il-pożizzjoni u r-risponsabbilta' ta' l-awditur statutorju[137].

Karta[138] oħra kienet addottata wkoll mill-Kummissjoni fit-30 tax-xahar dwar l-istrateġija biex jerġgħu jitqajjmu s-sistemi tal-ferroviji ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan wara li ħafna minnhom kienu ġew ipprivatizzati u kienu marru lura ħafna fis-servizz li kienu jagħtu minkejja li kienu zdiedu bil-kbir il-ħlasijiet għall-konsumaturi kif ukoll zdiedu l-aċċidenti minħabba n-nuqqas ta' manutenzjoni biex il-qliegħ tas-sidien privati jikber.

Mhux ta' b'xejn li l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea kienet tlaqqmet bħala l-fabbrika tal-karti minħabba l-kwantita' kbira ta' karti direttivi u regolamenti li dejjem toħroġ.

Fil-25 tax-xahar, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea addotta regolament dwar l-għajnuna mogħtija biex jerġgħu jinbnew ir-Repubbliki li qabel kienu jagħmlu parti mill-Jugoslavja.

## Il-Qasam Internazzjonali

Wara li kienet saret il-Laqgħa Għolja dwar ix-xemx ġewwa Ħarare, fiż-Żimbabwe, dawk li kienu ħadu sehem varaw programm dinji dwar ix-xemx għas-snin 1996-2005.

Min-naħa ta' l-Unjoni Ewropea, fis-27 ta' Settembru, il-ħmistax-il Stat Membru kienu ffirmaw konvenzjoni fuq l-estradzzjoni u protokoll fuq il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni Ewropea, waqt li l-Kunsill kien addotta l-atti relattivi.

Din ma tistax tibqa' għaddejja bla ma wieħed jikkummenta fuqha, speċjalment minħabba dak li ġara wara meta l-Unjoni Ewropea mhux biss għamlet il-liġi kriminali tagħha magħrufa bħala Corpus Juris, imma anki għamlet il-mandat ta' arrest Ewropew.

---

133 Declaration on terrorism
134 Economic communique' entitled "Making a success of globalisation for the benefit of all
135 Statement from the chair entitled "Towards greater security and stability in a more cooperative world"
136 Green Paper entitled "Living and working in the information society"
137 Green Paper on the role, position and liability of the satutory auditor
138 White Paper on the strategy to follow for revitalising EU railway networks

Irrid infakkar li skond il-liġi kriminali tagħha magħrufa bħala Corpus Juris, kull persuna li tkun tinsab fi Stat Membru tista' tiġi arrestata fuq ordni tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew minn Brussell jew ta' kull Prosekutur Pubbliku Ewropew Delegat li jkunu jinsabu fl-ibliet ta' kull Stat Membru.

Hija tista' tintbagħat f'kull Stat Membru ieħor bla ma jsiru ebda proċeduri ta' estradizzjoni għaliex it-territorji ta' l-Istati Membri huma meqjusa bħala territorju jew qasam legali wieħed, dak ta' l-Unjoni Ewropea.

Mhux biss, imma l-persuna tista' tinżamm arrestata għal sitt xhur li jiġġeddu bit-tliet xhur bla ma titressaq quddiem il-Qorti u bla ma jinġiebu ebda provi kontriha.

Dan isir mhux biss jekk dik il-persuna tkun tassew għamlet xi frodi kontra l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni Ewropea, imma anki jekk xi Prosekutur Pubbliku Ewropew jew xi Prosekutur Pubbliku Ewropew Delegat jaħseb li dik il-persuna kienet jew tkun bi ħsiebha tagħmel xi frodi kontra l-interessi ta' l-Unjoni Ewropea.

L-istess Corpus Juris jipprovdi li l-akkużat ma jitressaqx quddiem ĠURI, imma quddiem imħallfin "professjonali".

Tgħid għaliex l-imħallfin ikunu magħrufa minn qabel u l-ġurati le u għalhekk ma jkunux jistgħu jinxtraw jew issir pressjoni fuqhom?

Dawn l-affarijiet kollha barra li jekk il-persuna tinstab ħatja tista' teħel bejn 5 u 7 snin ħabs, is-sentenza tigi skuntata fi Stat Membru iehor jekk ikun hekk deċiż, kif ukoll mijiet ta' eluf u miljuni ta' ewros li tista' teħel.

**Dawn huma l-ħniżrijiet li hemm fl-Unjoni Ewropea li l-Gvern Nazzjonalista u l-akkolti tiegħu ħbew u għadhom qed jaħbu miċ-ċittadini Maltin u Għawdxin kollha.**

## Il-Kunsill fuq il-Mini ta' Kontra l-Persuni

Fl-1 ta' Ottubru, il-Kunsill qabel fuq azzjoni mill-Komunita' biex ikunu pprojbiti għal kollox il-mini ta' kontra l-persuni. Wieħed ma jistax ma jaqbilx ma pożizzjoni bħal din biex dawn il-mini jispiċċaw darba għal dejjem, speċjalment meta jkun jaf li l-Italja kienet wieħed mill-akbar produtturi ta' dan il-mini.

Tant ġew magħmula minn dawn il-mini u moħbija fl-art f'ħafna pajjiżi, li hemm miljuni kbar minnhom li għadhom ma nstabux. Barra minn hekk, kull meta jkun hemm xi għargħar, dawn jinġarru mal-ħamrija f'postijiet oħra u jkomplu jżidu l-periklu għan-nies kollha.

Dawn il-mini ħallew miljuni ta' nies vittmi tagħhom, l-aktar mhux għax kienu joqtluhom, għalkemm kien hemm ħafna mwiet bihom, imma għaliex ħafna minnhom huma magħmula b'tali mod li ma joqtlux lil persuna, imma li jferuha u jimmankawha.

Din ukoll hemm diversi raġunijiet għaliha.

Jekk persuna tkun feruta minflok ma tinqatel, l-għadu se jkollu persuni oħra li jitilqu mill-ġlied biex ippruvaw jeħilsu lill-vittma mill-periklu u jsalvawlu ħajtu. B'hekk jonqsu s-suldati li jkunu qed jiġġieldu lill-għadu.

Fl-istess waqt, ikun hemm piż kbir fuq it-tobba, l-isptarijiet u s-servizzi tas-saħħa ta' dak il-pajjiż li jkunu jridu jdewwu u jieħdu ħsieb il-midruba.

Wara li tispiċċa l-gwerra, dawk il-persuni jkomplu jkunu ta' piż fuq il-pajjiż minħabba li ma jkunux kapaċi jaħdmu jew jagħmlu biss xogħol ħafif.

Dan ifisser li dak il-pajjiż ikollu piż kbir fuqu u ma jkunx jista' jiżviluppa daqs kemm kien jiżviluppi li kieku ma kellux il-piż ta' dawk in-nies fuqu. B'hekk tonqos il-kapaċita' tiegħu li jikkompeti mal-pajjiżi l-oħra.

Lanqas it-tfal ma jeħilsuha minn dawn il-mini, għaliex xi wħud minnhom kienu jkunu magħmula wkoll b'tali mod li jqarrqu b'min jarahom biex jaħsibhom xi ħaġa'oħra.

Kien hemm minnhom li jkunu kuluriti u f'forom ta' affarijiet tal-logħob tat-tfal biex it-tfal jaħsbuhom ġugarelli u b'hekk jimmankawhom. Il-ħdura ta' min kien jagħmel dawn il-mini ma tistax titwemmen.

Dawn huma ftit mir-raġunijiet u l-ħsiebijiet moqżieża wara l-produzzjoni ta' dawn il-mini li wieħed lanqas ma jgħaddilu minn moħħu li jkun hemm dawn il-ħsibijiet u l-għanijiet moqżieża kollha warajhom.

## <u>Aktar Karti</u>

F'Ottubru u f'Novembru, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea ħarġet skoss Karti oħra mar-ruxxmata Karti li minn dejjem kienet toħroġhom bħal pastizzi.

Fit-2 ta' Ottubru, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea addottat Karta oħra, din id-darba fuq l-"Edukazzjoni, Taħriġ u riċerka: l-ostakli għall-mobilita' Trans-nazzjonali"[139].

Karta oħra ġiet addottata mill-Kummissjoni fl-4 ta' Novembru, din id-darba fuq il-politika futura fuq il-ħsejjes[140].

Fl-20 ta' Novembru, kien imiss li jiġu addottati tliet Karti, waħda fuq ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi ta' l-Afrika, il-Karibbew u l-Paċifiku[141], l-oħra fuq il-politika ta' kif għandhom ikunu n-numri fis-servizzi tat-telekomunikazzjoni[142], u oħra fuq l-istrateġija tal-Komunita' biex jiġu żviluppati enerġiji li jiġġeddu[143].

Waqt li m'hemmx dubju li wieħed jaqbel li jkun hemm relazzjonijiet mill-aqwa bejn l-Istati kollha u kull organizzazzjoni kif ukoll fuq żviluppi ta' risorsi ta' enerġija li

[139] Green Paper on Education, Training and research: the obstacles to Trans-national mobility
[140] Green Paper on the future noise policy
[141] Green Paper on the Relations between the European Union and the African, Caribbean and Pacific (ACP) States
[142] Green Paper on a numbering policy for telecommunication services
[143] Green Paper on a Community strategy for developing renewable energies

jiġġeddu, u dan kemm biex jitnaqqas it-tniġġiż miż-żjut, faħam u affarijiet li jniġġsu l-ambjent, il-Karta dwar kif għandhom isiru n-numri fis-servizzi tat-telekomunikazzjoni juru għaliex il-Gvern Nazzjonalista kellu jibdel in-numri tat-telefon biex kollox ikun skond ir-regolamenti li ħarġet aktar tard l-Unjoni Ewropea.

## Aktar Żviluppi

Fil-5 ta' Ottubru, Kunsill Specjali Ewropew kien tlaqqa ġewwa Dublin, fl-Irlanda, fejn il-Kapijiet ta' Stat jew Gvern kienu kkonfermaw iż-żmien li kienu ftehmu fuqu għall-Konferenza Intergovernmentali.

Fit-13 ta' Ottubru, fl-Awstrija kien saru l-ewwel elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. L-għada, il-munita Finlandiża, jiġifieri il-Mark Finlandiż, kien iddaħħal fil-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju[144]. L-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fil-Finlandja kienu saru għall-ewwel darba fl-20 tax-xahar.

Fit-28 ta' Ottubru, kien ġie ffirmat ftehim ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea. Ftehim ieħor fis-sensiela bla tmiem li l-Unjoni Ewropea dejjem iffirmat ma' Stati oħra kontra dak li jgħidu l-kelliema Nazzjonalisti u l-akkolti tagħhom.

Bejn is-7 u d-9 ta' Novembru, kienet saret konferenza ġewwa Kork[145], fl-Irlanda, fuq l-iżvilupp rurali. Fil-11 ta' Novembru, il-Kunsill kien addotta azzjoni komuni biex isostni l-proċess demokratiku ġewwa Zaire, fl-Afrika. Fil-25 ta' Novembru, il-Lira Taljana kienet reġgħet iddaħħlet fil-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju.

## Ix-Xiri Pubbliku

Fis-27 ta' Novembru, il-fabbrika tal-Karti, jiġifieri il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea, reġgħet ħarġet Karta oħra, din id-darba fuq ix-xiri pubbliku fl-Unjoni Ewropea[146].

Hawnhekk irid jingħad li l-Unjoni Ewropea għandha r-regolamenti, kif għandu kull Gvern, dwar ix-xiri ta' affarijiet u materjal għas-servizz pubbliku.

Fil-każ ta' l-Unjoni Ewropea, ir-regolamenti tagħha jipprovdu li anki s-servizz pubbliku ta' l-Istati Membri, u hawn jidħlu l-Kunsilli Lokali u anki istituzzjonijiet oħra bħal ma huma Universitajiet kif se naraw aktar il-quddiem, iridu joħorġu sejħa għall-offerti ma' l-Istati Membri kollha ta' l-Unjoni Ewropea u jippubblikawha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea jekk tkun aktar minn ċertu ammont, biex kull kumpanija minn kull Stat Membru jkollha ċans u dritt li titfa l-offerta tagħha.

Dan ifisser li l-Gvernijiet, Kunsilli Lokali u entitajiet oħra pubbliċi jkollhom jonfqu eluf kbar ta' liri biex jippubblikaw is-sejħa għall-offerti, liema flus jinġabru mit-taxxi taċ-ċittadini ta' dak l-Istat, u jkun hemm ċans kbir li l-offerta tittieħed minn kumpanija barra minn dak l-Istat li mhux biss tkun ħadet ix-xogħol, imma tkun tista'

[144] Exchange rate mechanism
[145] Cork
[146] Green Paper entitled on public procurement in the European Union.

tieħu l-ħaddiema magħha biex tagħmel ix-xogħol li tkun rebħet u ma tieħu ebda ħaddiem minn dak l-Istat fejn tkuin se taħdem biex jagħmel xi xogħol magħha.

Din ukoll hija waħda mir-raġunijiet għaliex hemm daqstant miljuni ta' ħaddiema bla xogħol fl-Unjoni Ewropea, għaliex kumpaniji minn Stati Membri li għandhom pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol inqas minn ta' Stati Membri oħra ikunu jistgħu jitfgħu offerti ta' xogħol li jkunu inqas minn ta' kumpaniji oħra.

Dan iwassal biex il-ħaddiema ta' Stati Membri fejn il-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema jkunu aħjar jibdew jitilfu x-xogħol bil-konsegwenzi kollha li dan iġib miegħu.

Din is-sitwazzjoni se tkompli taggrava jekk jidħlu wkoll membri l-pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant minħabba l-miżerja ta' pagi u kundizzjonijiet miżerabbli ta' xogħol li huma għandhom meta' mqabbla ma' ħaddiema fi Stati Membri oħra.

Mhux ta' b'xejn li l-Ġermanja u Stati Membri oħra riedu li l-ħaddiema minn dawn il-pajjiżi ma jkollhomx dritt li jmorru jaħdmu għandhom għal diversi snin, għaliex kienu qed jaraw li kienu se jfarrku lill-kumpaniji u l-ħaddiema tagħhom.

Ara l-Gvern Nazzjonalista aċċetta li kull ħaddiem minn kull Stat Membru, anki l-Istati Membri l-ġodda jkunu jistgħu jiġu jaħdmu hawn Malta sa mill-ewwel jum tas-sħubija.

Imbagħad jekk ikun hemm problemi kbar ikun jista' jagħmel xi ħaġa fl-ewwel seba' snin biss u jkun irid jiġġustifikaha ma' l-Unjoni Ewropea.

Wara li jgħaddu s-seba' snin ma jkun jista' jagħmel xejn jekk ma jitlobx permess minn qabel lill-Unjoni Ewropea, imma l-froġa tkun saret u l-effetti ma jkunux jistgħu jitreġġgħu lura.

Dan jgħodd biss għall-ħaddiema mpjegati, għaliex għall-ħaddiema li jħaddmu lilhom infushom, jiġifieri self-employed, dawk kollha jistgħu jiġu sa mill-ewwel jum tas-sħubija u l-Gvern Malti ma jkun jista' jagħmel xejn biex iżommhom.

Dak huwa l-futur li qiegħed joffri lill-ħaddiema kollha l-Partit Nazzjonalista bis-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

## Internazzjonali

Bejn l-4 u l-5 ta' Diċembru, kienet saret konferenza ġewwa Londra, fir-Renju Unit, li kkonċentrat l-isforzi tagħha fuq kif jiġi implimentat il-ftehim ta' paċi dwar dik li qabel kienet il-Jugoslavja, kif ukoll addottat pjan ta' azzjoni biex jiġi konsolidat, jiġi msaħħah, il-paċi.

Bejn id-9 u t-13 ta' Diċembru, il-konferenza Ministerjali ta' l-Għaqda Dinjija tal-Kummerċ[147] kienet saret ġewwa Singapor u għalqet billi kien sar ftehim fuq il-prodotti tat-teknoloġija ta' l-informatika[148].

[147] World Trade Organisation (WTO)
[148] Information technology products

## Ftehim Ieħor

Ftehim ieħor Ewro Mediterranju[149] kien iffirmat fl-10 ta' Diċembru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni għall-Ħelsien tal-Palestina.

Għalkemm wieħed jista' ma jagħtix każ u jqisu ftehim bħall-oħrajn, l-importanza f'dan il-ftehim tinsab fil-fatt li dan il-ftehim kien ma' organizzazzjoni li għalkemm tirrappreżenta lill-poplu Palestinjan, la hija Gvern u lanqas kien għadu, kif m'għadux s'issa, inħoloq Stat Palestinjan.

Għaldaqstant, dan mhux biss juri li l-Unjoni Ewropea lesta tagħmel ftehim ma' **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** u organizzazzjonijiet oħra kif juru l-ħafna ftehim imsemmija qabel, imma lesta li tagħmel ukoll ftehim ma' organizzazzjonijiet li ma jkunux Stati.

Allura possibbli li wara dawn il-ftehim kollha l-Unjoni Ewropea ma tagħmilx ftehim ma' Malta li jkun jaqbel għat-tnejn?

## Kunsill Ewropew ġewwa Dublin

Kunsill ieħor Ewropew kien inżamm ġewwa Dublin, fl-Irlanda, bejn it-13 u l-14 ta' Dicembru, fejn kien laħaq ftehim fuq l-elementi differenti meħtieġa biex tiddaħħal il-munita waħda[150].

Dan kien jinħtieġ struttura legali[151], patt ta' stabbilita[152], u mekkaniżmu tar-rata tal-kambju ġdid[153]. Il-Kunsill kien addotta wkoll id-dikjarazzjoni ta' Dublin fuq l-impjiegi u kkonferma ż-żmien għall-Konferenza Intergovernmentali[154].

Fis-16 tax-xahar, kienet saret Laqgħa Għolja Transatlantika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika ġewwa Washington, fl-Istati Uniti. Fid-19 ta' Diċembru, id-Danimarka u l-Isvezja kienu ffirmaw ukoll il-ftehim ta' Xengen.

---

149 Euro-Mediterranean interim agreement
150 Single curreency
151 Legal framework
152 Stability Pact
153 New exchange rate mechanism
154 Intergovernmental Conference (IGC)

## Is-Sena 1997

Fl-1 ta’ Jannar, il-Presidenza tal-Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropea għaddiet għand l-Olanda.

## Is-Sena tibda bil-Karti

Karta oħra kienet ġiet addottata mill-Kummissjoni ta’ l-Unjoni Ewropea fit-22 ta’ Jannar fuq restrinġiment vertikali fil-politika ta’ kompetizzjoni fl-Unjoni Ewropea[155].

Restrinġiment vertikali huwa meta’ kumpanija kbira tagħmel restrizzjonijiet fuq l-agenti u fuq kumpaniji oħra li jkollhom x’jaqsmu magħha, bħala eżempju, li ma jbiegħux affarijiet ta’ kumpaniji oħra jew mhux inqas minn prezz maħruġ minnha. Jissejjaħ vertikali għaliex huwa minn fuq għal isfel.

Fis-16 ta’ April, il-Kummissjoni reġgħet ħarġet Karta oħra, din id-darba fuq is-sħubija għal organizzazzjoni ġdida tax-xogħol[156].

Din turi kemm in-nuqqas kbir ta’ xogħol li dejjem kien hemm fil-Komunita’ Ewropea, u issa fl-Unjoni Ewropea, kienu għadhom ma sabux tarfha, kif għadha hekk sal-lum.

Fit-12 ta’ Frar kien intlaħaq ftehim fuq is-servizzi bażiċi tat-telekomunikazzjoni fl-istruttura ta’ l-Għaqda Dinjija tal-Kumerċ, waqt li fid-19 ta’ Frar, il-Parlament addotta riżoluzzjoni fuq ir-riżultati tal-kumitat temporanju ta’ inkjesta fil-marda tal-baqra ‘l-miġnuna[157].

## Stqarrija u Ftehim Ieħor

Fl-24 ta’ Frar, il-Kummissjoni ta’ l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni għall-Ħelsien tal-Palestina[158] addottaw stqarrija flimkien fejn waqqfu djalogu politiku regolari u ffirmaw ftehim Ewro-Mediterranju temporanju ta’ assoċjazzjoni[159] għal ħames snin.

Ftehim ieħor fil-kullana ta’ ftehim li rajna s’issa ffirmati mill-Unjoni Ewropea ma’ **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** u organizzazzjonijiet oħra.

Fil-25 ta’ Marzu, kienet saret tifkira ta’ l-40 anniversarju tat-Trattat ta’ Ruma ġewwa l-Kapitol[160], f’Ruma, l-Italja.

L-għada, il-partijiet involuti fil-ftehim Kummerċjali fuq il-prodotti tat-teknoloġija ta’ l-informatika[161] fl-istruttura ta’ l-Għaqda Dinjija tal-Kummerċ kienu għamlu lista definittiva ta’ dak li kellhom jagħmlu[162].

---

[155] Green Paper on vertical restraints in the EC competition policy
[156] Green Paper titled Partnership for a new organisation of work
[157] Bovine spongiform encephalopathy (BSE)
[158] Palestine Liberation Organisation (PLO)
[159] Euro-Mediterranean interim association agreement
[160] Capitol
[161] Information technology products

## Il-Każ tal-Pensjonijiet

Fis-17 ta' April, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kienet iddeċidiet każ dwar il-pensjonijiet[163]. Dan kien dwar id-dritt ta' pensjonijiet l-istess għar-romol, kemm jekk ikunu rġiel kif ukoll għan-nisa.

B'din is-sentenza, il-Qorti kabbar il-prinċipju ta' trattament l-istess għall-irġiel u n-nisa fl-għoti ta' pensjoni għar-romol taħt skemi ta' assigurazzjoni okkupazzjonali[164].

Minn dan il-każ naraw kemm minkejja li hawn min iħares lejn l-Unjoni Ewropea bħala għaqda fejn kulħadd huwa l-istess u suppost li kemm in-nisa u kemm l-irġiel huma ttrattati l-istess fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, dan ma kienx il-każ għaliex kieku l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea ma kienx ikollha ħtieġa li tagħti din is-sentenza.

Naraw ukoll kemm minkejja li dan il-każ kien tajjeb għaliex il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea ttrattat lin-nisa u l-irġiel l-istess, il-fatt jibqa' li kienet Qorti ta' l-Istat Federali, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea, li ddeċidiet il-każ, u mhux xi Qorti ta' Stat Membru.

## Protokoll dwar l-Afrika t'Isfel u Ftehim Oħra

Fl-24 ta' April, il-Kunsill tal-Ministri tal-pajjiżi ta' l-Afrika, Karibbew u l-Paċifiku u l-Unjoni Ewropea addotta deċiżjoni fejn approva l-protokoll dwar id-dħul ta' l-Afrika t'Isfel fil-Konvenzjoni ta' Lome'.

Dan kien ifisser li l-Afrika t'Isfel saret pajjiż, jew aħjar **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** ieħor li l-Unjoni Ewropea kienet għamlet ftehim dwar il-kummerċ permezz tal-Konvenzjoni ta' Lome'

---

[162] Definitive list of their committments

[163] Judgment of the Court (Sixth Chamber) of 17 April 1997. Dimossia Epicheirissi Ilektrismou (DEI) v Efthimios Evrenopoulos. Reference for a preliminary ruling: Dioikitiko Efeteio Athinon - Greece. Social policy - Men and women - Equal treatment - Applicability of Article 119 of the EC Treaty or Directive 79/7/EEC - Insurance scheme of a State electricity company -Survivors' pensions - Protocol No 2 annexed to the Treaty on European Union -Meaning of 'legal proceedings'. Case C-147/95. European Court reports 1997 Page I-02057

[164] **Operative part of the judgment**

On those grounds, THE COURT (Sixth Chamber), in answer to the questions referred to it by the Diikitiko Efetio Athinon by judgment of 30 March 1995, hereby rules:

1. The benefits granted under a pension scheme such as the insurance scheme of the Dimosia Epicheirisi Ilectrismou, including survivors' benefits, fall within the scope of Article 119 of the EC Treaty.

2. Where a survivor's pension falls within the definition of pay for the purposes of Article 119 of the Treaty, Article 119 precludes the application of a provision of national law which makes the award of such a pension to a widower subject to special conditions which are not applied to widows, and there is no rule of Community law which could justify the maintenance in force of such a provision.

3. On a proper construction of the Protocol concerning Article 119 of the Treaty establishing the European Community, that article may be relied upon in proceedings initiated before 17 May 1990 in order to obtain benefits under an occupational social security scheme, even if the action was declared inadmissible on the ground that the applicant had not lodged a prior objection, where the national court has granted an extension of the period prescribed for lodging such an objection.

4. Article 119 of the Treaty requires that widowers discriminated against in breach of that provision be awarded a pension or other survivor's benefit under the same conditions as widows

Ftehim oħra ta' kooperazzjoni kienu ġew iffirmati bejn l-Unjoni Ewropea, il-Kambodja u Laos, pajjiżi li jinsabu fil-Lvant Imbiegħed in-naħa l-oħra tad-dinja.

Dawn il-ftehim kollha, bħal ftehim oħra li rajna s'issa, kollha jgiddbu lil dawk kollha li jgħidu li l-unika triq hija biss is-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

**Aktar Deċiżjonijiet mill-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea**

Fis-6 ta' Mejju, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea addottat il-programm ta' ħidma tagħha kontra l-frodi għas-snin 1997-1998. Fit-12 ta' Mejju, il-Qorti ta' Awdituri ta' l-Unjoni Ewropea pubblika r-rapport speċjali fuq l-għajnuna umanitarja ta' l-Unjoni Ewropea bejn l-1992 u l-1995.

Fis-26 ta' Mejju, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea waqqaf konvenzjoni fuq is-servizz ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji f'affarijiet ċivili u kummerċjali[165]. Il-Kunsill waqqaf wkoll konvenzjoni fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi l-uffiċjali[166].

**Razziżmu u Xenofobja**

Fit-2 ta' Ġunju, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea addotta regolament li bih waqqaf Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ fuq ir-Razziżmu u x-Xenofonja[167].

Kif jaf kulħadd, razziżmu tfisser li jkun hemm diskriminazzjoni u/jew attakki kontra razza jew razez ta' nies oħra. Min-naħa l-oħra, xenofobja tfisser il-biża min-nies ta' reliġjon, razza, jew kulur ieħor, jew aħjar il-biża li jkun ġej minħabba dak li ma nkunux nafu dwarhom.

Wieħed jista' jifhem għaliex l-Unjoni Ewropea waqqfet ċentru bħal dan biex issegwi dak li jkun qed jiġri fl-Istati Membri tagħha, minħabba li f'ċerti Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, wieħed spiss jisma li jkun hemm attakki kontra nies barranin u l-familji tagħhom.

Jekk wieħed jieħu eżempju, fil-Ġermanja spiss jinstema' li jkunu ġew attakkati ħaddiema barranin u l-familji tagħhom, speċjalment it-Torok.

Waqt li dawn l-attakki huma ta' min jikkundannahom, wieħed irid jiftakar li hemm miljuni ta' ħaddiema Torok u l-familji tagħhom jaħdmu fil-Ġermanja.

Għalkemm suppost li kulħadd jitħallas l-istess, ħaddiema barranin jaċċettaw pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol ħafna inqas mill-ħaddiema Ġermaniżi u b'hekk il-ħaddiema Ġermaniżi jispiċċaw bla-xogħol. Dan ma jiġrix fil-Ġermanja biss, imma f'diversi Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant, dan qiegħed iwassal biex kemm forsi nies li jkunu tilfu xogħolhom minħabba raġunijiet bħal dawn kif ukoll dawk li huma min-natura tagħhom razzisti,

---

[165] Convention on the service of judicial and extra-judicial documents in civil or commercial matters
[166] Convention on the fight against corruption involving officials
[167] European Monitoring Centre on Racism and Xenophobia

jagħmlu attakki bħal dawn kontra l-ħaddiema barranin li jidrilhom jew jaħsbu li jkunu ħadulhom xogħolhom u l-familji tagħhom.

**Pożizzjoni Komuni dwar l-Albanija**

Fit-2 ta' Ġunju, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea kien addotta wkoll pożizzjoni komuni li ddefiniet l-istrateġija ta' l-Unjoni Ewropea dwar Albanija.

Wieħed jara li l-Istati Membri kienu qed jiġu mxekkla jew ma jitħallewx li jieħdu xi pożizzjoni kif ikun jidrilhom, jixtiequ jew kif ikun jaqbel lilhom dwar xi pajjiż jew organizzazzjoni, imma d-deċiżjoni dwar il-pożizzjoni kienet qed tittieħed mill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea biex ikun hemm pożizzjoni komuni.

Għaldaqstant, dan il-pass ikompli jikkonferma li s-sovranita' ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam spiċċat u ttieħdet darba għal dejjem mill-Unjoni Ewropea sakemm jibqgħu membri tagħha.

**Aktar Ħidma mill-Kummissjoni**

Fl-4 ta' Ġunju, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea addottat pjan ta' azzjoni għas-Suq Wieħed, li kien ifisser li aktar drittijiet kienu se jittieħdu mingħand l-Istati Membri u jgħaddu għand l-Unjoni Ewropea li tiddeċiedi u l-Istati Membri jobdu. Saret Stat Federali jew le l-Unjoni Ewropea bħala l-Istati Uniti ta' l-Ewropa?

**Aktar Karti**

Fl-10 tax-xahar, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropa kienet addottat Karta[168] oħra, din id-darba dwar il-pensjonijiet supplimentari f'Suq Wieħed.

Dan ifisser li l-Unjoni Ewropea mhux biss tindaħal fil-pensjonijiet kontra dak li jgħidu dawk li huma l-iffissati fuqha u li jridu jqarrqu bil-poplu Malti u Għawdxi, imma juri wkoll li l-Unjoni Ewropea tindaħal ukoll anki dwar il-kwalitajiet ta' pensjonijiet għandhom jingħataw.

**Il-Kunsill Ewropew ta' Amsterdam**

Bejn is-16 u s-17 ta' Ġunju kien iltaqa Kunsill Ewropew ġewwa Amsterdam, fl-Olanda, fejn laħaq qbil fuq abbozz ta' Trattat. Il-Kunsill qabel dwar diversi proposti biex jiffaċilitaw il-passaġġ bla xkiel[169] għat-tielet fażi ta' l-għaqda Ekonomika u Monetarja[170] u addotta riżoluzzjoni fuq it-tkabbir u l-impjiegi[171].

Il-proposti dwar it-tielet fażi ta' l-Għaqda Ekonomika u Monetarja juru t-tkomplija fil-mixja biex l-Unjoni Ewropea ssir Stat Federali Ewropew, waqt li l-aħħar riżoluzzjoni dwar it-tkabbir u x-xogħol turi kemm l-Unjoni Ewropea kellha u għad għandha problema kbira ta' nuqqas ta' xogħol.

[168] Green Paper on supplementary pensions in the Single Market
[169] Smooth passage
[170] Economic and Monetary Union
[171] Resolution on growth and employment

## Il-Kummissjoni dwar il-Privattivi

Fl-24 ta' Ġunju, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea kienet addottat Karta oħra, din id-darba fuq il-privattivi u s-sistema tal-privattivi fl-Ewropa.

Infakkar li privattivi huma dawk li xi wħud jafuhom bħala patents. Kull min ikun ivvinta xi ħaġa għandu dritt jirreġistraha bi ħlas u kull min jużaha jew jagħmilha jkollu jħallsu xi ħlas.

L-ewwel ma jrid jingħad huwa kif l-Unjoni Ewropea daħlet anki f'dan il-qasam u kif l-Istati Membri jkollhom idaħħlu r-regolamenti kollha li tordnalhom f'dan il-qasam bħal kull qasam ieħor.

Huwa għal din ir-raġuni li l-Gvern Nazzjonalista kellu jibdel il-liġi dwar il-privattivi, għaliex l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jkollhom bilfors jagħmlu l-liġijiet tagħhom skond kif tkun ordnat l-Unjoni Ewropea.

Fil-każ ta' Malta u ta' pajjiżi kandidati oħra, l-Unjoni Ewropea trid li l-liġijiet kollha jkunu saru kollha skond ir-regolamenti tagħha qabel ma fil-fatt il-pajjiżi kandidati jsiru membri.

Għaldaqstant, din hija r-raġuni għaliex il-Gvern Nazzjonalista qiegħed jibdel il-liġijiet kollha Maltin biex jagħmilhom jaqblu mar-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea skond kif ordnatlu l-istess Unjoni Ewropea minkejja li l-maġġoranza assoluta tagħhom ma jaqblux għalina.

Mill-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għaddiet għand il-Lussemburgu.

## Agenda 2000

Fis-16 ta' Lulju, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea ippreżentat "Aġenda 2000 – għal Ewropa aktar b'saħħitha u wiesha", kif ukoll l-opinjoni tagħha fuq l-applikazzjonijiet ta' l-10 pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali.

L-ewwel ma wieħed jinnota huwa li l-Aġenda 2000 li kienet ippreżentat il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea kellha l-għanijiet tagħha għal Ewropa aktar b'saħħitha u wiesha. Din trid tittieħed minn żewġ aspetti.

L-ewwel nett, dan juri l-arroganza tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea li tirreferi għal-Unjoni Ewropea bħala l-Ewropa, għaliex l-Unjoni Ewropea m'hijiex l-Ewropa.

Din flimkien mal-kliem "**aktar wiesha**" juri kif l-għanijiet ta' l-istituzzjonijiet u tal-mexxejja tagħhom dejjem kienu t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea biex iġġib il-pajjiżi ta' l-Ewropa kollha taħt il-kontroll tagħha, skond kif kienu ppjanaw u kif kienu l-għanijiet tal-federalisti internazzjonali li wieħed jista' jgħid li saru l-għanijiet ewlenin ta' l-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, turi wkoll li t-terminu saħħa m'huwiex definit, jew fi kliem ieħor, m'huwiex jingħad xi kwalita' ta' saħħa trid l-Unjoni Ewropea. Hemm differenza bejn saħħa ekonomika, kummerċjali, finanzjarja, industrijali, u saħħa militari.

Meta wieħed jara kif l-Unjoni Ewropea għamlet l-armata tagħha li l-għanijiet, l-operat u t-tul ta' fejn tista' tmur fl-operazzjonijiet tagħha tagħha dejjem jitkabbru, jidher ċar li s-saħħa ma kinitx limitata għal dawk l-oqsma u oħrajn li semmejt aktar qabel, imma tinkludi wkoll saħħa militari.

Fil-fatt, wara li l-operazzjonijiet ta' l-armata ta' l-Unjoni Ewropea kellhom jiġu limitati sa' ċertu bogħod, u hawn it-tul kien iwassal sal-pajjiżi kollha tal-lvant nofsani li jesportaw iż-żejt u anki l-parti l-kbira ta' l-Afrika, aktar tard l-Unjoni Ewropea kellha toffri lill-Ġnus Magħquda li l-armata tagħha tmur fejn ikun meħtieġ f'kull rokna tad-dinja.

**Armata tal-bidu ta' mitt elf (100,000) suldat li sittin elf (60,000) minhom ikunu jistgħu jintbagħtu fejn ikunu meħtieġa fi żmien sittin jum u jinżammu fornuti b'kollox għal sena sħiħa, erba' mitt (400) ajruplan tal-ġlied, u mitt (100) bastiment tal-gwerra ċertament li m'humiex se jintużaw biss biex jinżamm il-paċi.**

**Jidhru jew ma jidhrux l-għanijiet militari ta' l-Unjoni Ewropea u tal-pajjiżi kolonjalisti u ex-kolonjalisti ta' l-Istati Membri tagħha?**

**Infakkar li kien hemm ukoll min qal li l-ajruplani huma 650, imma anki jekk huma 400, xorta waħda huma ammont kbir li l-għan tagħhom mhux biex jintużaw għall paċi. Jekk Malta ssir membru, hija se tkun qed tagħti sehma biex jinxtraw dawn l-armamenti qerrieda.**

**Jingħad ukoll li kull wieħed minnn dawn l-ajruplani jiswa madwar ħamsa u sittin jew tmenin miljun lira (Lm80,000,000), daqs kemm l-Unjoni Ewropea tat lil Malta għall-ewwel tliet snin biex ma nkunux tajniha aktar milli ħadna. Daqshekk tistma lill-Malta l-Unjoni Ewropea.**

**Dan barra li kif ġie muri, minn dawk il-flus kull ma se tieħu Malta huma biss miljun u nofs fis-sena.**

Għal min ftahar bil-ftehim li qal li rnexxilu jġib joqgħod tajjeb il-qawl Malti li jgħid li **"L-iblah jaqla' għjnu u jifraħ".**

**Kunsill Straordinarju ta' Għaqda Militari**

Fit-22 ta' Lulju, il-Kunsill Straordinarju[172] ta' l-Għaqda Ewropea tal-Punent[173] addotta dikjarazzjoni li kellha tiġi mehmuża[174] ma' l-Att Aħħari[175] tat-Trattat ta'

[172] Extraordinary Council
[173] Western European Union
[174] Attached
[175] Final Act

Amsterdam, fuq is-sehem[176] u r-relazzjonijiet tagħha ma' l-Unjoni Ewropea u l-Allejanza Atlantika, jiġifieri n-NATO.

Hawnhekk naraw li l-element militari kompla jiġi eżaminat biex jaraw kif jistgħu jaħdmu flimkien jew, fi kliem ieħor, jintegraw il-forzi ta' din l-Għaqda li hija magħmula minn ċerti Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u l-armata ta' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll ir-relazzjonijiet tagħha man-NATO, li hija mmexxija mill-Istati Uniti.

## Konferenza tad-Donaturi

Bejn it-23 u l-24 ta' Lulju, it-tielet Konferenza tad-Donaturi għar-rikostruzzjoni tal-Bożnja-Ħerżegovina kienet saret ġewwa Brussell, fil-Belġju. Wieħed irid ifakkar li l-Unjoni Ewropea kienet waħda minn dawk il-pajjiżi u organizzazzjonijiet li kienet qed tagħti kontribuzzjoni għal dan il-għan.

Madankollu, l-Unjoni Ewropea kellha kull interess li l-Jugoslavja titfarrak biex ma jibqax Stat kommunista fl-Ewropa u biex l-Istati li joħorġu mit-tifrik tal-Jugoslavja jiddaħħlu membri tagħha aktar tard.

B'hekk it-territorju ta' l-Unjoni Ewropea jkompli jinfirex madwar l-Ewropa kollha biex tassew issir l-Istati Uniti ta' l-Ewropa kif kienu ppjanaw il-federalisti internazzjonali.

## Qbil dwar it-Trattat ta' Amsterdam

Fit-2 ta' Ottubru, il-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea kienu ffirmaw it-Trattat ta' Amsterdam. Dan it-Trattat kien emenda t-Trattati l-oħra ta' qablu.

Fl-20 ta' Ottubru, il-Kummissjoni addottat ir-rapport aħħari tal-kumitat temporanju ta' inkjesta li kien qiegħed josserva r-rakkomandazzjonijiet fuq il-marda tal-baqra l-miġnuna[177].

## Il-Każ Hellmut Marschall

Fil-11 ta' Novembru, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kienet tat is-sentenza tagħha fil-każ Marschall kontra Nordrhein–Westfalen[178]. Dan il-każ għandu jħasseb lin-nisa Maltin u Għawdxin li l-Gvern Laburista kien irriserva ċertu numru ta' postijiet fis-servizz ċivili għan-nisa biex jagħtihom aktar importanza.

Dan għaliex il-Qorti Ewropea f'din is-sentenza kienet iddeċidiet li liġi nazzjonali li kienet tigarantixxi prijorita' għan-nisa fil-promozzjonijiet fis-settur pubbliku fejn ikun hemm kandidati nisa u rġiel li jkollhom l-istess kwalifiki u jkunu kkwalifikati l-istess

[176] Role
[177] Bovine spongiform encephalopathy (BSE)
[178] Judgment of the Court of 11 November 1997. Hellmut Marschall v Land Nordrhein-Westfalen. Reference for a preliminary ruling: Verwaltungsgericht Gelsenkirchen - Germany. Equal treatment of men and women - Equally qualified male and female candidates - Priority for female candidates - Saving clause. Case C-409/95.European Court reports 1997 Page I-06363

għall-post li jkun hemm, ma kinitx kontra l-liġi ta' l-Unjoni Ewropea **sakemm ċerti kundizzjonijiet kienu jiġu sodisfatti**[179].

Dan ifisser li dak li għamel il-Gvern Laburista li kien irriserva numru ta' postijiet għan-nisa fis-servizz ċivili biex in-nisa jimxu aktar 'il quddiem ma jkunx jista' jibqa' jsir jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea sakemm dan ma jkunx skond il-kundizzjonijiet magħmula mill-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant, wieħed jara kemm l-Unjoni Ewropea tindaħal f'kollox u f'kull qasam f'dak kollu li jagħmlu l-Istati Membri tagħha u kemm huwa veru li l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea tilfu d-drittijiet kważi kollha tagħhom lill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tiegħu.

## Kunsill Straordinarju fuq l-Impjiegi

Bejn il-21 u 22 ta' Novembru, kien sar Kunsill Ewropew Straordinarju fuq l-impjiegi, liema laqgħa tal-Kunsill kienet inżammet ġewwa l-Lussemburgu. Dan il-Kunsill qabel fuq Linji ta' Gwida għall-politika dwar l-impjiegi ta' l-Istati Membri fl-1998.

Min din il-laqgħa naraw mhux biss li l-Unjoni Ewropea kellha u għad għandha problema kbira bin-nuqqas ta' xogħol kaġun tal-politika ħażina u l-indħil tagħha f'dak kollu li jkollhom jagħmlu l-Istati Membri, imma issa kienet qed tindaħal ukoll fuq il-politika dwar l-impjiegi li kellhom jagħmlu l-Istati Membri tagħha.

Qed taraw kif f'kollox tindaħal l-Unjoni Ewropea u kif veru qiegħda fl-aħħar fażi biex tkun saret Stat Federali Ewropew fejn l-Istati Membri tkun spiċċatilhom is-saħħa kollha u jkollhom joqgħodu għal kull ma tkun iddeċidiet l-Unjoni Ewropea f'kull settur u f'kull qasam kif isir eżatt fi Stat Federali?

## Aktar Karti mill-Kummissjoni

Karta[180] oħra kienet ġiet addottata mill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea, din id-darba dwar l-enerġija li tiġġeded. Fit-3 ta' Diċembru, il-Kummissjoni reġgħet addottat Karta[181] oħra fuq il-konverġenza, jiġifieri t-tqarrib sakemm isiru l-istess, fis-setturi tal-komunikazzjonijiet, il-media u teknologija ta' l-informatika.

---

[179] "A national rule which, in a case where there are fewer women than men at the level of the relevant post in a sector of the public service and both female and male candidates for the post are equally qualified in terms of their suitability, competence and professional performance, requires that priority be given to the promotion of female candidates unless reasons specific to an individual male candidate tilt the balance in his favour is not precluded by Article 2(1) and (4) of Council Directive 76/207/EEC of 9 February 1976, on the implementation of the principle of equal treatment for men and women as regards access to employment, vocational training and promotion, and working conditions, provided that:
- in each individual case the rule provides for male candidates who are equally as qualified as the female candidates a guarantee that the candidatures will be the subject of an objective assessment which will take account of all criteria specific to the candidates and will override the priority accorded to female candidates where one or more of those criteria tilts the balance in favour of the male candidate, and
- such criteria are not such as to discriminate against the female candidates.

[180] White Paper on renewable energy

[181] Green Paper on convergence in the communications, media and information technology sectors

Karti oħra mar-ruxxmata Karti maħruġa mill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea li turi wkoll għaliex il-Gvern Nazzjonalista kellu wkoll jibdel il-liġijiet Maltin f'dawn l-oqsma minħabba l-iffissazzjoni u l-ġennata tas-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

## Il-Konferenza ta' Kjoto dwar il-Klima

Bejn l-1 u l-10 ta' Diċembru, kienet saret konferenza internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima, liema konferenza kienet saret ġewwa Kjoto[182], fil-Ġappun. Il-konferenza kienet ingħalqet billi l-pajjiżi industrijalizzati kienu wegħdu li jnaqqsu l-ħruġ ta' gassijiet li kienu qed isaħħnu lid-dinja, jiġifieri dawk li kienu jikkawżaw dak magħruf bħala l-effett serra[183].

Tajjeb li nfakkar li waqt li l-President Amerikan Bill Clinton kien aċċetta li jiffirma dak li kien magħruf bħala l-Protokoll ta' Kjoto li kien riżultat ta' din il-konferenza, il-President il-ġdid Bush kien ħassar kollox u ma aċċettax dan il-protokoll.

Għaldaqstant, l-akbar pajjiż li jikkawża l-akbar tniġġiż minn gassijiet li jikkawżaw l-effett serra poġġa l-interessi tiegħu u tal-produtturi Amerikani li jippumpjaw il-miljuni ta' dollari għall-kampanja elettorali tpoġġew qabel l-interessi ta' kulħadd u tal-kumplament tad-dinja kollha.

Fit-3 ta' Diċembru, kienet ġiet iffirmata konvenzjoni Internazzjonali dwar il-mini ta' kontra l-persuni li diġa' rajna l-ħsara li jagħmlu, kemm fuq il-persuni u kemm fuq l-ekonomija ta' Stati oħra. Din il-konvenzjoni kienet ġiet iffirmata ġewwa Ottawa, fil-Kanada.

## Ipprojbiti r-Reklami tat-Tabakk

Fl-4 ta' Diċembru, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea kien qabel li jipprojbixxi r-reklami dwar it-tabakk.

Waqt li xi wħud, speċjalment il-kumpaniji tat-tabakk ma jieħdux gost b'dan, ħafna nies jieħdu pjaċir li t-tabakk ma jibqax jiġi reklamat minħabba l-ħsara li jikkawża lis-saħħa tan-nies.

Barra milli jitnaqqsu r-reklami, ħafna nies iridu wkoll li t-tipjip jiġi pprojbit minn kull post pubbliku għaliex waqt li huma ma jpejjpux, ikollhom jibilgħu bilfors id-duħħan ta' min ikun qiegħed ipejjep.

Wieħed irid iqis ukoll kemm miljuni kbar ta' liri jkollhom jinħarġu mit-taxxi tal-poplu biex jiġu kkurati dawk li jpejjpu, kif ukoll li s-sigaretti qegħdin joqtlu ħafna nies. Malta huwa magħruf li mill-inqas tmut persuna kulljum bħala riżultat dirett tat-tipjip

Madankollu, hawnhekk tidher ukoll l-ipokrezija tal-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea, għaliex waqt li qegħdin jipprojbixxu r-reklamar tat-tabakk, huma jagħtu mijiet ta' miljuni sussidju fis-sena lill-bdiewa li jkabbru t-tabakk f'ċerti pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea. Jistgħu jkunu ipokriti aktar minn hekk?

---

[182] Kyoto
[183] Geenhousde gas emissions

**Ftehim mal-Messiku**

Ftehim ieħor dwar sħubija ekonomika u kooperazzjoni u koordinazzjoni politika kien ġie ffirmat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Messiku fit-8 ta' Diċembru.

Wieħed irid ifakkar li l-Messiku huwa pajjiż fl-Amerika t'isfel u mhux fl-Ewropea. Dan kien ftehim ieħor fis-sensiela twila ta' ftehim li l-Unjoni Ewropea ffirmat ma **Stati Indipednenti, Ħielsa u Sovrani** minn madwar id-dinja kollha.

Possibbli li l-Unjoni Ewropea se tasal li ma' Malta ma tagħmilx ftehim li jkun jaqbel għat-tnejn minflok ma nsiru membri tagħha bil-piżijiet kollha li sħubija ġġib magħha?

Anki kieku stess dan ikun il-każ, huwa ħafna aħjar li tkun ħieles u b'rajk f'idejk milli jkollok toqgħod għal dak li jordnalek il-barrani li jkun qed jaħkmek.

Fil-qasam internazzjonali, fit-12 ta' Diċembru kien intlaħaq ftehim fil-qafas ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fuq is-servizzi finanzjarji.

**Kunsill Ewropew fil-Lussemburgu**

Bejn it-12 u t-13 ta' Diċembru, il-Kunsill Ewropew kien iltaqa ġewwa l-Lussemburgu u kien ħa d-deċiżjonijiet meħtieġa biex ivara l-proċess tat-tkabbir, kif ukoll addotta riżoluzzjoni fuq il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika.

## Is-Sena 1998 tibda bil-Ftehim

Is-sena 1998 bdiet billi l-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għaddiet għand ir-Renju Unit. Fl-istess jum, kien daħal fis-seħħ il-ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Repubblika tal-Maċedonja li qabel kienet tagħmel parti minn dik li kienet il-Jugoslavja[184].

Fl-1 ta' Frar, kienu daħlu wkoll fis-seħħ il-ftehim li l-Unjoni Ewropea kienet għamlet ma l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja. Fl-1 ta' Marzu, kien imiss li jidħlu fis-seħħ il-ftehim ta' sħubija[185], (partnership) bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajina, kif ukoll il-ftehim Ewro-Mediterranju bejn l-Unjoni Ewropea u t-Tuneżija.

Dawn kollha huma ftehim oħra fis-sensiela ta' ftehim mill-Unjoni Ewropea ma **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrana**.

Meta wieħed jara dawn il-ftehim kollha anki ma' pajjiżi li qatt ma jistgħu jsiru membri ta' l-Unjoni Ewropea, possibbli li l-Unjoni Ewropea ma tiffirmax ftehim ma Malta li jkun jaqbel għat-tnejn minkejja li Malta ma tkunx membru tagħha?

**Jekk naslu f'din is-sitwazzjoni, l-Unjoni Ewropea tkun qiegħda turi bl-aktar mod ċar li riedet li Malta ssir membru biss biex tużaha bħala fortizza militari fuq il-fruntiera tagħha.**

**Irid il-poplu Malti li jerġa' jidħol għal dan il-madmad u għal dan il-periklu li ħeles minnu fil-31 ta' Marzu 1979 meta ingħalqet il-bażi militari Ingliża u telaq l-aħħar suldat barrani minn Malta u li jkollu joqgħod għal dan id-diktat tal-barrani kolonjalista minn Brussell?**

Ftakru li wieħed għaref kien qal li **"aħjar ħieles u ssuq il-ħnieżer, milli lsir u ssuq iż-żwiemel",** għax x'jiswa li tkun issuq iż-żwiemel jekk inti tkun lsir u ma tkunx tista' tagħmel li trid imma jkollu tobdi u tagħmel biss dak li jordnalek jew jippermettilek sidek?

X'jiswa li forsi tkun f'sitwazzjoni finanzjarja aħjar u jkollok aktar ġid milli qatt kellek qabel jekk inti ma tkunx tista' tagħmel li trid imma jkollok bilfors tagħmel, tobdi, u toqgħod għal dak li jordnalek ħaddieħor?

X'jiswa li jkollok il-ġid kollu tad-dinja jekk inti ma tkunx kmand f'darhek li jkollok tiftaħha għall-barranin kollha li jkollhom kull dritt li jiġu joqgħodu f'dahrek bla ma tkun tista' żżommhom?

Hawnhekk irrid infakkar lil dawk kollha li kienu raw il-film famuż Ben Hur dwar kif dak l-ilsir li kien salva l-ħajja ta' dak il-Ġeneral Ruman wara li kien għereq il-bastiment kien ippremjat billi kien addottat bħala ibnu u kien isuqlu ż-żwiemel tiegħu fit-tiġrijiet.

---

[184] Former Yugoslav Republic od Macedonia
[185] Partnership

Madankollu, huwa xorta baqa' marbut ma' familtu u ma' art twelidu u ried imur lura minkejja l-ġid li kien qiegħed jgħix fih u minkejja li ma kienx jaf jekk familtu kinux għadhom ħajjin u minkejja li kien jaf li f'pajjiżu kien se jsib il-faqar.

Mill-Unjoni Ewropea skond Prodi ma tistax titlaq, imma Prodi irid iqarraq għaliex is-sovranita' dejjem qegħda għand il-poplu li meta jrid jista' jiddeċiedi li jitlaq u ħadd u xejn ma jista' jżommu.

**Hawnhekk naraw li kemm jiswa l-ħelsien wieħed ikun jaf jekk jitilfu.**

**<u>Direttiva 98/5/EC</u>**

Din id-Direttiva[186] kompliet fuq Direttivi li kienu ħarġu qabel, fejn l-Avukati komplew jingħataw id-dritt li jmorru jaħdmu fi Stat Membru ieħor, kemm jekk bħala avukati li jimpjegaw lilhom infushom, jiġifieri self-employed, kif ukoll impjegati.

L-istess Direttiva tgħid li saret biex tiffaċilita' l-prattika tal-professjoni ta' Avukat fuq bażi permanenti fi Stat Membru barra dak li fih ikun ġab il-kwalifiki, kif ukoll dwar it-taħriġ u kwalifiki professjonali li jistgħu u jridu jużaw, u anki dwar gruppi ta' Avukati.

Avukati jistgħu jmorru f'kull Stat Membru ieħor u jaħdmu kemm ma avukati oħra, kumpaniji pubbliċi u privati, u jridu jingħataw l-istess drittijiet daqs iċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru. Huma għandhom dritt ukoll li jkunu rappreżentati f'għaqdiet professjonali ta' dak l-Istat Membru.

Jekk ikun hemm żewġ avukati jew iżjed minn Stat Membru ieħor, għandhom dritt il jagħmlu għaqda ta' avukati għalihom u jridu jiġu rikonoxxuti bilfors minn dak l-Istat Membru.

Kif wieħed jista' jara, ma hemm ebda xogħol jew professjoni li xi Stat Membru jista' ma jħallix li ssir minn ċittadin ta' Stat Membru ieħor fit-territorju tiegħu b'kompetizzjoni maċ-ċittadini tiegħu.

**<u>Konferenza Ewropea</u>**

Fit-12 ta' Marzu kienet inżammet Konferenza Ewropea ġewwa Londra, fir-Renju Unit, li fiha kienu ħadu sehem il-ħmistax-il Stat Membru u l-pajjiżi li kienu applikaw biex jissieħbu, waqt li fis-16 ta' Marzu, id-Drakma, li kienet il-munita Grieka, kienet iddaħħlet fil-mekkaniżmu tal-kambju tas-Sistema Monetarja Ewropea.

Dan kien ifisser li kienet ġiet stabbilita rata ta' kambju bejn il-munita Grieka u l-ewro li ma setgħetx tinbidel.

Kien ifisser ukoll li la darba tispiċċa l-munita Grieka u jiddaħħal l-ewro, il-kontroll fuq il-munita' jkun spiċċa darba għal dejjem minn idejn il-Greċja u għadda għand il-Bank Ċentrali Ewropew ġewwa Frankfurt, fil-Ġermanja, kif jgħaddu wkoll id-deheb u r-riservi barranin tagħha.

[186] Directive 98/5/EC 16.02.1998 OJL 777 14.03.1998 p36-43

## Il-Munita Ewro

Fil-25 ta' Marzu, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea addottat ir-rapport ta' konvergenza u rrakkomandat li 11-il Stat Membru jaddottaw il-munita Ewro fl-1 ta' Jannar 1999. Għalkemm il-munita kienet ġiet addottata, kien biss fl-2002 li din kienet bdiet tintuża miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Tajjeb li kulħadd ikun jaf li kull fejn iddaħħlet il-munita' ewro ta' l-Unjoni Ewropea, ikkawżat għoli kbir fil-prezzijiet kollha, tant li f'ħafna Stati Membri saru protesti billi f'jiem partikolari, iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ma xtraw xejn mill-ħwienet.

Jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea, ikollha bilfors tneħħi l-lira Maltija u ddaħħal bilfors il-munita ewro ta' l-Unjoni Ewropea.

Mhux biss, imma biex tagħmel hekk ikollna nagħmlu sagrifiċċji kbar I jfarrku liċ-ċittadini Maltin speċjalment lil ħaddiema biex nilħqu l-kriterji li kull Stat Membru jrid jilħaq qabel huwa jkun jista' jdaħħal il-munita ta' l-Unjoni Ewropea minflok il-munita tiegħu.

Laqgħa Ministerjali li kienet inżammet fit-30 ta' Marzu kienet varat il-proċess tad-dħul ta' l-10 pajjiżi applikanti mill-Ewropa Ċentrali u l-Ewropa tal-Lvant u Ċipru.

## Il-Każ Greenpeace

Il-każ Greenpeace[187] kien inqata mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea fit-2 ta' April 1998. Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea ma kinitx laqgħet l-Appell tal-Greenpeace li kienu weħlu l-ispejjes flimkien mal-Gvern Spanjol[188], u kienet iddeċidiet taħt liema kundizzjonijiet individwi jew assoċjazzjonijiet li jirrappreżentawhom setgħu jitolbu l-annullament ta' deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

Bejn it-3 u l-4 ta' April, kienet inżammet it-Tieni Laqgħa Għolja bejn l-Ewropa u l-Asja. Din il-laqgħa kienet saret ġewwa Londra, fir-Renju Unit.

## Il-Każ Kohll u Decker

Il-Każ Kohll[189] kontra Union des Caisses de Maladie[190] u Decker kontra Caisses de Maladie des Employes Prives[191] kienu nqatgħu mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea fit-28 ta' April.

---

[187] Judgment of the Court of 2 April 1998. Stichting Greenpeace Council (Greenpeace International) and Others v Commission of the European Communities. Appeal - Natural or legal persons - Measures of direct and individual concern to them. Case C-321/95 P.European Court reports 1998 Page I-01651

[188] THE COURT hereby:

1. Dismisses the appeal;
2. Orders the appellants to pay the costs;
3. Orders the Kingdom of Spain to bear its own costs.

[189] Judgment of the Court of 28 April 1998. Raymond Kohll v Union des caisses de maladie. Reference for a preliminary ruling: Cour de cassation - Grand Duchy of Luxemburg. Freedom to provide services - Reimbursement of medical expenses incurred in another Member State - Prior authorisation of the competent institution – Public health - Dental treatment. Case C-158/96. European Court reports 1998 Page I-01931

[190] **Operative part of the judgment**

Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea ddeċidiet li ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea jistgħu jmorru jieħdu kura medika jew servizz mediku fi Stat Membru ieħor u jingħataw l-ispejjeż li jkunu għamlu skond it-tariffi ta' dak l-Istat li fih ikunu assigurati li ma setgħux jirrifjutaw li jħallsuhom[192].

Il-Gvernijiet tal-Lussemburgu, il-Belġju, il-Ġermanja, Franza, Spanja u r-Renju Unit flimkien mal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea li kollha ntervenew fil-każ kellhom iħallsu l-ispejjeż tagħhom huma.

Huwa ċar daqs il-kristall għaliex intervenew ukoll il-gvernijiet ta' dawk l-Istati Membri, għaliex kull ċittadin tagħhom seta' jaqbad u jmur fi Stat Membru ieħor u jieħu s-servizzi li jkun jinħtieġ, imbagħad il-Gvern iħallas. Huma ma riedux li dan ikun jista' jsir għaliex l-ispejjeż kienu jħallsuhom huma.

Min-naħa tal-Kummissjoni, huwa wkoll ċar daqs il-kristall għaliex interveniet, għaliex għaliha t-territorju ta' l-Istati Membri huwa territorju wieħed. Dak ta' l-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant, hija tqis li kull ċittadin minn kull Stat Membri jista' jmur fi Stat Membru ieħor, jieħu s-servizzi li jkun jinħtieġ, imbagħad il-Gvern tiegħu jħallas.

Fid-29 ta' April, kien ġie ffirmat dak li huwa magħruf bħala l-Protokoll ta' Kjoto ġewwa Nju Jork, fl-Istati Uniti.

Tajjeb li nerġa' nfakkar li l-Istati Uniti kienet irtirat minn dan il-protokoll.

Il-President Bill Clinton kien aċċetta u ffirma dan il-Protokoll, waqt li l-President George Bush kien irtira lill-Istati Uniti minnhu.

## Il-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira fl-Irlanda

Fit-30 ta' April, kien intlaħaq il-ftehim tal-paċi bejn il-kattoliċi u l-protestanti fl-Irlanda, wieħed mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea. Dan il-ftehim kien baqa' magħruf bħala l-ftehim ta' paċi tal-Ġimgħa l-Kbira.

---

On those grounds, THE COURT, in answer to the questions referred to it by the Luxembourg Cour de Cassation by judgment of 25 April 1996, hereby rules:
Articles 59 and 60 of the EC Treaty preclude national rules under which reimbursement, in accordance with the scale of the State of insurance, of the cost of dental treatment provided by an orthodontist established in another Member State is subject to authorisation by the insured person's social security institution.

[191] Judgment of the Court of 28 April 1998. Nicolas Decker v Caisse de maladie des employés privés. Reference for a preliminary ruling: Conseil arbitral des assurances sociales - Grand Duchy of Luxemburg. Free movement of goods - Articles 30 and 36 of the EC Treaty - Reimbursement of medical expenses incurred in another Member State - Prior authorisation of the competent institution - Purchase of spectacles. Case C-120/95. European Court reports 1998 Page I-01831

[192] "THE COURT in answer to the question referred to it by the Conseil Arbitral des Assurances Sociales by decision of 5 April 1995, hereby rules:
Articles 30 and 36 of the EC Treaty preclude national rules under which a social security institution of a Member State refuses to reimburse to an insured person on a flat-rate basis the cost of a pair of spectacles with corrective lenses purchased from an optician established in another Member State, on the ground that prior authorisation is required for the purchase of any medical product abroad"

Minkejja dan il-ftehim, xorta waħda baqa' l-inkwiet fl-Irlanda ta' fuq li kif jaf kulħadd, kienet ġiet okkupata snin kbar ilu mill-Ingliżi. Hemmhekk kienu marru ħafna protestanti Ingliżi li wara li l-Irlandiżi kienu ġġieldu għall-indipendenza u l-ħelsien tagħhom, id-dixxendenti ta' l-Ingliżi kienu marru fit-Tramuntana ta' l-Irlanda u baqgħu taħt il-Gvern Ingliż.

Iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin għandhom jieħdu eżempju mill-każ ta' l-Irlanda għaliex jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea, kull ċittadin minn kull Stat Membru jkollu dritt li jiġi joqgħod hawnhekk, barra li jiġi jaħdem, u wara mhux biss ma nkunux nistgħu neħilsu minnhom, imma nsiru barranin f'darna stess kif ġralhom l-Irlandiżi.

L-Irlandiżi għalmenu kienu ġew sfurzati miċ-ċirkostanzi minħabba li kienu ġew invaduti bis-saħħa ta' l-armi, imma li aħna nagħtu s-sovranita' tagħna fuq platt tal-fidda lill-Unjoni Ewropea, u nħallu l-barranin minn kull Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea jiġu hawnhekk bid-drittijiet kollha daqsna biex xi ħadd iffissat jilħaq il-ġennata tiegħu biex iddaħħal ismu fl-istorja ta' Malta, inkunu għamilna agħar minn Ġuda u jkun ħaqqna kull disprezz u tmaqir minn uliedna u minn ulied uliedna li nkunu jassarnihom taħt il-ħakma tal-barrani minn Brussell.

## Il-Ftehim ta' Kartaġena

Fl-1 ta' Mejju, kien daħal fis-seħħ il-ftehim ta' qafas bejn l-Unjoni Ewropea u membri tal-Ftehim ta' Kartaġena. Dan il-ftehim ukoll juri kif l-Unjoni Ewropea tagħmel ma kull min ikun meħtieġ u huwa ftehim ieħor fis-sensiela ta' ftehim iffirmati mill-Unjoni Ewropea.

## Kunsill Speċjali u l-Ewro

Fit-3 ta' Mejju, Kunsill speċjali ddeċieda li 11-il Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea kienu jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jaddottaw il-munita waħda, jiġifieri l-ewro, fl-1 ta' Jannar 1999. Wara dik id-deċiżjoni, il-Kunsill kien addotta żewġ regolamenti fuq speċifikazzjonijiet tal-muniti ewro u d-dħul ta' l-ewro.

Il-Ministri u l-gvernaturi tal-Banek Ċentrali ta' l-Istati Membri addottaw il-munita ewro bħala l-munita waħda tagħhom.

Min-naħa tagħhom, il-Kummissjoni u l-Istitut Monetarju Ewropew għamlu l-kundizzjonijiet biex jiġu determinati **r-rati irrevokabbli, jiġifieri li qatt ma setgħu jinbidlu,** dwar ir-rata ta' tibdil, jiġifieri r-rata tal-kambju tal-muniti nazzjonali ma' l-ewro.

Anki f'dan il-qasam l-Istati Membri kien spiċċalhom id-dritt li jkomplu jagħmlu l-muniti tagħhom u kellhom idaħħlu l-munita ta' l-Unjoni Ewropea, jiġifieri l-ewro.

B'hekk, anki xi ftit kontroll li l-Istati Membri seta' kien għad baqalhom fuq il-munita nazzjonali u fuq id-deċiżjoni dwar ir-rati tal-kambju kienu spiċċawlhom għal kollox.

## Ratifika tat-Trattat ta' Amsterdam

Fis-7 ta' Mejju, il-Ġermanja kienet iddepożitat l-istrumenti tar-ratifika tagħha għat-Trattat ta' Amsterdam, waqt li l-Isvezja kienet iddepożitathom fil-15 tax-xahar. Ir-Renju Unit kien iddepożita l-istrumenti tar-ratifika tiegħu fil-15 ta' Ġunju, waqt li d-Danimarka ddepożitathom fl-24 ta' Ġunju.

Il-Finlandja kienet iddepożitat l-istrumenti tar-ratifika tagħha għat-Trattat ta' Amsterdam fil-15 ta' Lulju, waqt li l-Awstrija kienet iddepożitathom fil-21 ta' Lulju, l-Italja fl-24 ta' Lulju, u l-Irlanda fit-30 ta' Lulju. Il-Lussemburgu kien iddepożitahom fl-4 ta' Settembru, u fil-31 ta' Settembru kien imiss lill-Olanda li tiddepożita l-istrumenti ta' ratifika tagħha.

## Il-Każ Martinez Sala

Il-każ Martinez Sala kontra l-Freistat Bayern[193], li huwa Stat fil-Ġermanja, kien ġie deċiż mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea fit-12 ta' Mejju. Dan kien każ dwar il-ħlas taċ-Children Allowance lill-ħaddiema immigranti, jiġifieri li jkunu marru jaħdmu f'dak l-Istat Membru minn Stat Membru ieħor.

Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kienet iddecidiet li ċittadini ta' Stat Membru setgħu jistrieħu fuq iċ-ċittadinanza Ewropea tagħhom għall-protezzjoni kontra diskriminazzjoni fuq sisien ta' nazzjonalita' minn Stat Membru ieħor.

Huma ma setgħux jintalbu xi permess ta' residenza biex jingħataw l-allowance meta ċittadini ta' dak l-Istat Membru kienu biss meħtieġa li jkunu biss permanentament jew ordinarjament residenti hemmhekk[194].

---

[193] Judgment of the Court of 12 May 1998. Maria Martinez Sala v Freistaat Bayern. Reference for a preliminary ruling: Bayerisches Landessozialgericht - Germany. Articles 8A, 48 and 51 of the EC Treaty - Definition of 'worker' - Article 4 of Regulation (EEC) No 1408/71 - Child-raising allowance - Definition of 'family benefit'- Article 7(2) of Regulation (EEC) No 1612/68 - Definition of 'social advantage' - Requirement of possession of a residence permit or authorization. Case C-85/96. European Court reports 1998 Page I-02691

[194] "THE COURT, in answer to the questions referred to it by the Bayerisches Landessozialgericht by order of 2 February 1996, hereby rules:

1. A benefit such as the child-raising allowance provided for by the Bundeserziehungsgeldgesetz, which is automatically granted to persons fulfilling certain objective criteria, without any individual and discretionary assessment of personal needs, and which is intended to meet family expenses, falls within the scope ratione materiae of Community law as a family benefit within the meaning of Article 4(1)(h) of Council Regulation (EEC) No 1408/71 of 14 June 1971 on the application of social security schemes to employed persons, to self-employed persons and to members of their families moving within the Community, as amended and updated by Council Regulation (EEC) No 2001/83 of 2 June 1983, as amended by Council Regulation (EEC) No 3427/89 of 30 October 1989 and as a social advantage within the meaning of Article 7(2) of Council Regulation (EEC) No 1612/68 of 15 October 1968 on freedom of movement for workers within the Community.

2. It is for the referring court to determine whether a person such as the appellant in the main proceedings comes within the scope ratione personae of Article 48 of the EC Treaty and of Regulation No 1612/68 or of Regulation No 1408/71.

3. Community law precludes a Member State from requiring nationals of other Member States authorised to reside in its territory to produce a formal residence permit issued by the national authorities in order to receive a child-raising allowance, whereas that Member State's own nationals are only required to be permanently or ordinarily resident in that Member State."

L-ewwel ma jrid jingħad huwa li kull ċittadin ta' l-Istati Membri huwa meqjus li huwa wkoll ċittadin ta' l-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant, kif qalet il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea stess, dan ifisser li l-Unjoni Ewropea hija Stat Federali minħabba li ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri tagħha għandhom iċ-ċittadinanza tagħha, jiġifieri ta' l-Unjoni Ewropea, għaliex biex ikollok ċittadinanza trid bilfors tkun ċittadin ta' xi Stat jew pajjiż.

Mhux biss, imma s-superjorita' ta' din iċ-ċittadinanza joħroġ mill-fatt li l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea qalet li huma jistgħu jistrieħu fuq din iċ-ċittadinanza kontra Stat Membru ieħor.

Dan juri li l-Unjoni Ewropea u l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea jqisu ċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni Ewropea aqwa miċ-ċittadinanza mogħtija mill-Istati Membri.

Aktar minn hekk, dan ifisser li ċ-ċittadinanza li jagħtu l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea hija subordinata, jiġifieri taħt, u tiswa inqas miċ-ċittadinanza mogħtija mill-Unjoni Ewropea.

Fi kliem ieħor u biex nieħdu eżempju, huwa ovvju li l-fatt li inti forsi ċittadin tal-Mellieħa jew tan-Nadur jiswa inqas milli inti ċittadin Malti.

Fil-fatt, iċ-ċittadinanza tal-Mellieħa u tan-Nadur ma jiswew xejn, għax il-Mellieħa u n-Nadur m'humiex Stati, imma biss bliet f'Malta u f'Għawdex.

Daqshekk ġabithom jiswew lill-Istati Membri tagħha l-Unjoni Ewropea meta l-Qorti tagħha ddeċidiet li ċ-ċittadinanza Ewropea hija superjuri għaċ-ċittadinanza nazzjonali.

Dan ifisser li jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea, kull ċittadin minn kull Stat Membru jkun jista' jfittex lill-Gvern Malti fil-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea jekk, bħala eżempju, jkun applika għal xi xogħol f'Malta u dak ix-xogħol ikun ingħata lil ċittadin Malti u Għawdxi minflok ma jkun ingħata lilu.

L-istess jista jagħmel kull ċittadin minn kull Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea jekk ikun applika għal xi permess meħtieġ biex ikun jista' jaħdem bħala self-employed billi jiftaħ xi negozju ta' kull xorta u ma jingħatax permess waqt li ċittadin Malti jingħata permess.

Dan ikunu jistgħu jagħmluh minħabba li ċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni Ewropea tkun aqwa miċ-ċittadinanza Maltija u tkun qiegħda tagħtihom dak id-dritt.

Huwa ċar daqs il-kristall li kull ħaddiem Malti, kemm dawk impjegati kif ukoll dawk li jħaddmu lilhom infushom se jkunu mhedda bi sħubija fl-Unjoni Ewropea.

Mhux biss, imma huma jkunu jridu jingħataw l-istess drittijiet u servizzi soċjali daqs iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin għax inkella tkun qed issir diskriminazzjoni magħhom.

Għamlu għomorkom u żmienkom ħallsu l-bolla li l-Gvern Nazzjonalista qiegħed jeħdilkom lira minn kull għaxra tal-paga għaliha, biex imbagħad jiġu ċ-ċittadini

barranin mill-Unjoni Ewropea u jpoġġu fil-periklu l-pensjoni u s-servizzi soċjali kollha għax tkun trid tagħtihom l-istess bħal ma tagħti liċ-ċittadini Maltin u Għawdxin.

Bejn il-15 u s-17 ta' Mejju, kienet saret Laqgħa Għolja tal-G8 ġewwa Birmingam, fir-Renju Unit.

**Ikomplu Jonqsu d-Drittijiet ta' l-Istati Membri**

Fil-25 ta' Mejju naraw aktar drittijiet jonqsu mingħand l-Istati Membri fit-tkomplija tal-mixja lejn Stat Federali Ewropew meta l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea kien addotta pożizzjoni komuni fuq id-drittijiet tal-bniedem, prinċipji demokratiċi, ir-regola tal-liġi u ggvernar tajjeb fl-Afrika.

Wieħed irid jara l-pożizzjoni komuni mhux mill-għanijiet li għalihom tkun saret, għaliex għalkemm wieħed jaqbel ma dawn l-għanijiet imsemmija, il-fatt li istituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea kienet addottat pożizzjoni komuni jfisser li l-Unjoni Ewropea kienet iddeċidiet il-pożizzjoni li kellhom jieħdu l-Istati Membri li ma jibqalhomx id-dritt li jieħdu xi pożizzjoni oħra.

Din m'hija xejn ħlief deċiżjoni minn Stat federali li l-Istati Membri tiegħu jridu jobdu bilfors.

**Il-Bank Ċentrali Ewropew**

Fis-26 ta' Mejju kienet ittieħdet deċiżjoni mportanti minħabba li l-Gvernijiet ta' l-Istati Membri li kienu se jaddottaw il-munita ewro kienu ħatru bi qbil bejniethom il-President, il-Viċi-President u l-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew li kien twaqqaf uffiċjalment fl-1 ta' Ġunju, jiġifieri ħamest' ijiem wara.

Wieħed irid iqis li l-Bank Ċentrali Ewropew li jinsab fi Frankfurt, fil-Ġermanja, jiddeċiedi dwar dak kollu li l-Banek Ċentrali ta' l-Istati Membri jridu jagħmlu u l-Banek Ċentrali kif ukoll il-Gvernijiet ta' l-Istati Membri ma jistgħux ma jobdux dak kollu li jkunu ordnati jagħmlu.

Fil-fatt, fl-2001, l-Irlanda ma tħallietx tagħmel l-estimi[195] tagħha kif kienet tinħtieġ minħabba li kien hemm inflazzjoni qawwija fl-Irlanda, u kellha tibdel l-estimi tagħha kif riedet l-Unjoni Ewropea minkejja li dan kien qiegħed joħloq tbatijiet kbar għaċ-ċittadini u u kumpaniji Irlandiżi.

Anki Stati Membri oħra inġibditilhom widnejhom biex jimxu ma dak li kien stabbilit mill-Unjoni Ewropea. Daqshekk jibqgħu sovrani l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea.

**Emendi għar-Raba' Konvenzjoni ta' Lome'**

Fl-1 ta' Ġunju, kien daħal fis-seħħ ftehim li kien sar aktar qabel biex jemendaw ir-Raba' Konvenzjoni ta' Lome' wara li kienet ġiet eżaminata f'nofs iż-żmien tagħha[196],

[195] Budget
[196] Mid-term review

inkluż ukoll protokoll li jirregola d-dħul ta' l-Afrika tan-Nofs in-Nhar[197] fil-Konvenzjoni.

## Il-Problema tad-Droga

Il-problema tad-droga madwar id-dinja tant kibret li anki l-Ġnus Magħquda ħasset li kellha tagħmel xi ħaġa. Għaldaqstant, bejn it-8 u l-10 ta' Ġunju, kienet saret sessjoni speċjali ta' l-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda ġewwa Nju Jork fejn kienu ġew mitħaddta l-problemi maħluqa mid-drogi.

Wieħed jista' jsejjaħ il-problema tad-droga bħala l-pesta ta' zminijietna, minħabba li qed tħalli miljuni ta' nies speċjalment żgħażagħ minn madwar id-dinja kollha vittmi tagħha waqt li dawk li jmexxuha jimpalaw il-biljuni tal-liri minn fuq il-vittmi tagħhom.

Hawnhekk irrid infakkar li minn meta tneħħew il-fruntieri bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, kemm il-kriminalita' ġenerali kif ukoll u speċjalment il-problema tad-droga splodew 'il fuq fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

L-istess jiġri f'Malta jekk insiru membri ta' l-Unjoni Ewropea minħabba li kull ċittadin minn kull Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea, inklużi l-kriminali u t-traffikanti tad-drogi, jkollu dritt li jibqa' dieħel bla ebda xkiel u bla ma ħadd ikun jista' jżommu.

## Kunsill Ewropew Ġewwa Cardiff

Bejn il-15 u s-16 ta' Ġunju, kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Cardiff, fir-Renju Unit. Il-Kunsill kien għamel l-elementi essenzjali għall-istrateġija ta' l-Unjoni Ewropea għal aktar riformi ekonomiċi biex itejjbu t-tkabbir[198], il-prosperita', l-impjiegi[199] u l-inklużjoni soċjali[200].

Minn dawn l-elementi ta' strateġija wieħed jara diversi affarijiet.

L-ewwel nett hemm referenza għal riformi li kienu meħtieġa biex itejjbu t-tkabbir, fis-sens ta' tkabbir ekonomiku.

Dan ifisser li t-tkabbir ekonomiku fl-Unjoni Ewropea m'huwiex dak li jippruvaw ibellgħu liċ-ċittadini Maltin u Għawdxin l-iffissati bl-Unjoni Ewropea, imma huwa inqas minn dak ta' pajjiżi oħra bħal ma hija l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

Wieħed jara wkoll li l-prosperita' kienet 'il bogħod, tant li l-Kunsill kellu jagħmel dawk l-elementi essenzjali ta' strateġija biex forsi jersqu ftit qribha.

L-istess jista' jingħad għall-impjiegi li minn kemm ilha li twaqqfet il-Komunita' Ewropea u issa l-Unjoni Ewropea dejjem kienu waħda mill-akbar problemi minħabba l-politika ħażina tagħha ta' suq wieħed f'kollox, inkluż is-suq ta' l-impjiegi.

---

197 South Africa
198 Further economic reform to promote growth
199 Jobs
200 Social inclusion

**Inklużjoni Soċjali**

Dwar l-inklużjoni soċjali, wieħed jara li minkejja l-għanijiet li suppost qed jaqblu fuqhom l-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea, hemm esklużjoni soċjali, kemm minħabba li bil-politika ħażina ta' l-Unjoni Ewropea kibret id-differenza bejn il-klassijiet soċjali, kif ukoll minħabba li ċittadini barranin minn Stat Membru li jmorru fi Stat Membru ieħor qegħdin jiġu esklużi, jiġifieri magħtuha barra mis-soċjeta' u miċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru li jkunu marru fih.

Kif jista' jkun mod ieħor, meta ċ-ċittadini fi Stat Membru jaraw lil dawn iċ-ċittadini li jkunu marru għandhom minn Stati Membri, oħra jeħdulhom djarhom, xogħolhom, ħobżhom u ħobż il-familji tagħhom, għax jaċċettaw pagi u kundizzjonijiet ta' xogħol inqas milli jkollhom huma u b'hekk mhux biss ifarrkuhom, imma jfarrkulhom dak kollu li jkunu kisbu u bnew b'tant sagrifiċċji matul żmien twil ta' ħidma u tbatija flimkien ma' l-għaqdiet tal-ħaddiema biex jiksbu d-drittijiet tagħhom?

Kif jista' jkun mod ieħor jekk jaraw li wara snin twal ta' ħlasijiet ta' flejjes għall-assigurazzjoni nazzjonali biex huma jkunu jistgħu jieħdu l-pensjoni meta jirtiraw, kif ukoll servizzi soċjali oħra inklużi s-servizzi tas-saħħa, isibu li dawn is-servizzi huma mhedda minħabba li ċittadini minn kull Stat Membru ieħor li jkunu marru joqgħodu hemmhekk ikunu jridu jingħataw u jkollhom l-istess drittijiet għas-servizzi soċjali kollha daqshom, u għaldaqstant ikunu ta' theddida għas-servizzi soċjali kollha minħabba l-piż ġdid li jkollhom jerfgħu?

Kif jista' jkun mod ieħor jekk huma jaraw is-servizz edukattiv jintefgħu piżijiet oħra fuqu li jkollhom jagħmlu tajjeb għalihom b'żjiediet fit-taxxi minħabba li ċittadini ta' Stati Membri oħra jkunu jridu jingħataw l-istess drittijiet għat-tagħlim mhux biss daqshom, imma jkunu iridu jingħataw ukoll it-tagħlim ta' l-ilsien u tal-kultura tal-ġenituri tagħhom bla ħlas?

Tajjeb li wieħed ikun jaf li l-Gvern Nazzjonalista diġa' rranġa l-liġi u ħareġ ir-regolamenti[201] meħtieġa biex tfal ta' ħaddiema immigranti jingħataw it-tagħlim ta' l-ilsien u tal-kultura tal-ġenituri tagħhom bla ħlas fl-iskejjel Maltin u Għawdxin li għalih se jħallsu ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin mit-taxxi tagħhom.

Hawnhekk iridu jsiru xi osservazzjonijiet.

L-ewwel nett, għalkemm dan huwa meħtieġ li jsir bilfors bil-liġi ta' l-Unjoni Ewropea, ifisser ukoll li l-Gvern Nazzjonalista jaf li tassew ġejjin ħaddiema barranin minn Stati Membri oħra jaħdmu f'Malta jekk Alla ħares qatt insiru membri

It-tieni, l-ilsna u l-kulturi differenti li hemm fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jfisser li ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin mit-taxxi tagħhom se jkollhom iħallsu biex jinġiebu għalliema barranin minn dawn l-Istati Membri, għaliex m'hemmx dubju li mhux se jinstabu għalliema Maltin u Għawdxin li jkunu kapaċi jgħallmu dawk l-ilsna u l-kultura kollha tal-ġenituri ta' dawn it-tfal.

---

[201] Avviż Legali 259 ta' l-2002 ippubblikat fis-Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern Nru 17,288 tat-13 ta' Settembru, 2002, pagni B4247 sa B4248, Att Dwar l-Edukazzjoni (Kap 327), Regolamenti ta' l-2002 dwar l-Edukazzjoni tat-Tfal ta' Ħaddiema migratorji

Għaldaqstant, iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin mhux biss se jittiħdulhom djarhom, xogħolhom, ħobżhom u ħobż il-familji tagħhom minn dawn il-ħaddiema barranin mill-Unjoni Ewropea, imma kif jgħidu t-Taljani, sopra corne bastonata, iridu jħallsu mit-taxxi tagħhom għat-tagħlim ta' dawn it-tfal tal-ħaddiema barranin.

Ara dawn l-affarijiet kollha qed jinħbew miċ-ċittadini Maltin u Għawdxin mill-kelliema tal-Gvern Nazzjonalista u l-akkolti tiegħu għax inkella ma jivvutawlhomx biex Malta terġa' ssir kolonja tal-barrani.

**<u>Tħassib mill-Kunsill</u>**

Il-Kunsill identifika' wkoll toroq konkreti biex iqarrbu l-Unjoni Ewropea lejn il-popli, waqqaf linji ta' gwidi u żmien għal aktar negozjati għall-Aġenda 2000, u vara dibattitu fuq żmien twil fuq aktar żvilupp ta' l-Unjoni.

Anki dan il-fatt juri kif l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha tant huma bogħod miċ-ċittadini, tant ilha ssir kritika li l-istituzzjonijiet jiddeċiedu bla ma jagħtu ebda leħen liċ-ċittadini tagħha, li fl-aħħar anki l-istess istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea bħal ma huwa l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, beda juri tħassib dwar dan il-bogħod ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea miċ-ċittadini tagħha.

Qiegħed ngħid miċ-ċittadini tagħha u mhux miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, għaliex kif għedt aktar qabel, skond dak li kienet iddeċidiet il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea fil-każ Martinez Sala maqtugħ fit-12 ta' Mejju, jiġifieri xahar qabel, iċ-ċittadinanza Ewropea, jiġifieri ta' l-Unjoni Ewropea hija aqwa minn dik ta' l-Istati Membri tagħha.

Fit-18 ta' Ġunju, il-Qorti ta' l-Awdituri kienet ippubblikat rapport speċjali dwar l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea tal-politika ta' l-Unjoni Ewropea u azzjoni dwar il-kontaminazzjoni ta' l-ilma.

**<u>Il-Konvenzjoni ta' Aarħus</u>**

Fil-qasam internazzjonali, fil-25 ta' Ġunju kienet ġiet iffirmata l-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika tal-Ġnus Magħquda għall-Konvenzjoni fuq l-Aċċess għall-Informazzjoni Ambjentali, Parteċipazzjoni Pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u Aċċess għall-Ġustizzja f'Affarijiet Ambjentali kienet ġiet iffirmata ġewwa Aarħus, fid-Danimarka[202]. Għaldaqstant, din hija magħrufa bħala l-konvenzjoni ta' Aarħus.

**<u>Il-Każ Mary Brown</u>**

Il-każ Mary Brown kontra Rentokil Ltd.[203] kien deċiż mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea fit-30 ta' Ġunju.

---

[202] United Nationa Economic Commission for Europe Convention on Access to Environmental Information, Public Participation in decision-making and Acess to Justice in Environmental Matters

[203] Judgment of the Court of 30 June 1998 Mary Brown v Rentokil Ltd. Reference for a preliminary ruling: House of Lords - United Kingdom Equal treatment for men and women - Dismissal of a pregnant woman - Absences due to illness arising from pregnancy Case C-394/96.European Court reports 1998 Page I-04185

Mary Brown kienet taħdem ma' Rentokil u kienet tkecciet minħabba li kienet ħadet jiem ta' leave aktar milli kien hemm stipulat fil-kuntratt għaliex kienet tqila.

Il-każ kien wasal fil-House of Lords, u minħabba li kif diġa' għedt aktar qabel, fejn ikun hemm Qorti jew Tribunal li minnu ma jkunx jista' jsir appell u titqajjem l-eċċezzjoni li dak id-dritt ikun ingħata mil-liġi ta' l-Unjoni Ewropea, il-każ irid jintbagħat quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea għal deċiżjoni preliminari.

Għaldaqstant, il-House of Lords kellha tibgħat dan il-każ quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

Wieħed irid jiftakar li dan ifisser li kull Qorti ta' kull Stat Membru hija subordinata, jiġifieri tiġi taħt, u jkollha tobdi dak kollu li tordnalha l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

Daqstant jibqgħu **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** l-Istati Membri u l-Qrati tagħhom fl-Unjoni Ewropea.

Wara li eżaminat il-każ imressaq quddiemha, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kienet iddeċidiet li kien kontra l-liġi ta' l-Unjoni Ewropea li mara titkeċċa mix-xogħol matul it-tqala tagħha.

Il-każ irid jittieħed mhux mill-aspett li ma ssirx diskriminazzjoni man-nisa, li hija ħażina u turi kif l-Istati Membri kienu għadhom sa ftit ilu jiddiskriminaw kontrihom minkejja li kienu ilhom snin twal bħala membri, imma jrid jittieħed mill-aspett li l-Unjoni Ewropea, il-liġi ta' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea huma kollha aqwa u fuq kull liġi ta' kull Stat Membru.

Qed taraw kemm jibqgħu **Indipednenti, Ħielsa u Sovrani** l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea?

Osservazzjoni oħra li trid issir hija li dawn huma kollha indikazzjonijiet mill-aktar ċari li l-Unjoni Ewropea hija Stat Federali Ewropew bl-istituzzjonijiet federali tagħha jiddeċiedu u jikkmandaw dak kollu li jridu jagħmlu l-Istati Membri, eżatt kif kienu ppjanaw il-federalisti internazzjonali bit-twaqqif ta' Stat Federali Ewropew bl-isem ta' Unjoni Ewropea bħala l-Istati Uniti ta' l-Ewropa.

Ara hawn Malta, in-nisa Maltin u Għawdxin ma kellhomx għalfejn jistennew li Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea jew li l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea tiddeċiedi dawn l-affarijiet, għaliex il-Gvern Laburista kien ilu ħafna snin li kien tahom dan id-dritt.

Fil-fatt, jekk wieħed jara ftit l-Att Dwar l-Impjiegi, jiġifieri dik li aktar hija magħrufa bħala ĊERA, isib li l-Gvern Laburista kien tagħhom dan id-dritt meta kien emenda din il-liġi.

Fl-1981, il-Gvern Laburista kien emenda ċ-ĊERA u daħħal il-leave tat-tqala permezz ta' emenda għall-Artiklu 18[204].

[204] **18.** (1) Meta fit-13 jew wara t-13 ta' April, 1981, il-ħlas ta' impjegata *whole-time* ikun mistenni matul l-impieg tagħha, dik l- impjegata jkollha jedd għal *leave* għal maternità b'paga sħiħa jekk, għall-inqas tliet ġimgħat qabel ma jibda dak il-*leave*, jew, jekk dan ma jkunx b'mod xieraq prattikabbli, kemm jista' jkun malajr, tagħti avviż bil-miktub lill-prinċipal tagħha li hi se tkun assenti mix- xogħol

Skond Artiklu 34 (5)[205] dwar l-għoti tan-notice tat-tmiem ta' mpjieg, notice ta' tmiem ta' mpjieg ma setgħetx tingħata waqt il-perjodu tat-tqala.

Skond Artiklu 34 (14)(ċ)[206] impjegata ma setgħetx titkeċċa jekk tiżżewweġ, u skond Artiklu 34 (14)(d)[207], impjegata ma setgħetx titkeċċa minħabba li tkun tqila.

Barra minn hekk, Artiklu 34 (17)[208] ma kienx iħalli li mpjegata tingħata s-sensja matul il-leave tat-tqala tagħha sa ħames ġimgħat wara li twelled, u skond Artiklu 34 (19) kienet intitolata wkoll li tmur fl-istess xogħol jew f'xogħol bħalu jekk il-post ma jkunx għadu disponibbli meta' terġa' tidħol lura għax-xogħol[209].

Dan biex ma nsemmmux iż-żieda ta' l-għoli tal-ħajja[210] li kien il-Gvern Laburista li emenda l-liġi biex tingħata lil aktar nies, anzi lil kulħadd, u mhux kif kienet qabel li min kellu s-saħħa jiżdied u min ma kellux kien jibqa' billi jkollu, kif ukoll il-bonus li kien iddaħħal mill-Gvern Laburista fl-1976[211] u li kellu jingħata lil kull impjegat f'Ġunju u f'Diċembru ta' kull sena.

Ara fl-Unjoni Ewropea la għandhom bonus li jrid jitħallas b'liġi u kien fis-sena 1998 li l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea iddeċidiet li mara ma tistax titkeċċa waqt it-tqala

---

minħabba dak il-ħlas, u, flimkien ma' dak l-avviż tipproduċi ċertifikat mediku iffirmat li juri d-data li fiha jkun mistenni l-ħlas:.."

[205] Iżda l-avviż tat-temm ta' impieg ma jistax jingħata matul il-leave għal maternità jew matul il-perijodu ta' inkapaċità għax- xogħol li għalih jirreferi is-subartikolu (17) ta' dan l-artikolu.

[206] Iżda prinċipal ma jistax iġib bħala raġuni tajba u biżżejjed- (ċ) illi impjegat ikun iżżewweġ

[207] Iżda prinċipal ma jistax iġib bħala raġuni tajba u biżżejjed- (*d*) illi impjegata tkun tqila b'tarbija;

[208] (17) Impjegata *whole-time* ma tistax tintbagħat mill-prinċipal matul il-perijodu tal-*leave* għal maternità tagħha jew il-perijodu ta' ħames ġimgħat wara dak il-*leave* li matulu ma tkunx tista' taħdem minħabba kondizzjoni patoloġika li tinqala' mill-ħlas.

[209] (19) L-impjegata jkollha, meta jintemm il-*leave* għal maternità li għaliħ għandha jedd taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew il-perijodu ta' inkapaċità tagħha għax-xogħol li għalih jirreferi is-subartikolu (17) ta' dan l-artikolu, jedd li terġa' tidħol għax-xogħol fil-post li kienet tokkupa meta beda l-*leave* għal maternità tagħha, jew f'post analogu jekk fiż-żmien meta hekk ikollha l-jedd il-post li qabel kienet tokkupa ma jkunx għadu disponibbli.

[210] Żieda dwar 1-għoli tal-ħajja. Miżjud: I. 1977.3. Emendat: XXXIII. 1977.3. **16.** (1) Meta tingħata mill-Gvern lill-impjegati *whole-time* kollha tiegħu żieda ġenerali fil-pagi u dik iż-żieda tkun dikjarata mill-Ministru b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern li tkun ta' applikazzjoni ġenerali għall-impjegati *whole-time* kollha, kull prinċipal għandu jżid il-pagi ta' kull wieħed mill-impjegati *whole-time* fl-impieg tiegħu b'ammont ekwivalenti jew li jikkorrispondi għaż-żieda mogħtija mill-Gvern lill-impjegati tiegħu b'effett mid-data li fiha ż-żieda mogħtija mill-Gvern dwar l-impjegati tiegħu jkollha effett…

[211] Ħlas ta' *bonus*. Miżjud: XLIII. 1975.3. Sostitwit: XII. 1976.3. **29.** (1) Kull prinċipal għandu jħallas, jew jara li jitħallas, lil kull wieħed mill-impjegati *whole-time* tiegħu, bejn il-15 u t-30 tax-xahar ta' Ġunju u bejn il-15 u t-23 tax-xahar ta' Diċembru ta' kull sena, *bonus* fil-forma ta' somma ta' flus li, f'kull każ, ma tkunx inqas minn nofs dik li l-Gvern ikun avża, fl-estimi ġenerali ta' kull sena partikolari, li sejjer iħallas lil kull wieħed mill-impjegati tiegħu matul dik is-sena:

Iżda, meta xi persuna tkun impjegata *whole-time* ma' xi prinċipal partikolari għal żmien ta' mhux inqas minn tletin jum iżda inqas minn tnax-il xahar bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru ta' xi sena, dak l-impjegat ikollu dritt li jirċievi mingħand il-prinċipal tiegħu, jew mingħand kull wieħed mill-prinċipali tiegħu, proporzjon ta' l-ammont tal-*bonus* li jkollu jitħallas skond dan l-artikolu, kalkolat fuq in-numru ta' ġranet f'kull impieg bħal dak:

Iżda wkoll kull perijodu ta' impieg li ma jikkwalifikax matul l-ewwel sitt xhur ta' xi sena għandu jingħadd ma' kull perijodu ta' impieg ma' l-istess prinċipal matul it-tieni sitt xhur ta' dik is-sena għall-fini tal-perijodu ta' impieg ta' kwalifika u l-ammont totali tal-*bonus* li jkollu jitħallas lil dak l-impjegat dwar il-totali ta' dak l-impieg għandu jitħallas bejn il-15 u t-23 ta' Diċembru ta' dik is-sena, minkejja li l-ammont totali tal-*bonus* li jkollu hekk jitħallas ikun iżjed mill-ammont normali ta' *bonus* li jkollu jitħallas dwar it-tieni sitt xhur ta' dik is-sena.

tagħha, waqt li l-Gvern Laburista ma kellux ħtieġa li jiġi ordnat mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea biex jagħti dan id-dritt lin-nisa Maltin u Għawdxin sa minn dawn is-snin kollha.

Dan ifisser biss li n-nisa Maltin u Għawdxin ilhom igawdu drittijiet mogħtija mill-Gvern Laburista ħafna qabel xi wħud mid-drittijiet, jiġifieri u fosthom li ma jitkeċċewx waqt it-tqala, ingħataw lin-nisa fl-Unjoni Ewropea u ġew infurzati.

Daqshekk huma fuq quddiem in-nisa fl-Unjoni Ewropea.

**<u>Jidħlu fis-Seħħ aktar Ftehim</u>**

Mill-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea kienet għaddiet għand l-Awstrija. Fl-istess jum, kien daħlu fis-seħħ il-ftehim temporanju[212] mal-Messiku fuq il-kummerċ u affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ, il-ftehim ta' sħubija[213] u kooperazzjoni mal-Moldova u l-ftehim ta' kooperazzjoni mal-Jemen.

Dawn il-ftehim kollha juru li jista' jkun hemm ftehim ma' l-Unjoni Ewropea li jkun jaqbel għat-tnejn bla ma ssir membru tagħha, u tibqa' **Indipendenti, Ħieles u Sovran** bla ma ċċedi s-sovranita' tiegħek u bla ma jkollok toqgħod għall-ordnijiet mogħtija lilek minn Brussell, kif ukoll bla ma tagħti dritt liċ-ċittadini tagħha li jiġu jaħdmu u joqgħodu f'Malta u f'Għawdex bl-istess drittijiet taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin u jieħdu xogħol u ħobż iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin kollha.

**<u>Aktar Karti mill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea</u>**

Fit-22 ta' Lulju, il-Kummissjoni kompliet bil-prattika tagħha li toħroġ il-karti, din id-darba kien imiss Karta dwar il-pożizzjoni[214] fuq il-ħlasijiet fl-infrastruttura tat-trasport, u komunikazzjoni fuq il-miżuri li kellhom jittieħdu biex ma jiġix iffalsifikat l-ewro.

Il-fatt li l-Kummissjoni kienet ħarġet karta dwar it-trasport ifisser li anki l-ħlasijiet fis-settur tat-trasport kienu se jibdew jiġu regolati mill-Unjoni Ewropea.

Dan ifisser li anki kemm titħallas liċenzja u affarijiet oħra fis-settur tat-trasport kienu se jibdew jiġu regolati mill-Unjoni Ewropea u kull Stat Membru jkollu jobdihom bilfors.

**Din ukoll hija waħda mir-raġunijiet għaliex il-Gvern Nazzjonalista kellu bilfors jgħid baxx baxx li se jkollhom jogħlew il-liċenzji fis-settur tat-trasport, li se jfisser mhux biss li qiegħed jobdi l-ordnijiet kollha ta' l-Unjoni Ewropea, imma s-sewwieqa se jkollhom jibdew iħallsu liċenzji li jilħqu l-mijiet ta' liri fis-sena.**

Dan se jkompli jgħolli mhux biss l-ispejjes tat-trasport, imma l-ħajja kollha minħabba li l-prodotti jridu jittieħdu bit-trasport mix-xatt.

---

[212] Interim agreement
[213] Partnership
[214] Approach

Għaldaqstant, l-għoli tat-trasport u tal-ħajja se jkollhom ibatuh u jħallsuh il-konsumaturi għaliex ħadd ma jippretendi li jbatuh is-sewwieqa.

Dan huwa l-futur bl-istilel li qed joffru l-Partit Nazzjonalista u l-Unjoni Ewropea liċ-ċittadini Maltin u Għawdxin.

## Il-Ġlieda Kontra l-Frodi

Fit-22 ta' Lulju, il-Qorti ta' l-Awdituri kienet ippubblikat rapport speċjali dwar id-dipartimenti tal-Kummissjoni li kienu mdaħħla fil-ġlieda kontra l-frodi, l-aktar l-iskwadra għall-Koordinazzjoni ta' Prevenzjoni tal-Frodi[215].

Wieħed ma jiskantax li sar dan ir-rapport speċjali u li jkun hemm aġenziji u skwadri kontra l-frodi fl-Unjoni Ewropea, meta l-istess Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea kienet akkużata b'korruzzjoni u nepotiżmu tant li kellha tirriżenja.

Issa reġa' hemm akkużi minn xejn inqas mill-Kap Awditur Marta Andreasson u l-Qorti ta' Awdituri li s-sistema tal-kontijiet tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea tħalli ħafna lok għal abbuż.

Andreasson lanqas ma ingħatat l-irċevuti li talbet biex tkun tista' teżamina l-kontijiet, u minflok ma ttieħdu passi biex is-sitwazzjoni tiġi rranġata, hija qalgħet kundanni mill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea għax kixfet dawn l-affarijiet.

Jista' xi ħadd jibqalu fiduċja fil-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea u f'istituzzjonijiet oħra tagħha meta jara dawn l-affarijiet u akkużi ta' korruzzjoni?

Infakkar ukoll fil-mijiet u eluf ta' miljuni li jisparixxu kull sena, flejjes miġbura mit-taxxi taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri tagħha, li jisparixxu bla ebda traċċa.

Tajjeb li nerġa' nfakkar li l-Qorti ta' l-Awdituri ilha mill-1994 ma tapprova l-kontijiet tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea għaliex ma ingħatatx l-irċevuti u d-dokumenti li talbet biex tkun tista' tara li kollox huwa skond ir-regoli, u minkejja li għamlet diversi suġġerimenti u tat diversi pariri dwar kif tista' titjieb is-sitwazzjoni, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea baqgħet qatt ma għamlet xejn.

Tgħid għalfejn il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea qatt ma ħadet il-pariri u s-suġġerimenti tal-Qorti ta' l-Awdituri u ma tridx li tirranġa s-sistema biex ma jkunx jista' jsir, jew għallinqas jitnaqqsu ċ-ċansijiet li jkun jista' jsir frodi?

## Tidħol fis-Seħħ il-Konvenzjoni Ewropol

Fl-1 ta' Ottubru kienet daħlet fis-seħħ il-Konvenzjoni ta' Kontra d-Drogi tal-Pulizija Ewropea, jiġifieri l-Ewropol[216], waqt li Karta oħra kienet ġiet addottata mill-Kummissjoni fuq il-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni u l-piraterija fis-suq wieħed[217] fil-15 ta' Ottubru.

---

[215] Unit for the Coordination of Fraud Prevention
[216] Europol Anti-drugs convention
[217] Green Paper on combating counterfeiting and piracy in the single market

Waqt li wieħed jaqbel li m'għandux ikun hemm falsifikazzjoni u piraterija ta' affarijiet u marki li ħaddieħor ikollu d-dritt ta' privattivi u/jew proprjeta' industrijali fuqhom, din trid tittieħed mill-aspett li Stat Membru ma jibqalhux aktar id-dritt li jiddeċiedi huwa fuq l-aħjar liġijiet li huwa jidhirlu li jistgħu jagħtu l-aktar protezzjoni, imma jkollu jdaħħal il-liġijiet skond kif tordna l-Unjoni Ewropea.

Daqshekk jibqgħu **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea.

Hawnhekk tajjeb li nfakkar ukoll kif l-Unjoni Ewropea għamlet att ta' piraterija meta serqet il-bandiera tagħha mingħand il-Kunsill ta' l-Ewropa li kien sar qabilha u li ma għandu x'jaqsam xejn magħha.

Sewwa jgħid il-qawl Malti li "**Il-qaħba milli jkollha tagħtik**".

## Aktar Żviluppi

Bejn l-24 u l-25 ta' Ottubru, kienet saret laqgħa informali bejn il-Kapijiet ta' Stat jew Gvern ta' l-Istati Membri, liema laqgħa kienet saret ġewwa Portschach, fl-Awstrija.

Fl-4 ta' Novembru, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea addottat ir-rapporti dwar il-progress tal-pajjiżi li kienu applikaw biex jissieħbu.

Fl-10 ta' Novembru, kienet saru laqgħat fil-livell ta' Ministri tal-konferenzi tad-dħul ma' Ċipru, il-Polonja, l-Estonja, ir-Repubblika Ċeka u s-Slovenja.

Bejn il-11 u t-13 ta' Novembru, kienet saret ir-raba' konferenza tal-partijiet fil-Konvenzjoni Qafas[218] fuq it-Tibdil fil-Klima tal-Ġnus Magħquda, liema konferenza kienet saret ġewwa Buenos Aires, fl-Arġentina.

## Eżami mill-Qorti ta' l-Awdituri

Fis-16 ta' Novembru, il-Qorti ta' l-Awdituri ppubblikat rapport speċjali fuq l-ivvalutar jew l-eżaminar[219] ta' l-interventi tal-Fond Strutturali għall-perjodi bejn l-1989 - 1993 u l-1994 - 1999.

Dan ifisser li dawn il-fondi kienu qed jiġu eżaminati biex jaraw jekk kienx sar kollox sewwa skond ir-regolamenti, għaliex mijiet ta' miljuni ta' ewros jisparixxu kull sena fl-Unjoni Ewropea bla ma jkun hemm l-ebda ħjiel fejn marru.

## Karta fuq il-Frekwenzi

Karta oħra mar-ruxxmata karti addottati mill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea kienet ġiet addottata mill-Kummissjoni fid-9 ta' Diċembru, din id-darba fuq il-politika dwar il-frekwenzi[220].

[218] Framework Convention
[219] Assessment
[220] Green Paper on policy concerning frequencies

Dan ifisser li waqt li l-frekwenzi normalment kienu jiġu negozjati fl-Għaqda Internazzjonali tat-Telekomunikazzjonijiet fejn kull Stat kien iħares l-interessi tiegħu, l-Unjoni Ewropea kienet miexja lejn il-pożizzjoni fejn tkun hija jew l-istituzzjonijiet tagħha li jiddeċiedu x'għandu jsir u kif il-frekwenzi jiġu wżati fl-Istati Membri tagħha.

Dan ukoll kien pass ieħor li juri l-mixja ta' l-Unjoni Ewropea biex tieħu l-kontroll ta' kull qasam mingħand l-Istati Membri tagħha, eżatt kif jagħmel Stat Federali, u l-Istati Membri jagħmlu biss kif ikun iddeċieda l-Istat Federali, fil-każ tagħna, l-Unjoni Ewropea.

Fl-istess jum, il-Qorti ta' l-Awdituri kienet ippubblikat rapport speċjali dwar l-iffinanzjar tal-Komunita' ta' ċerti miżuri li kienu ttieħdu bħala riżultat tal-marda tal-baqra l-miġnuna, flimkien mat-tweġibiet tal-Kummissjoni.

## Kunsill Ewropew ġewwa Vjenna

Bejn il-11 u t-12 ta' Diċembru, kien inżamm Kunsill Ewropew ġewwa Vjenna, fl-Awstrija. Il-Kunsill kien addotta l-linji ta' gwida dwar l-impjiegi għas-sena 1999, iddeċieda li jsaħħah il-proċess ta' konverġenza tal-politika ta' mpjiegi bil-ħsieb ta' patt tax-xogħol Ewropew, għamel arranġamenti speċjali għar-rappreżentazzjonijiet barranin ta' l-ewro, approva pjan ta' azzjoni għat-twaqqif ta' qasam ta' ħelsien, sigurta' u ġustizzja u qabel fuq strateġija għax-xogħol ta' l-Unjoni fl-1999.

## Linji ta' Gwida Għall Impjiegi

Ħalli naraw dawn l-affarijiet waħda waħda. Il-Kunsill addotta l-linji ta' gwida dwar l-impjiegi għas-sena 1999, iddeċieda li jsaħħah il-proċess ta' konverġenza tal-politika ta' mpjiegi bil-ħsieb ta' patt tax-xogħol.

Dan ifisser biss li l-impjiegi fl-Istati Membri m'għadhomx jiġu regolati mill-Istati Membri kif jaqbel lilhom, imma jridu jkunu konformi mar-regoli ta' l-Unjoni Ewropea.

Innutaw li l-fatt li kien iddeċieda li jsaħħah il-proċess ta' konverġenza tal-politika ta' mpjiegi jfisser li l-liġijiet ta' l-Istati Membri riedu jkomplu jitqarrbu lejn xulxin sakemm isiru kollha l-istess.

Dan ma kienx se jkompli jsir għalxejn, imma skond il-Kunsill, sar bil-ħsieb ta' patt tax-xogħol Ewropew. Huwa ċar daqs il-kristall fejn riedu jaslu.

Il-fatt li ħaddiema li minn kull Stat Membru għandhom kull dritt li jmorru jfittxu x-xogħol u jaħdmu f'kull Stat Membru ieħor bla ma xi Stat Membru ieħor ikun jista' jfixkilhom ma kienx biżżejjed, imma riedu li jsir patt tax-xogħol Ewropew.

Wieħed jiftakar fil-kawżi dwar id-dritt ta' kull xorta ta' ħaddiema li minn kull Stat Membru għandhom kull dritt li jmorru jfittxu x-xogħol u jaħdmu f'kull Stat Membru ieħor bla ma xi Stat Membru ieħor ikun jista' jfixkilhom.

Il-kawżi u l-każi li semmejt f'dan il-ktieb huma biss qatra f'oċean ħdejn il-kawżi li saru quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

## Arranġamenti Għall-Ewro

X'ried iżjed il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea? Il-Kunsill ried jagħmel arranġamenti speċjali għar-rappreżentazzjonijiet barranin ta' l-ewro.

Dan bir-raġun, għaliex ebda Stat Membru ma jista' jagħmel rappreżentazzjonijiet barranin ta' l-ewro, għaliex l-ewro ma huwa l-munita ta' ebda Stat Membru, imma huwa l-munita' ta' l-Istat Federali Ewropew, l-Unjoni Ewropea.

## Pjan ta' Azzjoni

Il-Kunsill approva wkoll pjan ta' azzjoni għat-twaqqif ta' qasam ta' ħelsien, sigurta' u ġustizzja.

Dan ifisser li l-Istati Membri mhux biss kien spiċċalhom id-dritt li jieħdu deċiżjonijiet u azzjoni skond kif ikun jaqbel lilhom, imma l-istess Unjoni Ewropea jew istituzzjoni tagħha kienu qed jagħmlu pjan ta' azzjoni huma li l-Istati Membri jridu jobdu bilfors.

Daqshekk jibqgħu **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea. L-istituzzjonijiet tagħha jiddeċiedu u jordnaw, u l-Istati Membri jobdu dak kollu li l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea jkunu ddeċidew.

## Rapport Speċjali dwar in-Nisa

Fis-16 ta' Diċembru, il-Qorti ta' l-Awdituri kienet ippubblikat rapport speċjali dwar l-immaniġġar mill-Kummissjoni tal-miżuri ta' implimentazzjoni biex imexxu 'l quddiem opportunitajiet l-istess għall-irġiel u n-nisa[221], flimkien mat-tweġibiet tal-Kummissjoni.

Minn dawn l-affarijiet wieħed jara li waqt li f'Malta l-Gvern Laburista ilu żmien twil li ġab lin-nisa daqs l-irġiel, u anki ħa passi biex jirriserva ċerti postijiet f'Bordijiet għal-numru ta' nisa biex iħġeġġiġhom jimxu aktar 'il quddiem, l-Unjoni Ewropea għadha tara kif dawn l-affarijiet tista' tagħmilhom.

Fil-31 ta' Diċembru, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea kien iffissa r-rati irrevokabbli[222], jiġifieri li ma setgħux jinbidlu, dwar ir-rati tal-kambju tal-muniti nazzjonali tal-11 l-Istat Membru u l-ewro.

[221] Equal opportunities for men and women
[222] Irrevocable conversion rates

## Is-Sena 1999

Mill-1 ta' Jannar tas-sena 1999, il-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għaddiet għand il-Ġermanja. Fl-istess jum kien ġie varat uffiċjalment l-ewro. L-Awstrija, il-Belġju, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda, il-Portugall u Spanja addottaw l-ewro bħala l-munita' nazzjonali tagħhom.

Dan kien ifisser li dawn l-Istati Membri kienu bdew u daħlu fil-proċess biex jispiċċaw darba għal dejjem il-muniti tagħhom u jibqa' biss il-munita Ewro, liema munita kienet daħlet fiċ-ċirkolazzjoni fl-1 ta' Jannar 2002.

Kien ifisser ukoll li l-Istati Membri kien spiċċalhom darba għal dejjem id-dritt li għandu kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran**, li joħorġu l-munita tagħhom, liema dritt għadda biss għand l-Unjoni Ewropea.

**Kienu jew ma kinux qed jintlaħqu, pass wara l-ieħor, l-għanijiet tal-federalisti internazzjonali biex titwaqqaf l-Unjoni Ewropea bħala Stat Federali Ewropew u bħala l-Istati Uniti ta' l-Ewropa?**

Hawn ta' min ifakkar li r-Renju Unit, id-Danimarka u l-Isvezja ma kinux addottaw il-munita ewro u għadhom hekk sal-lum.

Madankollu, il-pajjiżi applikanti kollha inkluża Malta jridu jaddottaw il-munita ewro **bilfors** għax m'għandhomx għażla.

Dan ifisser li minħabba li hemm ċerti kriterji dwar il-finanzi ta' Stat Membru qabel dan ikun jista' jdaħħal l-ewro, l-Istati Membri l-ġodda se jkollhom jagħmlu dak kollu li jiġu ordnati jagħmlu mill-Bank Ċentrali Ewropew u istituzzjonijiet oħra ta' l-Unjoni Ewropea biex iġibu s-sitwazzjoni finanzjarja u ta' l-estimi tagħhom fil-kriterji meħtieġa biex ikunu jistgħu jdaħħlu l-ewro.

**L-Unjoni Ewropea tista' tordna li jdaħħlu taxxi, jitnaqqas l-infieq tal-Gvern speċjalment fis-servizzi soċjali, u affarijiet oħra biex itejjbu l-finanzi tagħhom qabel idaħħlu l-ewro.**

Dan l-indħil jibqa' anki wara li jsiru membri, tant li wieħed jista' jfakkar l-indħil ta' l-Unjoni Ewropea fl-estimi, jew kif jafuh xi wħud, il-budget, ta' l-Irlanda, li kellha tbiddilhom minkejja l-inflazzjoni li kellha u għandha, jiġifieri l-għoli tal-prezzijiet, li kienet u għadha qed tfarrak lill-poplu Irlandiż.

## Aktar Ratifiki għat-Trattat ta' Amsterdam

Fil-5 ta' Jannar, kien imiss lill-Spanja li tiddepożita l-istrumenti ta' ratifika tat-Trattat ta' Amsterdam, waqt li fis-17 ta' Frar, kien imiss lill-Belġju. Fit-22 ta' Marzu, il-Portugall kien iddepożita l-istrumenti ta' ratifika, waqt li l-għada kien imiss lill-Greċja u fit-30 ta' Marzu kien imiss lill-Franza.

Fit-12 ta' Jannar, minħabba l-attakki fuq il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea dwar korruzzjoni u nepotiżmu, Jacques Santer li kien il-President tagħha kien talab vot ta'

fiduċja tal-Parlament Ewropew. Fit-18 ta' Jannar, Jan Karlsson kien inħatar bħala l-President tal-Qorti ta' l-Awdituri.

**Il-Każ Calfa**

Fid-19 ta' Jannar, il-Qorti kienet qatet il-każ Calfa kontra l-Greċja[223]. Tajjeb li naraw ftit dan il-każ għaliex juri li anki fejn ikun hemm każ ta' droga, ċittadin ta' l-Unjoni Ewropea ma jistax jitkeċċa għal għomru minn Stat Membru ieħor għaliex dan imur kontra l-liġi ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan il-każ huwa każ numru C 348/96, u kien jittratta dwar proċeduri kriminali kontra Donatella Calfa, u kien referenza mill-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni Grieka għal deċiżjoni preliminari mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea.

Minħabba li dan il-każ kien ta' drogi u kien jaffettwa lill-Istati Membri, kienu ntervenew fil-każ il-Gvernijiet ta' Franza, l-Olanda u r-Renju Unit.

Il-liġi Grieka[224] kienet timponi priġunerija fuq persunu li jkollhom id-drogi anki għall-użu personali, inkluża l-ħaxixa, kif ukoll li tipprojbixxi li persuni barranin li jkunu nqabdu bid-drogi għal għomorhom milli jerġgħu jidħlu fit-territorju Griek, ħlief għal raġunijiet serji bħal ma huma li jkollhom il-familja hemmhekk. Kien hemm differenzi fit-trattament bejn ċittadini Grieki u ċittadini barranin.

Calfa kienet inqabdet bid-drogi u ġiet issentenzjata għal tliet xur ħabs, u kienet ipprojbita għal għomorha milli tidħol fil-Greċja.

Fil-25 ta' Settembru 1995, hija appellat quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni Grieka u argumentat li l-provvedimenti għaċ-ċittadinanza Ewropea, partikolarment Artiklu 8 u 8a tat-Trattat, u l-provvediment dwar il-ħelsien li tipprovdi servizz skond Artiklu 59 tat-Trattat ma kinux iħallu Stat Membru milli jaddotta miżura li tkeċċi ċittadin ta' Stat Membru ieħor għal għomru mit-territorju tiegħu jekk l-istess miżura ma kinitx tapplika għaċ-ċittadini tiegħu.

Hawnhekk saret referenza għad-Direttiva 64/221/EEC dwar il-koordinazzjoni ta' miżuri speċjali dwar il-moviment u residenza ta' ċittadini ta' Stat Membru li jmorru u joqgħodu fi Stat Membru li huma ġustifikati fuq sisien ta' ordni pubblika, sigurta' pubblika u saħħa pubblika.

Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea qalet li għalkemm il-liġi kriminali kienet risponsabbilta' ta' l-Istati Membri (illum l-Unjoni Ewropea għandha wkoll il-liġi kriminali tagħha li tirregola ċerti aspetti tal-liġi kriminali kif ukoll għandha l-mandat ta' arrest Ewropew) il-liġi ta' l-Unjoni Ewropea kienet tagħmel ċerti limiti fuq il-poter tagħhom u ma kinitx tħalli li l-liġi kirminali tagħhom tagħmel restrizzjonijiet fuq id-drittijiet fundamentali garantiti bil-liġi tal-Komunita'.

[223] Donatella Calfa v Greece Judgment of the Court of 19 January 1999 Criminal proceedings against Donatella Calfa Reference for a preliminary ruling: Areios Pagos - Greece Public policy - Tourist from another Member State - Conviction for drug use - Exclusion for life from a Member State's territory Case C-348/96 European Court reports 1999 Page I-00011

[224] Artiklu 12(1) u 17(1) u 17(2) Liġi 1729/1987, kif emendat bl-Artiklu 14 tal-liġi of numru 216/1993

Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kompliet tgħid li l-liġi Grieka li kienet tkeċċi għal għomorhom ċittadini ta' Stati Membri oħra għax ikunu nqabdu bid-drogi kienet tikkostitwixxu ostaklu għall-ħelsien li tipprovdi servizz taħt Artiklu 59 tat-Trattat minħabba li tiċħad dak il-ħelsien.

Għaldaqstant, il-liġi Grieka ma setgħetx tipprovdi li tkeċċi ċittadini ta' Stati Membri oħra għal għomorhom mit-territorju Griek minħabba li jkunu nqabdu bid-drogi. Hekk iddeċidiet il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea u hekk ikollu jsir.

Kien għal din ir-raġuni, fost raġunijiet oħra, li l-Gvern Nazzjonalista kien bidel il-liġi Maltija u neħħa li ċittadini barranin li jinqabdu bid-droga f'Malta kienu bilfors jeħlu sitt xhur ħabs, għax kien jaf li hemm dan il-każ u minħabba li ried jidħol fl-Unjoni Ewropea kien jaf li kellu jibdel il-liġi u kien ħataf l-okkazjoni meta kienet inqabdet dik it-tfajla barranija bid-drogi fl-ajruport.

Jista' jkollok ipokrezija ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea akbar minn hekk meta' min-naħa jgħidu li jridu jagħmlu gwerra kontra d-droga, imbagħad jiddeċiedu li jekk ċittadin minn Stat Membru jinqabad fi Stat Membru ieħor bid-drogi, dak l-Istat Membru li jkun inqabad fih ma jkunx jista' jkeċċih għal għomru. X'ma tikbirx u tisplodi l-problema tad-drogi fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Daqshekk jibqgħu **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea meta lanqas ma jkunu jistgħu jkeċċu għal għomorhom ċittadini ta' Stati Membri oħra li jkunu nqabdu bid-droga fit-territorju tagħhom.

## Aktar Karti mill-Kummissjoni

Fl-20 ta' Jannar, il-Kumissjoni ta' l-Unjoni Ewropea kompliet bil-prattika tagħha li toħroġ ruxxmata karti. Il-Karta li ħarġet din id-darba kienet dwar l-informazzjoni fuq is-settur pubbliku f'soċjeta' ta' nformazzjoni[225].

Huwa għalhekk li l-Gvern Nazzjonalista għaddej bil-ġirja ta' dik li sejjaħ e-government, biex jimxi ma' dak li tordna l-Unjoni Ewropea u mhux għax tassew ried li jiffaċilita' l-għoti tas-servizzi liċ-ċittadini Maltin u Għawdxin.

Sebgħat'ijiem wara, jiġifieri fis-27 ta' Jannar, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea reġgħet addottat Karta oħra, din id-darba fuq il-Kummerċ[226]. Fl-1 ta' Frar, kien daħal fis-seħħ ftehim ieħor fis-sensiela ta' ftehim li l-Unjoni Ewropea dejjem għamlet ma Stati oħra, din id-darba bejn l-Unjoni Ewropea u s-Slovenja.

## Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Kummissjoni

Fil-11 ta' Marzu, l-Kumissjoni ta' l-Unjoni Ewropea kienet ippubblikat il-kodiċi ta' kondotta jew etika għall-Membri tal-Kummissjoni u r-relazzjonijiet bejn il-Kummissarji u d-dipartimenti tal-Kummissjoni.

[225] Green Paper on public sector in the informazzjoni society
[226] White Paper on Commerce

Dan minħabba l-attakki u l-akkużi ta' tberbieq ta' flus bla ebda rendikont fejn mijiet u eluf ta' miljuni jisparixxu bla ebda traċċa kull sena, ta' korruzzjoni, u ta' nepotiżmu kontinwi li dejjem kien hemm kontra l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

Fil-fatt, minħabba dawn l-akkużi ta' korruzzjoni u nepotiżmu u wara li kien ġie ppubblikat rapport mill-Kumitat ta' Esperti Indipendenti fuq allegazzjonijiet ta' frodi, il-Kummissjoni kollha kienet irriżenjat fil-15 ta' Marzu.

## Il-Każ tal-Ġobon Feta[227]

Fis-16 ta' Marzu, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kien annulla r-reġistrazzjoni ta' l-isem "Feta" bħala isem ta' oriġini protett.

Il-Feta huwa l-isem ta' kwalita' ta' ġobon Griek li l-Greċja qalet li kien ilu jsir mijiet ta' snin sa mis-seklu sbatax meta kienet taħt l-influwenza ta' Venezja. Dan il-ġobon huwa magħmul mill-ħalib tan-nagħaġ jew taħlita ta' ħalib tan-nagħaġ u mogħoż.

Il-Greċja kienet talbet biex l-isem "Feta" jiġi reġistrat bħala isem protett, jiġifieri tkun tista' tużah biss il-Greċja għall-ġobon magħmul fil-Greċja. Il-Kummissjoni kienet aċċettat it-talba tal-Greċja u kienet irreġistrat dan l-isem.

Id-Danimarka, il-Ġermanja u Franza kienu bdew jipproduċu wkoll dan il-ġobon, jużaw l-istess isem, u jużaw anki ħalib tal-baqar minflok tan-nagħaġ u l-mogħoż, u għalhekk fetħu kawża kontra l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea biex tħassar dan l-isem għaliex argumentaw li dak ma setgħax jiġi reġistrat għaliex kien sar isem ġeneriku.

B'isem ġeneriku riedu jfissru li dak kien bħal ma ngħidu aħra, ġobon tat-toqba, ġobon tal-ħakk, ġobon tal-boċċa ħamra, gobon tat-tursina u ismijiet oħra bħalhom minflok ma ngħidu l-isem tiegħu proprja, li jkunu jindikaw il-kwalita' u mhux il-post fejn isir, jew il-metodu biex isir, jew l-affarijiet li bihom isir.

Il-Greċja kienet tħalliet tidħol fil-każ, kemm għaliex kellha kull interess, kif ukoll minħabba li biex l-isem "Feta" kien ġie reġistrat, waħda mill-kundizzjonijiet kienet li dan ried isir minn ħalib li jkun ġej biss mill-Maċedonia (fil-Greċja), Thrace, Epirus, Thessaly, il-Grecja ċentrali, Peloponnese u Lesbos'.

Tajjeb li jingħad ukoll li hawnhekk ma kienx biss l-isem li kien fil-kwistjoni, imma kien hemm ukoll fin-nofs is-sussidju li kien jingħata fuq il-ħalib, u għalhekk kien hemm ukoll interess finanzjarju mhux biss mill-bejgħ tal-ġobon, imma anki fuq is-sussidju tal-ħalib.

Wara li kkunsidrat l-argumenti miġjuba mill-partijiet fil-kawża, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea ddeċidiet li tħassar ir-regolament tal-Kummissjoni li permezz tiegħu kien ġie

[227] Judgment of the Court of 16 March 1999 Kingdom of Denmark, Federal Republic of Germany and French Republic v Commission of the European Communities Council Regulation (EEC) 2081/92 - Commission Regulation (EC) No 1107/96 – Registration of geographical indications and designations of origin - 'Feta'. Joined cases C-289/96, C-293/96 and C-299/96 European Court reports 1999 Page I-01541

rreġistrat l-isem "Feta" u ordnat lill-Kummissjoni tħallas l-ispejjeż u lill-Greċja biex tħallas l-ispejjeż tagħha[228].

Dan ifisser li jekk, biex nieħdu eżempju, jekk l-Għawdxin kien bi ħsiebhom jirreġistraw l-isem **"ġbejniet moxxi"** u **"ġbejniet tal-bżar"** biex fabbriki fi Stati Membri oħra ma jkunux jistgħu jsemmu l-prodotti tagħhom bl-istess ismijiet, huma ma jkunux jistgħu għaliex bl-istess mod li l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kienet iddeċidiet li l-isem "feta" ma jistax jintuża mill-Grieki biss, hekk ukoll tiddeċiedi dwar il-ġbejniet Maltin u Għawdxin.

Dan ifisser li jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea, Stati Membri oħra mhux biss ikunu jistgħu jagħmlu ġbejniet moxxi u ġbejniet tal-bżar bl-istess metodi li jsiru mill-Għawdxin u jbiegħuhom f'Malta u f'Għawdex stess, imma jkunu jistgħu anki jużaw l-istess ismijiet kif nafuhom hawn Malta.

Ara dawn l-affarijiet ma jingħadux liċ-ċittadini Maltin u Għawdxin mill-kelliema tal-Gvern Nazzjonalista u l-akkolti tiegħu biex iħalluhom fil-għama għaliex inkella ma jivvutawlhomx biex jerġgħu jġibu lil Malta kolonja tal-barrani minn Brussell.

## Kunsill Ewropew Speċjali

Bejn l-24 u l-25 ta' Marzu, Kunsill Ewropew speċjali kien iltaqa ġewwa Berlin, fil-Ġermanja. Waqt dan il-Kunsill, kien intlaħaq qbil fuq Aġenda 2000, kien iddeċieda li Romano Prodi kellu jinħatar bħala l-President il-ġdid tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea, kien talab lill-Prodi biex jaċċetta l-ħatra bħala President tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea wara li dik ta' qabel kienet irriżenjat minħabba korruzzjoni u nepotiżmu[229], kif ukoll ġew addottati żewġ stqarrijiet fuq il-Kosovo.

Kienu ġew addottati dikjarazzjonijiet oħra dwar il-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani u t-tkabbir, kif ukoll ġie approvat il-ftehim ta' kummerċ u kooperazzjoni ma' l-Afrika tan-Nofs in-nhar.

## It-Tielet Konferenza Ewro-Mediterranja

Bejn il-15 u s-16 ta' April, kienet saret it-Tielet Konferenza Ewro-Mediterranja ġewwa Stuttgart, fil-Ġermanja. Il-Libja kienet attendiet għall-ewwel darba bħala mistiedna speċjali tal-Presidenza.

Il-Ministri qablu li jagħtu imbuttatura ġdida għas-sħubija f'kull waħda mit-tliet oqsma, jiġifieri il-politika u s-sigurta'[230], ekonomika u finanzjarja[231], soċjali, kulturali

[228] THE COURT hereby:
1. Annuls Commission Regulation (EC) No 1107/96 of 12 June 1996 on the registration of geographical indications and designations of origin under the procedure laid down in Article 17 of Council Regulation (EEC) No 2081/92 to the extent to which it registered `Feta' as a protected designation of origin;
2. Orders the Commission of the European Communities to pay the costs;
3. Orders the Hellenic republic to bear its own costs.

[229] Nepotiżmu tfisser li jingħataw postijiet, kuntratti u affarijiet oħra lil nies minħabba li jkunu jiġu minn jew ikunu tal-qalba ma min ikun fis-setgħa, jew għax ikunu ħbieb jew ħbieb tal-ħbieb

[230] Political and security

[231] Economic and financial

u tal-bniedem[232], li kienu identifikati fil-Konferenza ta' Barċelona, itejjbu partikolarment il-kooperazzjoni intra-reġjonali u sub-reġjonali[233] u l-parteċipazzjoni ta' operaturi mhux governmentali[234] fl-attivitajiet li jsiru[235].

Qed taraw kif anki l-Unjoni Ewropea trid taħdem u tagħmel ftehim ma' pajjiżi tal-Mediterran fuq diversi oqsma minkejja li mhux il-pajjiżi kollha tal-Mediterran jistgħu jissieħbu bħala membri fl-Unjoni Ewropea?

**Pożizzjoni Komuni mill-Kunsill**

Fit-23 ta' April, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea addotta pożizzjoni komuni u regolament u pprojbixxa l-provvista u l-bejgħ taż-żejt u prodotti taż-żejt lir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja.

Il-fatt li l-Unjoni Ewropea ordnat lill-Istati Membri tagħha biex ma jbiegħux dawn il-prodotti lir-Repubblika tal-Jugoslavja juri kif l-Istati Membri kienu tilfu kull ħjiel ta' sovranita', mhux biss li jiddeċiedu kif ikunu jridu r-relazzjonijiet tagħhom ma' Stati oħra, imma ukoll meta kellhom jobdu din l-ordni ta' l-Unjoni Ewropea meta din l-ordni ma kinitx ħarġet mill-Ġnus Magħquda.

Saru biss sempliċi Stati fi Stat Federali li jkollhom joqgħodu għall-ordnijiet kollha mogħtija lilhom mill-istituzzjonijiet federali.

Għalkemm issa l-Istati Membri ma jistgħu jagħmlu xejn għax ikollhom joqgħodu bilfors għall-ordnijiet ta' l-Unjoni Ewropea sakemm jiddeċiedu li joħorġu minnha, il-Gvern Nazzjonalista biex juru kemm lest jobdi u jilgħaq lill-Unjoni Ewropea f'kollox kien ukoll obda din l-ordni maħruġa għall-Istati Membri meta din l-ordni kienet ħarġet biss mill-Unjoni Ewropea u mhux mill-Ġnus Magħquda kif suppost.

Il-Gvern Nazzjonalista waqqa' fl-art wiċċ iċ-ċittadini kollha denji li jissejjħu Maltin u Għawdxin kif għadu jwaqqalhom wiċċhom fl-art sal-lum.

Tliet ijiem wara, fis-26 ta' April, il-Kunsill kien addotta azzjoni flimkien li tipprovdi għajnuna għall-ilqugħ u r-ripatrijazzjoni volontarja, jiġifieri li jintbagħtu lura, ir-refuġjati, persuni spustati u dawk li kienu qed ifittxu refuġju, inklużi dawk li kienu ħarbu mill-Kosovo.

Fl-istess jum, il-Kunsill addotta wkoll deċiżjoni li kienet tħalli l-Qorti ta' l-Ewwel Istanza, li hija wkoll parti mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea, li f'ċerti ċirkostanzi, tagħti deċiżjonijiet meta tkun kostitwita minn Imħallef wieħed f'każijiet li jaqgħu fil-kompetenza tagħha.

[232] Social, cultural and human
[233] Inter-regional and sub-regional
[234] Non-governmental operators
[235] Activities undertaken

## Karta' mill-Kummissjoni fuq il-Kompetizzjoni

Fit-28 ta' April, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea addottat Karta oħra, din id-darba fuq il-modernizzazzjoni tar-regoli li jimplimentaw Artikli 85 u 86 tat-Trattat EC.

Tajjeb li tkunu tafu li dawn l-Artikli kienu ddaħħlu kważi kelma b'kelma mill-Gvern Nazzjonalista bħala Artikli 5 u 9 fl-Att dwar il-Kompetizzjoni[236] biex juri kemm tassew irid jilgħaq lill-barrani.

## Aktar Passi lejn il-Federaliżmu

It-Trattat ta' Amsterdam kien daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, waqt li fil-5 ta' Mejju, il-Parlament kien approva n-nomina ta' Romano Prodi bħala President tal-Kummissjoni.

Fit-28 ta' Mejju, il-President tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea kien ippreżenta lill-Kunsill tal-Ministri tal-Ġustizzja b'numru ta' proposti u idejat fuq il-futur tas-sistema ġuridika ta' l-Unjoni Ewropea.

Kif wieħed jista' jara, is-sistema ġuridika ta' l-Istati Membri u ta' l-Unjoni Ewropea kienet qed tiġi eżaminata biex jaraw kif jistgħu jittieħdu aktar setgħat mingħand l-Istati Membri biex mhux biss jingħataw lill-Unjoni Ewropea u l-Qorti tagħha, imma wieħed irid jiftakar li kienet qed issir ħidma kbira biex jiddaħħal, kif fil-fatt issa ddaħħal, il-mandat ta' arrest Ewropew.

Permezz ta' dan il-mandat, l-awtoritajiet ta' kull Stat Membru jistgħu jintalbu jarrestaw kull persuna li tkun jinsab fit-territorju tiegħu u jibgħatuha fi Stat Membru ieħor biex twieġeb għal akkużi bla ma jsiru ebda proċeduri ta' estradizzjoni għaliex l-Unjoni Ewropea tqis it-territorju ta' l-Istati Membri bħala area legali waħda, dik tagħha.

**Dan ifisser li la l-Qorti u lanqas il-Ministru ta' xi Stat Membru ma jkunu jistgħu ma jħallux lil dik il-persuna li tintbagħat fi Stat Membru ieħor.**

**Din hija Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita' li jibqalhom l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.**

## Ħafna Żviluppi Matul Ġunju

Bejn it-3 u l-4 ta' Ġunju, kien iltaqa l-Kunsill Ewropew ġewwa Cologne, fil-Ġermanja.

Il-Kunsill kien addotta l-ewwel strateġija komuni ta' l-Unjoni Ewropea, li kienet dwar ir-Russja, u ħareġ dikjarazzjonijiet fuq il-Kosovo u fuq it-tisħiħ tal-politika barranija u ta' sigurta' komuni, u nnomina lill-Javier Solana Madariaga bħala r-Rappreżentant Għoli[237] għall-politika barranija u ta' sigurta komuni[238] u Segretarju Ġenerali tal-Kunsill.

---

[236] Att XXXI tal-1994
[237] High Representative
[238] Common Foreign and Security Policy CFSP

Il-Kunsill addotta wkoll il-Patt ta’ l-Impjiegi Ewropew[239], għamel il-pjan għall-konferenza intergovernmentali li kien imiss u għamel ukoll il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta’ l-Unjoni Ewropea[240].

Tajjeb li wieħed ifakkar li Javier Solana Madariaga li kien inħatar bħala r-Rappreżentant Għoli għall-Politika Barranija qabel kien ukoll is-Segretarju Ġenerali tan-NATO.

Il-mixja lejn il-militarizzazzjoni ta’ l-Unjoni Ewropea bil-ħatra ta’ Javier Solana Madariaga kif ukoll bl-armata tagħha tidher mill-aktar ċara.

Barra minn hekk, il-fatt li kienu għamlu Patt ta’ l-Impjiegi Ewropew ifisser kemm li l-problema kbira tan-nuqqas ta’ xogħol kienu u għadhom s’issa ma sabux tarfa, kif ukoll li l-fatt li huwa Patt ta’ Mpjiegi Ewropew ifisser li l-Istati Membri m’humiex ħielsa li jieħdu l-passi li jkunu meħtieġa skond iċ-ċirkostanzi tagħhom biex itaffu l-problema tal-qagħad, imma kellhom jimxu skond il-pjan li kien addottat mill-Kunsill.

L-Istati Membri lanqas fil-qasam tax-xogħol ma għadhom **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** li jieħdu deċiżjonijiet skond kif ikun jaqblilhom, u hawnhekk irrid infakkar fil-kriżi kbira li hemm fi Sqallija fejn aktar minn tmint’elef impjegat tal-FIAT se jitkeċċew bla ma l-Gvern Taljan tħalla jagħti xi forma ta’ għajnuna lill-FIAT biex il-ħaddiema ma jitkeċċewx.

Daqshekk taħraqhom qalbhom għall-ħaddiema il-mexxejja ta’ l-Unjoni Ewropea.

Fl-10 ta’ Ġunju, kienu saru l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fir-Renju Unit, l-Olanda u d-Danimarka. L-għada kienu saru fl-Irlanda. Fit-13 tax-xahar l-istess l-elezzjonijiet kienu saru fl-Awstrija, fil-Belġju, fi Spanja, fil-Finlandja, fi Franza, fil-Ġermanja, fil-Greċja, fl-Italja, fil-Lussemburgu, fil-Portugall u fl-Isvezja.

## Il-Kunsill u d-Diossina

Fl-14 ta’ Ġunju, il-Kunsill ippreżenta l-konklużjonijiet tiegħu fuq il-kontaminazzjoni ta’ ċertu ikel bid-diossina fil-Belġju[241]. Wieħed irid jiftakar li kienu nqatlu skoss tiġieġ wara li kien instab li kienu kontaminati bid-diossina li hija kimika li tqabbad il-kankru.

Din hija kimika li diġa kienet ġrat disgrazzja biha ġewwa Seveso fl-Italja meta fabbrika kienet ikkontaminat medda art kbira, in-nies f’dawk l-inħawi kellhom jiġu evakwati, u kienu ntefqu miljuni ta’ liri biex l-inħawi kontaminati jiġu mnaddfa.

Madankollu, ħadd ma jaf jekk verament kienux tnaddfu sewwa, tant li kien hemm rapporti li f’dawk l-inħawi kien hemm aktar nies li mardu bil-kankru minn inħawi oħra.

Il-kimiċi perikolużi jinstabu f’ħafna affarijiet, u jinħadmu l-aktar f’pajjiżi li jkunu għadhom qed jiżviluppaw.

---

[239] European Employment Pact
[240] European Charter of Fundamental Rights
[241] Tiġieġ

Anki fl-Indja kienet saret disgrazzja fejn wara spluzzjoni ġewwa fabbrika Amerikana tal-kimiċi ġewwa Bhopal, fl-Indja, kienet ikkawżat imwiet u tbatijiet kbar fuq ħafna nies oħra li baqgħu jbatu mill-effetti tal-kimika.

Il-kumpanija Amerikana li kellha l-fabbrika li kkawżat l-imwiet, mankamenti tan-nies, u l-kontaminazzjoni fl-artijiet ta' madwar kienet offriet biss ħlasijiet miżeri għad-danni li kienet ikkawżat.

**<u>Laqgħa Għolja Unjoni Ewropea – Kanada</u>**

Fis-17 ta' Ġunju, kienet saret Laqgħa Għolja bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada ġewwa Bonn, fil-Ġermanja. Huma kienu ffirmaw ftehim fuq l-infurzar tal-liġijiet tal-kompetizzjoni tagħhom u laqgħu l-progress li kien sar bl-implimentar tal-pjan ta' azzjoni flimkien ta' l-1996 u l-inizjattiva varata minnhom fl-1998, u partikolarment fuq il-varar tad-djalogu tal-kummerċ bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea[242].

Huma kienu tħaddtu wkoll dwar il-preparamenti għat-taħdidiet multilaterali li kien imiss dwar il-kummerċ, fejn huma kienu identifikaw oġġettivi li kienu jaqblu dwarhom[243].

Dan kien ftehim ieħor fis-sensiela ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi u organizzazzjonjiet ta' pajjiżi oħra li kollha juru li mhux veru li trid tkun membru ta' l-Unjoni Ewropea biex ikollok xi ftehim magħha li jkun jaqbel għat-tnejn.

Fit-18 ta' Ġunju, kien twaqqaf l-Uffiċċju ta' Kontra l-Frodi Ewropew[244] ta' l-Unjoni Ewropea minħabba l-ammont ta' każijiet ta' frodi li dejjem saru u għadhom isiru mill-fondi ta' l-Unjoni Ewropea.

**<u>Laqgħa Għolja tal-G8</u>**

Bejn it-18 u l-20 ta' Ġunju, kienet saret il-Laqgħa għolja ta' kull sena tal-G8 ġewwa Koln, fil-Ġermanja. F'din il-lagħqa, il-Kapijiet ta' Stat jew Gvern għamlu l-prijoritajiet tagħhom biex ilaħħqu ma' l-isfidi tas-seklu 21, partikolarment il-globalizzazzjoni.

Huma nkludew l-implimentazzjoni ta' politika makroekonomika[245] u riformi strutturali li jmexxu 'l quddiem tkabbir sostenibbli[246], għamlu politika għal aktar impjiegi u t-tisħih ta' salvagwardji soċjali.

Il-Mexxejja qablu dwar appoġġ[247] għall-irkuprar ekonomiku tar-Russja, il-bini ta' sistema ta' kummerċ dinji li taħdem għal kulħadd imsejsa fuq l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, il-varar ta' taħdidiet ġodda ta' negozjati multilaterali wiesha u ambizzjużi, u l-varar ta' inizjattiva li tnaqqas id-dejn għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

---

242 Canada-Europe business dialogue round table
243 Shared objectives
244 European Anti-Fraud Office
245 Appropriate macroeconomic policies
246 Promote sustainable growth
247 Support

Ħarġu wkoll stqarrija fuq kwistjonijiet reġjonali, laqgħu il-Patt ta' Stabbilita Ewropew għax-Xlokk ta' l-Ewropa, u tennew l-appoġġ tagħhom għall-preżenza ċivili internazzjonali u sigurta' internazzjonali fil-Kosovo.

**Laqgħa Għolja Unjoni Ewropea – Ġappun**

Laqgħa għolja bejn l-Unjoni Ewropea kienet saret fl-20 ta' Ġunju bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun, ġewwa Bonn, fil-Ġermanja.

Kemm il-Ġappun kif ukoll l-Unjoni Ewropea enfasizzaw ix-xewqa tagħhom biex itejjbu r-relazzjonijiet ta' bejniethom, partikolarment billi jaħdmu flimkien fuq proġetti fl-isfera politika, kooperazzjoni fil-preparazzjoni għan-negozjati multilaterali tal-kummerċ li kien imiss, u laħqu qbil fuq ftehim bilaterali, jiġifieri bejniethom, dwar rikonoxximent reċiproku[248].

**Laqgħa Għolja Unjoni Ewropea – Stati Uniti**

Fil-21 ta' Ġunju kienet saret Laqgħa Għolja bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti, ġewwa Bonn, fil-Ġermanja. Fi stqarrija li kienu ħarġu flimkien, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti kienu ftehemu li jsaħħu s-sħubija taħt l-Aġenda Ġdida Trans-Atlantika[249], u partikolarment, li jaħdmu flimkien biex ma jħallux iqumu[250] u jħollu kriżijiet internazzjonali.

Huma saħqu fuq l-importanza li bil-mod il-mod titwaqqaf sigurta' Ewropea komuni u politika ta' difiża.

Minn din wieħed jara kemm l-għanijiet militari li dejjem ingħataw importanza kienu se jingħataw importanza akbar aktar 'il quddiem.

Mhux ta' b'xejn li l-Unjoni Ewropea għamlet l-armata tagħha u wara li għall-ewwel kellha tasal sa ċertu bogħod mill-fruntieri ta' l-Unjoni Ewropea, dan il-limitu beda jitkabbar, u l-Unjoni Ewropea kellha toffri wkoll li l-armata tagħha tkun tista' tintbagħat f'kull rokna tad-dinja fuq missjonijiet tal-Ġnus Magħquda.

Wieħed jinnota wkoll li mhux is-sigurta' biss kellha tkun komuni, imma anki d-difiża.

L-iskuża ta' l-Unjoni Sovjetika u l-pajjiżi tal-Patt ta' Varsavja spiċċat fix-xejn bl-isfaxxar ta' l-Unjoni Sovjetika u tal-Patt ta' Varsavja.

Għaldaqstant, m'għadx hemm il-biża ta' attakk mill-Unjoni Sovjetika jew ir-Russja, waqt li l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi li kienu fil-Patt ta' Varsavja issa jridu jsiru membri fl-Unjoni Ewropea.

Mela jekk l-Unjoni Ewropea ma tattakkax lil xi ħadd jew tikkawza danni li xi ħaddieħor ma jkollhiex għalfejn tibża minn xi attakk.

---

[248] Mutual recognition
[249] New Trans-Atlantic Agenda
[250] Prevent

Għaldaqstant, il-fatt li trid li jkun hemm difiża komuni bilfors li għandha l-ħsieb ta' avventuri miltari speċjalment fil-Lvant Nofsani minħabba ż-żejt jew fl-ex kolonji tal-pajjiżi kolonjalisti u imperjalisti li llum huma Stati Membri u li jistgħu jwasslu għal attakki ta' tpattija.

Inkella, minkejja li l-Unjoni Sovjetika sfaxxat u r-Russja suppost li m'hijiex b'saħħitha biżżejjed biex tkun ta' theddida, il-verita' hija li r-Russja għadha superpotenza, għalkemm b'inqas saħħa, u l-Unjoni Ewropea għadha tibża minnha.

**Jekk dan huwa l-każ, in-newtralita' u n-non-allinjament fil-Kostituzzjoni ta' Malta għadhom aktar milli relevanti kontra dak li jgħidu dawk li għandhom interess li Malta terġa' ssir kolonja u bażi militari tal-barrani.**

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti qablu wkoll li jwaqqfu sistema ta' twissija kmieni[251] li tħalli liż-żewġ naħat li jindunaw b'sinjali ta' twissija[252] ta' konflitti potenzjali[253] kmieni biżżejjed biex jikkalmaw is-sitwazzjoni, u għaldaqstant, jiskansaw kwistjonijiet fuq il-kummerċ li jagħmlu l-ħsara[254].

Huma taw attenzjoni sewwa lill-Kosovo u x-Xlokk ta' l-Ewropa u fittxu kif jistgħu jagħmlu l-aħjar użu[255] tal-kooperazzjoni tagħhom biex jiffaċilitaw il-bini mill-ġdid tar-reġjun. Qablu wkoll li l-Kummissjoni kellha taħdem mal-Bank Dinji biex tikkordina l-attivitajiet ta' dawk li kienu jagħtu l-għajnuna[256].

## Id-Dikjarazzjoni ta' Rio

Mill-qasam internazzjonali, bejn it-28 u d-29 ta' Ġunju kienet ġiet adottata id-Dikjarazzjoni ta' Rio fl-għeluq ta' l-ewwel Laqgħa Għolja tal-Kapijiet ta' Stat u Gvernijiet ta' l-Unjoni Ewropea, pajjiżi mill-Amerika Latina u l-Karibbew. Din id-dikjarazzjoni tissejjah id-Dikjarazzjoni ta' Rio għaliex il-laqgħa li kienet adottat din id-dikjarazzjoni kienet saret ġewwa Rio de Janiero, fil-Brażil.

Il-laqgħa saħqet fuq l-importanza li tiġi żviluppata sħubija strateġika[257] bejn iż-żewġ reġjuni u għamlet 55 prijoritajiet għal azzjoni, jiġifieri li kellha tittieħed azzjoni fuqhom qabel affarijiet oħra.

Il-prijoritajiet politiċi kienu jinkludu kooperazzjoni fil-fora internazzjonali[258], il-ġlieda kontra l-kriminalita' organizzata[259], korruzzjoni, drogi u terroriżmu, prevenzjoni ta' diżastri u żvilupp sostenibbli.

Fil-qasam ekonomiku, il-prijorita' ingħatat għal azzjoni flimkien[260] fuq l-implimentazzjoni r-riżultati tat-taħdidiet ta' l-Urugwaj[261], il-varar ta' negozjati

[251] Early warning system
[252] Warning signs
[253] Potential conflicts
[254] Damaging trade disputes
[255] Optimal use
[256] Donor activities
[257] Strategic partnership
[258] International forums
[259] Combating organised crime
[260] Joint action

multilaterali ġodda li jkunu ta' benefiċċju għall-partijiet kollha[262] u l-konsolidament tas-sistema finanzjarja internazzjonali.

Il-Kapijiet ta' Stat jew Gvern sejħu wkoll lill-Bank ta' Investiment Ewropew biex iżid l-attivitajiet tiegħu fl-Amerika Latina u l-Karibbew.

Mill-1 ta' Lulju, il-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għaddiet għand il-Finlandja.

**Miżuri minħabba d-Diossina**

Fid-9 ta' Lulju, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea addottat deċiżjoni fuq miżuri protettivi dwar il-kontaminazzjoni bid-diossina ċerti prodotti ta' l-annimali maħsuba biex jiġu kkunsmati min-nies jew annimali, kif ukoll deċiżjonijiet dwar l-awtorizzazzjoni fuq pakkett ta' għajnuna għall-irziezet u l-kummerċjanti[263] li kienu affettwati bil-kriżi tad-diossina fil-Belħju.

**Laqgħa mal-Pajjiżi Kandidati**

Fid-19 ta' Lulju, skond il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew li kien iltaqa' ġewwa Vjenna, fl-Awstrija, kienet saret laqgħa bejn il-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin tal-15-il Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea, l-10 pajjiżi kandidati ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, Ċipru, Malta u l-Isvizzera, ġewwa Brussell, fil-Belġju.

Din il-laqgħa ffukat l-attenzjoni tagħha fuq il-ġlieda kontra l-kriminalita' organizzata transnazzjonali[264] u s-sitwazzjoni fil-Balkani tal-Punent.

Fl-20 ta' Lulju, il-Parlament Ewropew kien ħatar Ms Nicole Fontaine bħala President tal-Parlament.

**Il-Kummissjoni u ċ-Ċanga**

Fit-23 ta' Lulju, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea addottat deċiżjoni li biha waqqfet l-1 ta' Awissu bħala d-data li fiha prodotti taċ-ċanga li setgħu jibdew jiġu mibgħuta taħt l-iskema ta' esportazzjoni msejsa fuq id-data setgħet tibda, minħabba li aktar qabel kienet twaqqfet kaġun tal-marda tal-baqra l-miġnuna.

Dan ifisser li l-Istati Membri ma kienux ħielsa li jwaqqfu u ma jħallux ċanga minn xi Stat Membru ieħor tidħol għandhom minħabba problemi ta' saħħa imma kellhom jistennew l-ordni mingħand il-Kummissjon, kif ukoll li la darba l-Unjoni Ewropea kienet ordnat li din iċ-ċanga tista' terġa' tibda tiddaħħal, huma kellhom bilfors iħalluha tidħol minkejja li seta' għad kellhom tħassib dwar jekk il-marda kinitx tassew inqerdet.

---

[261] Uruguay round
[262] Mutually beneficial
[263] Businesses
[264] Transnational, jiġifieri l-organizzazzjoni tkun f'aktar minn Stat Membru wieħed biex, bħala eżempju, affarijiet misruqa fi Stat jinbiegħu fi Stat Membru ieħor

## Żviluppi Oħra

Fit-28 ta' Lulju, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea kompliet bit-tradizzjoni tagħha li toħroġ il-karti. Din id-darba kien imiss li toħroġ Karta[265] dwar ir-risponsabbilta' ta' prodotti difettużi.

Fit-30 ta' Lulju, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali kien għamel l-ewwel konvenzjoni fuq "ir-Rwol u l-Kontribuzzjoni tas-Soċjeta' Ċivili organizzata fl-Integrazzjoni Ewropea".[266]

Fit-30 ta' Awissu, il-Kumitat ta' Esperti Indipendenti tal-Parlament Ewropew ħareġ it-tieni rapport tiegħu. Bejn it-30 ta' Awissu u s-7 ta' Settembru, kienu nstemgħu mill-Parlament Ewropew dawk li kellhom jinħatru bħala l-Kummissarji l-ġodda tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea. Fil-15 ta' Settembru, il-Parlament Ewropew kien ivvota fuq u approva l-Kummissjoni l-ġdida ta' l-Unjoni Ewropea wara li dik ta' qabilha kellha tirriżenja minħabba akkużi ta' korruzzjoni u nepotiżmu.

## Pornografija

Il-passi enormi li għamlu l-mezzi ta' komunikazzjoni speċjalment permezz ta' l-internet wasslu biex dan is-servizz jibda jiġi abbużat b'ħafna metodi, imma l-aktar bil-pornografija.

Għalkemm kull pornografija hija kundannabbli minħabba li tkun qed tesplojta lil nies oħra għall-flus, il-pornografija fejn jidħlu t-tfal hija aktar kundannabbli.

Tant kienet tferrxet il-pornografija tat-tfal fuq l-internet, li bejn id-29 ta' Settembru u l-1 ta' Ottubru, kienet saret Konferenza Internazzjonali biex tiġġieled il-pornografija tat-tfal fuq l-internet. Din il-konvenzjoni kienet saret ġewwa Vjenna, fl-Awstrija.

M'hemmx dubju li kull kooperazzjoni bejn kull Stat u kull organizzazzjoni f'dan il-qasam tant delikat hija mill-aktar meħtieġa u mixtieqa biex min qiegħed jesplojta t-tfal għal skop ta' sess, kemm jekk fuq l-internet u kemm jekk le, jinqabdu u jieħdu dak kollu li ħaqqhom.

Fil-fatt, il-kooperazzjoni internazzjonali fil-ġlieda kontra l-pornografija tat-tfal tat ir-riżultati u wasslet biex anki hawn Malta nqabad min kien qiegħed imexxi din il-pornografija.

Bejn il-11 u l-14 ta' Ottubru, kienet saret id-29 Assemblea Flimkien bejn il-pajjiżi Afrikani, tal-Karibbew u tal-Paċifiku ġewwa Nassau, fil-Baħamas.

## Il-Corpus Juris u l-Kunsill ta' Tampere

Wieħed aktarx sema bil-liġi kriminali ta' l-Unjoni Ewropea, jew kif hija magħrufa uffiċjalment, bħala l-Corpus Juris, li anki f'dan il-ktieb għamilt referenza għaliha.

---

[265] Green Paper on liability for defective products
[266] Role and Contribution or organised Civil Society in Ewropean Integration

Minħabba l-importanza tagħha fuq iċ-ċittadini kollha ta' kull Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea, irrid bilfors nidħol ftit fuqha biex naraw fil-qosor ħafna xi affarijiet li se jkissru d-drittijiet ta' kull ċittadin fejn tidħol il-liġi kriminali.

Dan barra li aktar tard il-mandat ta' arrest Ewropew kif maħsub fiha ġie approvat u daħal fis-seħħ. Imma l-ewwel ħa naraw meta sar qbil fuqha u xi skużi kienu nġiebu biex tidħol din il-liġi.

Bejn il-15 u s-16 ta' Ottubru, kien sar Kunsill Speċjali Ewropew ġewwa Tampere, fil-Finlandja. Kien intlaħaq qbil fuq numru ta' linji ta' gwida u prijoritajiet politiċi, partikolarment fuq id-dritt ta' refuġju[267], l-immigrazzjoni, aċċess għall-ġustizzja, u l-ġlieda kontra l-kriminalita'[268]. Ittieħdu wkoll deċiżjonijiet fuq il-proċeduri biex tiġi abbozzata Karta tad-Drittijiet Fundamentali[269].

Meta wieħed jara dawn il-kliem sbieħ bħal refuġju, immigrazzjoni, aċċess għall-ġustizzja u l-ġlieda kontra l-kriminalita' jaqbel magħhom mingħajr ma joqgħod jaħseb xi jkun se jsir u xi jkun hemm warajhom.

Għalkemm jissemmew dawn l-affarijiet, jiena nfakkar biss il-kwistjoni tal-ġlieda kontra l-kriminalita' li splodiet 'il fuq bit-tneħħija tal-fruntieri bejn l-Istati Membri.

Madankollu, irrid infakkar li dawn kollha juru li d-drittijiet ta' l-Istati Membri f'dawn l-oqsma spiċċaw għand l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri jkollhom jagħmlu dak kollu li tiddeċiedi l-Unjoni Ewropea f'dawn l-oqsma.

Kif għedt, f'dan il-Kunsill kien sar qbil dwar dak li huwa magħruf bħala Corpus Juris u aktar qabel tajt xi ftit tagħrif dwar il-ħniżrijiet li fiha din il-liġi kriminali ta' l-Unjoni Ewropea. Madankollu, dan huwa suġġett li jinħtieġ ktieb għalih waħdu biex jiġi ttrattat sewwa.

## L-Ossessjoni tad-Difiża

L-ossessjoni li għandhom il-pajjiżi Ewropej speċjalment dawn ta' l-Unjoni Ewropea dwar is-sigurta' u d-difiża hija kbira.

Hemm in-NATO, l-Għaqda Ewropea tal-Punent[270], u issa hemm l-armata ta' l-Unjoni Ewropea.

Din l-ossessjoni tkompli tidher meta bejn it-18 u d-19 ta' Ottubru, kienet saret sessjoni speċjali ta' l-Assemblea ta' l-Għaqda Ewropea tal-Punent ġewwa l-Lussemburgu fuq "Sigurta' u Difiża, l-Isfida għall-Ewropa wara Cologne"[271].

Fid-19 ta' Ottubru, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea ippubblika l-ewwel rapport ta' kull sena tiegħu dwar id-drittijiet tal-Bniedem[272].

---

267 Asylum
268 Combating crime
269 Charter of Fundamental Rights
270 Western European Union
271 Security and Defence, the challenge for Ewrope after Cologne
272 First Annual Report on Human Rights

## Laqgħa Għolja Unjoni Ewropea – Russja

Laqgħa għolja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Russja kienet saret fit-22 ta' Ottubru ġewwa Ħelsinki, fil-Finlandja. Il-ġlied fiċ-Ċeċnja kien ingħata importanza waqt din il-Laqgħa Għolja.

Hawnhekk wieħed jara li minkejja d-differenzi kbar li hemm bejn l-Unjoni Ewropea u r-Russja, fejn ikun jaqbel għat-tnejn kulħadd jipprova jitħadded biex jekk jista' jkun anki jikseb il-qbil ta' Stati jew organizzazzjonijiet oħra kif ukoll anki għajnuna barranija f'dak kollu li jkun jinħtieġ.

## Il-Każ Sirdar

Il-Qorti ta' l-Unjoni kienet iddeċidiet[273] fil-każ Sirdar, maqtugħ fis-26 ta' Ottubru, li deċiżjonijiet nazzjonali dwar l-organizzazzjoni u l-immaniġġjar tal-forzi armati jridu ġeneralment josservaw il-prinċipju ta' trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel.

Il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea qalet li l-liġijiet ta' l-Istati Membri fejn jidħlu l-forzi armati ma kinux għal kollox barra mill-għan tal-liġi tal-Komunita', jiġifieri ta' l-Unjoni Ewropea. F'dan il-każ partikolari, il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea qalet li l-eskluzjoni tan-nisa minn riġment tal-komandos kienet ġustifikata[274].

Li jrid jittieħed f'kunsiderazzjoni huwa li minkejja dak li jgħidu l-liġijiet ta' l-Istati Membri, il-liġijiet tagħhom jaqgħu taħt il-liġi ta' l-Unjoni Ewropea, u kienet il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea li ddeċidiet jekk Stat Membru setgħax ma jħallix nisa f'ċerti mpjiegi jew le fl-armata tiegħu, u mhux dak l-Istat Membru.

Aħseb u ara jekk l-Unjoni Ewropea tiddeċiedi li għandha tiddaħħal il-lieva kemm jistgħu ma jobdux l-Istati Membri.

## Żviluppi Oħra

Fit-28 ta' Ottubru, fil-Qorti ta' l-Ewwel Istanza kienet ingħatat l-ewwel sentenza minn imħallef wieħed. Fil-25 ta' Novembru, Philippe Maystadt ġie appuntat President tal-Bank ta' Investiment Ewropew, waqt li fis-26 tax-xahar il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea ħarġet rapport fuq l-espożizzjoni għad-diossina u s-saħħa.

---

[273] Judgment of the Court of 26 October 1999. Angela Maria Sirdar v The Army Board and Secretary of State for Defence. Reference for a preliminary ruling: Industrial Tribunal, Bury St Edmunds - United Kingdom. Equal treatment for men and women - Refusal to employ a woman as a chef in the Royal Marines. Case C-273/97. European Court reports 1999 Page I-07403

[274] THE COURT, in answer to the questions referred to it by the Industrial Tribunal, Bury St Edmunds, by decision of 28 April 1997, hereby rules:
1. Decisions taken by Member States in regard to access to employment, vocational training and working conditions in the armed forces for the purpose of ensuring combat effectiveness do not fall altogether outside the scope of Community law.
2. The exclusion of women from service in special combat units such as the Royal Marines may be justified under Article 2(2) of Council Directive 76/207/EEC of 9 February 1976 on the implementation of the principle of equal treatment for men and women as regards access to employment, vocational training and promotion, and working conditions, by reason of the nature of the activities in question and the context in which they are carried out.

Bejn it-30 ta' Novembru u t-3 ta' Diċembru, kienet saret il-laqgħa tal-millennju ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ġewwa Seattle, fl-Istati Uniti. Din il-laqgħa supppost li kellha tvara taħdidiet ġodda fuq il-kummerċ, imma spiċċat b'dawk kollha li ħadu sehem ma jistgħux jaqblu fuq kif kellhom jiftehemu.

Aktar jiftakru fil-protesti kbar li kienu saru u fil-ġlied kbir li kien hemm minħabba li l-pajjiżi ż-żgħar u fqar kienu qed iħossu li kienu qed ikomplu jiftaqru kif ukoll li l-ħaddiema mad-dinja kollha qed iħossu li din l-Organizazzjoni u l-membri tagħha kull ma qed jagħmlu huwa biex ikomplu jesplojtaw lill-ħaddiema u jkabbru l-ġid tal-kumopaniji multinazzjonali. Dan jixhduh il-protesti kbar li saru kull fejn kien hemm xi laqgħa ta' din l-organizzazzjoni.

Fid-9 ta' Diċembru, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea ddeċidiet fuq Assoċjazzjoni tal-Komunita'[275] u Għajnuna għar-Rikostruzzjoni[276] għall-Balkani tal-Punent[277].

## Kunsill Ewropew ġewwa Ħelsinki

Bejn l-10 u l-11 ta' Diċembru, kien sar Kunsill Ewropew[278] ġewwa Ħelsinki, fil-Finlandja. Il-Kunsill iddeċieda li jiftaħ in-negozjati mar-Rumanija, is-Slovakkja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Bulgarija u Malta, kif ukoll irrikonoxxa lit-Turkija bħala pajjiż applikant. Il-Kunsill qabel ukoll fuq il-Konferenza Intergovernmentali biex tirrevedi t-Trattati fi Frar 2000.

## Laqgħa Għolja Unjoni Ewropea - Kanada

Fis-16 ta' Diċembru, kienet saret Laqgħa Għolja ġewwa Ottawa, fil-Kanada. Iż-żewġ naħat addottaw stqarrija flimkien fuq il-kummerċ permezz ta' l-internet u s-soċjeta' ta' nformazzjoni[279], kooperazzjoni bejn it-Tramuntana u fuq armamenti ħfief.

Huma tkellmu wkoll fuq ir-riżultati tal-konferenza ministerjali ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ li kienet saret ġewwa Seattle, fl-Istati Uniti, ftit jiem qabel, fuq affarijet tal-kummerċ, u faħħru s-suċċess tat-taħdidiet ta' bejniethom.

Hawnhekk irrid infakkar fl-istorbjijiet kbar li kienu saru u l-protesti kontra din l-Għaqda minħabba li qiegħda tmexxi kollox lejn il-globalizzazzjoni fil-kummerċ ħieles, fejn il-qliegħ tal-kumpaniji multinazzjonali qiegħed dejjem ikompli jikber waqt li l-ħaddiema u l-pajjiżi fqar dejjem qegħdin ikomplu jiftaqru.

## Laqgħa Għolja Unjoni Ewropea – Stati Uniti

Fis-17 ta' Diċembru, kienet saret Laqgħa Għolja bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti ġewwa Washington, fl-Istati Uniti. Huma addottaw stqarrija flimkien fuq l-Ewropa tax-Xlokk, iċ-Ċeċnja, id-dimensjoni tat-Tramuntana ta' l-Ewropa, armi żgħar, u l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

---

275 Community Association
276 Reconstruction Assistance
277 CARA Programme
278 Various trade dossiers
279 E-commerce and the information society

Dwar l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, iż-żewġ naħat ftehemu li jkomplu l-preparamenti għal taħdidiet multilateali ġodda mill-aktar wiesha u saħqu fuq il-ħtieġa li jagħmlu x-xogħol ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ aktar trasparenti u n-negozjati aktar jappellaw għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Huma qablu wkoll li jkabbru l-kooperazzjoni fuq il-ġustizzja u l-affarijiet interni u fuq il-bioteknoloġija.

## Rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri

Fis-16 ta' Diċembru, kien ħareġ Rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar attivitajiet ta' riċerka fl-oqsma ta' l-agrikoltura u sajd.

F'dan ir-rapport, jissemmew passi li l-Kummissjoni kienet ingħatat pariri biex tirranġa aktar qabel biex ikun hemm trasparenza fuq kif kienu qed jintefqu l-flus u jingħataw il-kuntratti u li baqgħet ma għamlet xejn.

Fil-fatt, f'paġna 17 tar-Rapport hemm diversi osservazzjonijiet ta' dak li kellha tagħmel il-Kummissjoni u xi affarijiet li ma kinux isiru kieku hija kienet għamlet jew ħadet il-passi li kienu ġew issuġġeriti lilha qabel. Dan ir-Rapport huwa ppubblikat ukoll fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea[280].

Il-Kummissjoni ma kellhiex għaġġla biex tirranġa s-sitwazzjoni, tant li kien sena u nofs wara li l-Kummissjoni kienet ħarġet Deċiżjoni dwar x'kellhom jagħmlu l-Istati Membri minħabba dak li kien qal il-Qorti ta' l-Awdituri fir-rapport tiegħu. Din ukoll tinsab ippubblikata fil- Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea[281].

## Laqgħa Għolja Unjoni Ewropea – Ċina

Laqgħa Għolja bejn l-Unjoni Ewropea u ċ-Ċina kienet saret ġewwa Bejġing, fiċ-Ċina, fil-21 ta' Diċembru. It-taħdidiet ikkonċentraw fuq il-proċess ta' rifoma fiċ-Ċina, kwistjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem, relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali, u partikolarment id-dħul taċ-Ċina fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

Matul il-laqgħa, kienet twaqqfet Kamra tal-Kummerċ bejn iċ-Ċina u l-Unjoni Ewropea[282] ġewwa Bejġing, fiċ-Ċina. Kien ukoll imħabbar li kellu jitkompla d-djalogu dwar il-kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u ċ-Ċina[283].

Hekk spiċċa l-millennju u s-seklu li kien ra żewġ gwerer dinjija, numru kbir ta' gwerer oħra, it-twelid ta' ħafna Stati ġodda wara li kienu ħadu l-Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita' mingħand il-ħakkiema kolonjali tagħhom, l-isfaxxar ta' Imperi, it-twaqqif tal-Lega tan-Nazzjonijiet li kienet spiċċat u warajha saret il-Ġnus Magħquda, u ħafna żviluppi oħra li mhux il-post li noqgħod infakkarhom hawnhekk.

[280] Official Journal of the European Communities OJ C 92 30.03.2000 p1 sa 32
[281] Commission Decision of 19 Septembr 2001 (2001/699/EC) OJ L 251 20.09.2001 p11 sa 12
[282] China-EU Chamber of Commerce
[283] EU-China business dialogue